# IL-ĦAJJA f'Għawdex

Lm 0.86c / € 2

Novembru 2007 * LEĦEN L-GĦAWDXIN GĦAL 62 SENA * Nru. 892




# TIĠI SALTNATEK!


Is-Seminarju ta' Għawdex jippreżenta
RAĠĠ TA' DAWL
dramm maqlub għall-Malti minn Mons. Salv Borg
Il-Ħadd 25 ta' Novembru fis-6.30pm
Is-Sibt 1 ta' Diċembru fis-7.00pm
Il-Ħadd 2 ta' Diċembru fis-6.30pm
Biljetti mill-Uffiċċju Parrokkjali u mis-Seminarju
Tel: 21556479, 99228367
2007

**IL-ĦAJJA f'Għawdex**

**Imwaqqfa f'Ġunju 1945**
***Ħarġa nru. 892***
***Novembru 2007***
**Maħruġa mid-Djoċesi ta' Għawdex**

***Direzzjoni u Amministrazzjoni*:**
**Lumen Christi Media Centre**
**Triq Fortunato Mizzi,**
**Victoria - Għawdex VCT 111**
**Tel. 21560496/7 Fax. 21561860**
***e-mail*: gozopress@onvol.net**

**Abbonament: €10 / Lm4.30**
**Sostenitur: €15 / Lm 6.44**

**Issettjata u Stampata:**
***"Gozo Press" Tel.21551534***

*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.*

## f'din il-ħarġa

Editorjal • 3
Il-Ħajja fid-Djoċesi • 4
X'jgħidilna l-Isqof • 6
Kummentarju (1) • 7
X'għadda minn għalina • 9
Riflessi • 15
Kummentarju (2) • 16
L-Intervista • 18
Għawdex fil-Baġit 2008 • 20
Ġenituri Nsara... bil-fatti! • 21
Kotba minn Għawdex • 24
Letteratura Għawdxija • 25
Dawl għall-Ħajja • 26
Il-Misteru tal-Knisja (8) • 28
Snajja Antiki (4) • 30
NGOs Għawdxin • 32
Żjajjar tar-Reġina f'Għawdex • 34
Ir-Red Cross f'Għawdex • 36
Passiġġata Biblika (30) • 38
Għawdex 300 sena ilu (158) • 40
Mill-Kunsilli Lokali Għawdxin: Nadur • 41
Xhieda Nisranija • 43
Attwalità • 44
Apprezzament • 45
Mediċina • 46
Tisliba • 48
Mix-Xena Sportiva f'Għawdex • 49
Imkejjen Għawdxin (4): In-Nadur • 50

**Ritratti:** *Ħajr lil Joe Zammit, George Scerri, Alvin Scicluna, Max Xuereb, John Cordina, Joseph Vella, Kunsilli Lokali ta' Għawdex u diversi parroċċi Għawdxin għal diversi ritratti li jidhru f'din il-ħarġa.*
**Ritratt tal-Qoxra:** *"L-Għolja tas-Salvatur", Joseph J.P. Zammit.*




# *Il-Vokazzjoni Rurali f'Għawdex*

*Darba waħda, m'ilux ħafna, Għawdex u l-biedja kienu, fil-ħsieb nazzjonali, assoċjati ma' xulxin fil-qrib. Xieraq u sewwa li niflu jekk dan għadux hekk.*

*Missirijietna kienu marbutin ma' l-art b'sentiment ta' qdusija. Kienu jgħożżu kull roqgħa raba' saqwi jew bagħli u jħarsu kull ponn ħamrija. Il-ħitan tas-sejjieħ ma' l-isdra mtarrġin ta' l-għoljiet Għawdxin u l-ġwiebi mibnijin b'sengħa għall-ħażna ta' l-ilma kienu xhieda ta' dan l-għaqal u din il-bżulija.*

*Jidher li d-drawwa ta' ħsieb, li Għawdex gżira agrikola, m'għadhiex popolari fostna. Għal ħafna minna, roqgħa art hija prezzjuża biss jekk għandha magħha l-permessi meħtieġa biex tista' tinbena. Firxiet kbar ta' raba' jibqgħu sena wara l-oħra ma jinħadmux; il-ħitan tas-sejjieħ imwaqqgħin, bil-ħamrija tinġarr mal-ħamla wara kull ħalba xita qawwija. L-industrija tal-bini-bini-bini għattiet raba' għammieli, ħalliet grieħi u sfreġji fix-xagħri u tellgħet sulari monotoni li jaħbu mill-kotra x-xenarji. Xi widien huma mitluqin, bl-ilqugħ għall-ilma, li ilu kienu nbnew, ingombrati b'saffi ta' terrapien u imbarazz. L-ilma ta' taħt l-art bagħbasnieh bit-tidmil żbaljat u bil-'boreholes' bla kontroll. Dan kollu biex għall-flejjes nirkbu l-makna 'roller-coaster' ta' l-iżvilupp!*

*Tabilħaqq li f'dawn l-aħħar snin kien hawn qawmien tal-kultura tad-dielja u taż-żebbuġ. Il-koltivazzjoni tal-faqqiegħ f'Għawdex hija wkoll ħidma li rnexxiet. Fl-industrija tad-tadam ipproċessat għandna xempju ta' professjonalità u ta' prodott ġenwin. X'uħud mill-bdiewa tagħna huma ħawtiela u ta' ħila u meddew għonqhom għat-tkabbir tal- prodott organiku. Iżda dawn huma ftit. Qiegħed ukoll isir tentattiv ta' proġett fl-agro-turiżmu. Dawn l-istejjer ta' suċċess għandhom jixprunaw oħrajn u mhux jaqtgħu l-qlub.*

*Bħal f'ħafna oqsma oħra, il-Kummissjoni Ewropea, fil-qasam tal-biedja wkoll, tieħu inizjattivi biex tagħti direzzjoni. Hemm fondi biex jinbnew il-ħitan tas-sejjieħ. Effett tagħhom jidher f'xi tliet inħawi. Imma jekk dawn il-fondi qegħdin jittieħdu, meta se jibda jidher f'Għawdex xi riżultat mifrux?*

*Il-Kummissjoni Ewropea tniedi wkoll konkors, imsejjaħ 'European Destinations of Excellence', (Destinazzjonijiet Ewropej ta' Eċċellenza). Din hi inizjattiva bil-għan li tiġbed l-attenzjoni għall-valur, diversità u karatteristiċi komuni ta' destinazzjonijiet turistiċi Ewropej u biex tippromovi destinazzjonijiet fejn it-tkabbir ekonomiku huwa mmexxi b'mod li jiżgura l-iżvilupp sostenibbli soċjali, kulturali u ambjentali tat-turiżmu. Il-konkors ta' din is-sena kien għal 'Best Emerging Rural Destinations' (l-Aqwa Destinazzjonijiet Rurali fil-fażi ta' Żvilupp). L-onorifiċenza għal pajjiżna ħadha l-proġett ippreżentat mill-Kunsill Lokali intraprendenti tan-Nadur (ara paġni 41-42).*

*Inkun forsi idealist jekk nikteb li Għawdex kollu, li tradizzjonalment kien gżira agrikola mżejna minn qaddisha b'ħafna preġji, jixraqlu li jkun fost il-'Best Emerging Rural Destinations'. Dan jista' jseħħ jekk għal gżiritna jitfasslu policies skond il-prinċipji tad-Destinazzjonijiet Ewropej ta' Eċċellenza u jekk bħala poplu, flimkien ma' l-awtoritajiet, nagħmlu impenn kollettiv biex inħarsu u norqmu l-ambjent naturali. Il-figuri ta' l-Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika (2005) ma tantx huma inkuraġġanti. Filwaqt li f'Għawdex kien hawn 421 jaħdmu 'full-time' fl-agrikoltura, fl-industrija tal-kostruzzjoni kien hawn 922. Id-direzzjoni hija ċara; ċertament ma teħux lejn il-'Best Emerging Rural Destination'. Min għandu għajnejn biex iħares, jaqbel li jara!*

**Joseph W. Psaila**




***Pjan Pastorali għas-Sena 2007-2008***

L-Erbgħa 3 ta' Ottubru ltaqgħet l-Assemblea Djoċesana, li għaliha kienu mistiedna l-membri tal-kunsilli parrokkjali flimkien ma' l-għaqdiet u l-movimenti preżenti fil-parroċċi. L-għan tal-laqgħa kien li jiġi ppreżentat il-Pjan Pastorali Djoċesan għal din is-sena, bit-tema 'Kunu Ħbieb ta' l-Evanġelju'. Sar diskors mill-Isqof u wara ġie preżentat il-pjan pastorali. Kien hemm ukoll mument ta' talb. Bħala parti mill-istess pjan, f'din il-laqgħa ġiet imnedija l-"iSkola ta' Formazzjoni għall-Ministeri". L-għan ta' din l-Iskola ta' Formazzjoni hu biex il-lajċi impenjati fil-ministeri, jew dawk il-lajċi li jħossuhom imsejħa biex jaqdu xi ministeru fil-Knisja, ikollhom formazzjoni teoloġika ġenerali u speċifika, flimkien ma' formazzjoni teknika, biex ikunu jistgħu jaqdu l-ministeru afdat lilhom b'mod effikaċi u effettiv. Tul is-snin li ġejjin, l-Iskola ta' Formazzjoni se toffri korsijiet li għandhom x'jaqsmu mal-katekeżi, il-liturġija, is-servizzi tad-djakonija u l-familja. Għal din is-sena, id-Djoċesi qed tistieden lil dawk li huma impenjati fil-katekeżi u lil dawk li jixtiequ jimpenjaw ruħhom fil-katekeżi, partikolarment tat-tfal u ta' l-adolexxenti, biex jidħlu għal dan il-kors ta' formazzjoni. Saret ukoll enfasi sabiex kull min hu attiv fil-ħajja tal-parroċċa/komunità tiegħu, jkun qed jagħmel mixja ta' formazzjoni nisranija fi ħdan il-komunità.

Il-Pjan Pastorali, l-orjentamenti ġenerali u prattiċi li joffri, flimkien ma' l-għanijiet tiegħu, ġew ippreżentati lis-saċerdoti kollha, nhar is-6 tax-xahar. Fl-istess laqgħa ġiet ippreżentata wkoll lill-qassisin l-"iSkola ta' Formazzjoni għall-Ministeri".

Nhar l-24 tax-xahar sar seminar għall-kappillani f'dar Manresa, li beda permezz tat-talb ta' Sbiħ il-Jum. Saret introduzzjoni mill-E.T. Mons. Isqof Mario Grech u s-Segretarju Pastorali Dun Giovanni Curmi ippreżenta l-linji pastorali għad-djoċesi għas-sena 2007/2008. Il-kappillani kollha ippreżentaw il-pjan pastorali li ħejjew għall-parroċċi tagħhom, mibni fuq il-linji tal-Pjan Pastorali Djocesan. Wara kull preżentazzjoni kien hemm diskussjoni u anke *sharing* ta' materjal għall-pastorali. Sar ukoll xi qsim ta' ideat dwar iċ-ċelebrazzjoni tal-liturġija fil-parroċċi u anke dwar il-gruppi tal-*Lectio Divina*.





Il-Komunità Anawim qegħda torganizza sensiela ta' laqgħat ta' formazzjoni dwar is-suġġetf "Kif nitkellem dwar Alla ma' dawk li qegħdin ifittxu lil Alla". Il-laqgħat jinżammu kull tieni, tielet u raba' Ġimgħa ta' kull xahar u għalihom huma mistiedna b'mod speċjali *youth leaders*, katekisti, diriġenti ta' l-Għaqdiet Reliġjużi, u għalliema tar-Reliġjon. Il-laqgħat isiru f'Dar Ġużeppa Debono fis-6.00p.m. Imexxu: Joyce Cassar, Fr. Renè Camilleri u Fr. Paul Sciberras. L-ewwel laqgħa saret nhar il-Ġimgħa 19 ta' Ottubru.

***Saċerdoti***

Nhar it-Tlieta, 9 tax-xahar, sar il-funeral ta' Mons. Ġużeppi Bajada mill-parroċċa tal-Fontana. Il-funeral tmexxa mill-Eċċ. Tiegħu Mons. Nikol Ġ. Cauchi, li tiegħu, Mons. Bajada kien kollaboratur ewlieni. Fil-quddiesa ħadu sehem diversi saċerdoti kif ukoll l-Isqof Mario Grech li għamel l-omelija. Fuq l-eżempju ta' Dun Ġużepp, l-Isqof ħeġġeġ lis-saċerdoti preżenti biex jaħdmu għall-għaqda akbar mar-ragħaj tagħhom u bejniethom, f'sens ta' komunjoni fraterna. L-Isqof tenna l-importanza tat-talb fil-ħajja tan-nisrani u għalaq ir-riflessjoni tiegħu billi ħeġġeġ sabiex "nitolbu u naħdmu biex il-komunjoni m'Alla u dik ekkleżjali jagħtuna ħjiel tas-sbuħija li hemm tistenniena meta naraw lil Alla wiċċ imb'wiċċ".

Matul ix-xahar ta' Ottubru, f'żewġ mumenti separati, ltaqgħu flimkien is-saċerdoti ta' Żona D, magħmula min-Nadur u x-Xagħra, u Żona B, iffurmata minn San Lawrenz, Għarb, Għasri u Żebbuġ. F'dawn il-mumenti flimkien għas-saċerdoti li jaqdu f'dawn il-parroċċi, saret *Lectio Divina* mmexxiha minn Dun Joseph Sultana.

Matul ix-xahar ta' Ottubru, żewġ saċerdoti fid-djoċesi tagħna bdew ħidma ġdida. Dun Gerard Buhagiar, mix-Xagħra, ġie maħtur ir-rettur il-ġdid tas-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu. Huwa qed jissuċċiedi lil Dun Michael Galea, li kien rettur għal dawn l-aħħar sitt snin u li offra li jibqa' bħala wieħed mis-saċerdoti kollaboraturi tas-Santwarju. Dun Franz Refalo, mir-Rabat, membru fl-Istitut Saċerdotali tal-*Apostolici Sodales* (fi ħdan il-Moviment *Pro Sanctitate*) ġie nominat kappillan tal-parroċċa ta' San Liborju ġewwa Ruma. Hu qed jissuċċiedi saċerdot Għawdxi ieħor, membru ta' l-istess Istitut Saċerdotali, Mons. Pawlu Cardona, li issa sar l-arċipriet il-ġdid tal-parroċċa ta' San Ġorġ.

***Seminarju***

Is-Seminarju Maġġuri tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù ta bidu formalment għal sena oħra akkademika permezz tal-Quddiesa ta' l-Ispirtu s-Santu, immexxija mill-Isqof, bis-sehem tal-professuri u s-superjuri tas-Seminarju. Wara saret laqgħa mal-professuri dwar is-sena akkademika li kienet qed tibda.

Fl-aħħar weekend ta' Ottubru, il-kumpless sportiv tas-Seminarju organizza l- Maratona Sportiva "Għin biex trebbaħna". Dan l-appuntament annwali, daħal sew fil-kalendarju ta' ħafna adoloxxenti u żgħażagħ Għawdxin li ta' kull sena jipparteċipaw bi ħġarhom biex jgħaddu 36 siegħa ta' logħob u divertiment fil-*gym* tas-Seminarju. Din is-sena ħadu sehem 'l fuq minn 800 parteċipant fil-logħob, u 'l fuq minn 100 persuna oħra li kantaw,



daqqew jew żifnu. Sa kemm inkitbet din il-paġna kienet nġabret is-somma sabiħa ta' Lm 1,971.28 u €19.60.

***Jum il-Missjoni***

Bi tħejjija għall-Ġurnata Missjunarja, tal-Ħadd 21 ta' Ottubru, saret laqgħa għaż-żelaturi/żelatriċi tal-Missjoni ta' kull parroċċa, flimkien ma' l-Isqof u d-direttur ta' l-Uffiċċju Missjunarju, Mons. Anton Saliba. Wara diskors ta' l-Isqof ġie ppreżentat ir-rendikont għas-sena 2006 tal-ġbir illi jsir permezz ta' boroż ta' studju, tas-'Santa Infanzia' u ġbir ieħor, li mbagħad jitqassam mill-*Propaganda Fidei.*

Lejliet il-Ġurnata Missjunarja, saret velja ta' talb għall-missjoni organizzata mill-Grupp Missjunarju Għawdxi fis-Seminarju. Fl-istess *weekend* il-ġbir fil-parroċċi kien b'risq il-missjoni.

***Dedikazzjoni tal-Katidral***

Nhar -il 11 t'Ottubru ħabat il- 291 anniversarju mid-dedikazzjoni tal-Katidral tad-Djoċesi tagħna, liema okkażjoni ġiet iċċelebrata nhar is-Sibt u l-Ħadd, 13, u 14 ta' Ottubru. L-Eċċ. Tiegħu Mons. Mario Grech mexxa l-1 Għasar tas-Sibt filgħaxija bis-sehem tal-Kapitlu Katidrali u l-għada l-Ħadd filgħaxija, mexxa konċelebrazzjoni pontifikali fl-istess katidral. Fl-omelija, msejsa fuq is-silta mill-Vanġelu skond San Ġwann, tal-laqgħa tal-mara Samaritana ma' Ġesù, l-Isqof xebbaħ lill-knisja ma' 'bir' li minnu nistgħu ntellgħu ilma ħaj.

***Azzjoni Kattolika***

Nhar is-Sibt, 20 ta' Ottubru sar il-ftuħ uffiċċjali tas-Sena Soċjali ta' l-Azzjoni Kattolika, ġewwa s-sala tad-Dar Ċentrali ta' l-imsemmi moviment. Il-membri ta' l-għaqda attendew bi ħġarhom għal quddiesa konċelebrata mmexxija minn Mons. Isqof flimkien ma' diversi saċerdoti mpenjati f'dan l-appostolat. Is-serata kienet tinkludi wkoll diskorsi mill-President Ġenerali ta' l-Azzjoni Kattolika f'Malta, is-Sinjorina Joyce Pullicino, u mis-Sur Emanuel





Saliba, President Djoċesan tal-moviment f'Għawdex, *power point presentation* bit-tema 'Kunu Ħbieb tal-Vanġelu', u rappreżentazzjoni poetika ta' tfajla fit-tfittxija tagħha għall-Kelma ta' Alla mill-grupp ta' l-adoloxxenti bniet ta' l-Azzjoni Kattolika fix-Xewkija. Il-grupp tal-kitarri ta' tfal mill-Għarb anima l-quddiesa.

Xi ġranet qabel, saret laqgħa għall-assistenti ekkleżjastiċi tal-moviment flimkien ma' l-Isqof li fiha ġiet diskussa l-ħidma f'dan il-moviment u l-andament ġenerali tal-laqgħat.

***Varji***

L-Eċċ. Tiegħu Mons. Mario Grech mexxa l-ewwel laqgħa għaż-żgħażagħ u l-adoloxxenti fiċ-ċentru parrokkjali tax-Xewkija, nhar il-Ġimgħa 12 ta' Ottubru. Din kienet l-ewwel laqgħa f'sensiela ta' laqgħat għaż-żgħażagħ li jsiru f'din il-parroċċa. Mons. Grech għamel riflessjoni fuq il-Vanġelu tad-dixxipli ta' Emmaus u wara kien hemm diskussjoni maż-żgħażagħ.

Saret ukoll żjara lill-istudenti tal-Form 5 li jattendu l-iskola sekondarja tal-Konservatorju. Matul din il-laqgħa l-istudenti għamlu diversi mistoqsijiet lill-Isqof u saret diskussjoni dwar xi preokkupazzjonijiet u sfidi li dawn l-istudenti jiffaċċjaw.

Is-Sibt 13 ta' Ottubru, saret laqgħa għar-retturi u superjuri reliġjużi tal-komunitajiet rispettivi preżenti f'Għawdex. Fiha, flimkien ma' Mons. Isqof, ġie diskuss il-Pjan Pastorali u kif dan jista' u għandu jiġi attwat fil-komunitajiet stabbli li huma jmexxu. Ġew diskussi wkoll l-attivitajiet pastorali li jitwettqu fil-knejjes rispettivi u ġew mistħarrġa l-aspetti pożittivi tagħhom flimkien ma' xi diffikultajiet li jistgħu jkunu preżenti. Sar ukoll aċċenn għar-relazzjoni mal-parroċċa li fiha huma jaħdmu u għall-importanza li kull attività pastorali ssir f'kollaborazzjoni magħha.

Fis-17 tax-xahar l-Isqof Grech iltaqa' mat-"*Transplant Support Group*" u flimkien tkellmu dwar il-ħidma tal-grupp sabiex titqajjem aktar kuxjenza favur id-donazzjoni ta' l-organi u l-ġid kbir li dan jista' ifisser għal tant persuni.

Fl-Oratorju Don Bosco saret quddiesa sabiex biha tingħata bidu għas-sena soċjali ta' l-Oratorju. Fl-istess okkażjoni l-Isqof Mario Grech illanċja is-CD ta' *musical* ġdid li l-Oratorju Don Bosco ser itella fix-xahar ta' Novembru, dwar il-ħajja ta' Madre Teresa ta' Kalkutta, f'għeluq l-10 sena mill-mewt ta' din il-qaddisa ta' żmienna.

## Il-Pjan Pastorali għad-Djoċesi t'Għawdex

Id-djoċesi t'Għawdex nediet Pjan Pastorali Djoċesan għas-sena pastorali 2007-2008. Il-Knisja f'Għawdex trid tkompli timxi t-triq tal-fidi u ssir dejjem aktar Poplu tal-Patt il-Ġdid mibgħuta biex ixxandar lill-bnedmin il-ġrajja ta' l-Għid tal-Mulej. Trid toffri għajnuna biex l-Insara kollha tad-djoċesi jsiru aktar midħla ta' Leħen il-Maħbub,jimmaturaw fil-fidi u ħajjithom fuq il-verità li tiġi mill-Klema ta' Alla u t-tagħlim tal-Knisja.

Il-Knisja f'Għawdex tqis bħala prijorità l-formazzjoni fil-fidi tal-poplu nisrani kollu. Għalhekk tħoss is-sejħa mhux biss li xxandar il-kelma ta' Alla fiċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi,imma wkoll tgħin lill-Insara jkunu aktar midħla tal-Kotba Mqaddsa. It-triq ewlenija fil-formazzjoni fil-fidi tal-poplu nisrani hija l-katekeżi mibnija fuq għarfien aħjar tal-Kelma ta' Alla. Il-Knisja tħoss li għandha bżonn katekisti ffurmati li jistgħu jiffurmaw insara tfal, żgħażagħ u kbar fil-fidi. L-urgenza ta' formazzjoni kontinwa fil-fidi hi stedina mhux biss għal-lajċi nsara imma wkoll għas-saċerdoti u l-persuni ta' ħajja kkonsagrata. Il-Knisja titlob li kull min jiġi msejjaħ biex jaqdi xi ministeru fil-komunità nisranija jifhem il-bżonn li jagħmel hu stess mixja ta' fidi fi ħdan il-komunità nisranija li lilha jaqdi.

Il-Knisja Lokali trid tkompli tibni fuq il-ħidma pastorali li ħarġet mill-Pjan Pastorali Djoċesan tas-sena li għaddiet. Trid titkompla u tittejjeb l-azzjoni pastorali għall-adolexxenti għat-tfal fl-iskejjel, għall-adulti fil-parroċċi u fil-familji.

Il-Knisja Lokali qed tibda Skola ta' Formazzjoni għall-Ministeri permezz ta' korsijiet bażiċi fit-teoloġija fundamentali u fil-pedagoġija tal-fidi. Il-Knisja tħoss li trid tifforma lajċi għall-katekeżi, għal-liturġija, id-djakonija u l-pastorali mal-familja. Il-Knisja tħoss li matul din is-sena pastorali l-ewwel proposta ta' formazzjoni teoloġika u pedagoġika għandha ssir lil dawk li jaqdu l-ministeru ta' katekisti tat-tfal.

## *X'jgħidilna Mons. Isqof Mario Grech:*

# Ngħożżu l-Komunjoni fil-Knisja Lokali



***"Biex ikunu ħaġa waħda"***

Kemm hi skarsa l-komunjoni! Il-komunjoni hi skarsa mhux biss fil-familja, fl-għaqdiet u fil-komunità politika tagħna, imma wkoll fil-komunità ekkleżjali. Huwa gwaj serju li fil-Knisja hija nieqsa l-komunjoni, u f'xi każi hija nieqsa b'mod gravi. Din il-ġimgħa stess waslitli informazzjoni dwar almenu tliet komunitajiet parrokkjali fejn hemm komunjoni mxellfa: m'hemmx komunjoni la fl-istess komunità u anqas bejn komunità u oħra. Qed inkellimkom minn qalbi. Għalhekk xtaqt li fil-festi din il-priedka nagħmilha jien. Mhux għax jien għaref aktar mis-saċerdoti l-oħra, imma għax għandi l-possibbiltà niftaħ qalbi magħkom.

Ser nibqgħu sejrin hekk? Ser nibqgħu nagħmlu l-festi biex esternament nagħtu dehra li aħna magħqudin, imbagħad ir-relazzjonijiet ta' bejnietna qegħdin jitmermru? Ħaġa waħda nitlob: li nkunu lkoll ħaġa waħda. Din hi x-xewqa li propju l-Imgħallem Ġesù fid-diskors li għamel fl-aħħar ċena jitlob lill-Missier: "Kif int fija, Missier, u jiena fik, ħa jkunu huma wkoll ħaġa waħda fina". Imbagħad ma' dan Ġesù jorbot kundizzjoni importanti ħafna: "biex id-dinja temmen li inti bgħattni".

Din hija x-xewqa tiegħi għall-Knisja f'Għawdex. Jekk nhar l-Erbgħa, fil-festa ta' l-Assunzjoni tkellimt dwar tħassir spiritwali, tħassir reliġjuż, tħassir li hemm fil-Knisja, ridt nifhem dan ukoll; dan qed ngħidu ħalli min dakinhar ma fehemnix, jifhimni. Kif tista' d-dinja temmen fi Kristu jekk aħna għadna nagħtu dawn is-sinjali ta' kontra-xhieda? Jekk minflok ma nibnu l-għaqda ta' bejnietna, partikularment fil-komunità parrokkjali, qegħdin niżirgħu l-firda, inkebbsu l-pika u niffumentaw il-partiti?

***Marija, Omm l-Għaqda***

Qiegħed inkellimkom dwar dan l-aspett tal-Knisja Lokali għaliex din hija xewka li jiena nġorr bħala isqof. Imma qiegħed inkellimkom dwar din it-tema għax imnebbaħ mill-misteru li qegħdin niċċelebraw illum - it-tlugħ fis-Sema bir-ruħ u l-ġisem tal-Verġni Marija, - dik li Santu Wistin isejħilha *Mater Unitatis*, Omm il-Komunjoni.

Għaliex Marija hija "omm l-għaqda"? Fid-dawl tal-misteru ta' l-Assunzjoni għandi żewġ argumenti: wieħed nisiltu meta nitfa' l-ħarsa tiegħi fuq il-kwadru titulari tal-knisja tagħkom fejn għandna lill-Verġni Marija mtellgħa s-Sema bir-ruħ u l-ġisem u tiġi milqugħa mit-Trinità Qaddisa. Dan ifisser li bl-Assunzjoni tagħha Marija daħlet b'mod definittiv f'dik il-komunjoni li hemm fi ħdan it-Trinità, u hekk għal Marija seħħet dik ix-xewqa li esprima Kristu fl-aħħar ċena: "Agħmel li jkunu ħaġa waħda, kif jiena fik u int fija". Bl-Assunzjoni tagħha, Marija tista' tgħid li hi ħaġa waħda flimkien mal-Missier, ma' l-Iben u ma' l-Ispirtu s-Santu. B'hekk hija daħlet fl-għamara ta' Alla.

Anke aħna għandna fidi sħiħa fit-Trinità Qaddisa! Aħna wkoll suppost nixxennqu li jum wieħed nidħlu f'dik il-komunjoni ma' Alla l-Missier, l-Iben u l-Ispirtu s-Santu. Imma kif nistgħu nilħqu dan il-għan jekk ma nipprovawx mil-lum stess li l-ħajja tagħna fuq din l-art, speċjalment il-ħajja ekkleżjali, tkun rifless tal-komunjoni li hemm fit-Trinità? Altrimenti l-veritajiet tal-fidi jibqgħu "misteri". Kieku l-familja tagħna tipprova tibni lilha nfisha fuq dik il-komunjoni kollha mħabba, fejn il-Missier jingħata lill-Iben, fejn l-Iben jingħata lill-Missier u l-imħabba ta' bejniethom tispira l-Ispirtu s-Santu, kieku l-familja tagħna tirregola ħajjitha f'dik il-komunjoni li waslet għaliha l-Assunta, ma jidhrilkomx li nkunu qegħdin nagħmlu dak li għandna nagħmlu?

***Marija, Omm l-Imxerrdin***

Hemm ikona oħra ta' Santa Marija li llum nebbħitni biex nitkellem dwar Marija bħala "*Mater Unitatis*": hija l-ikona fejn naraw lil Marija tiela' s-Sema bir-ruħ u l-ġisem u mdawra mill-Appostli. It-tradizzjoni tgħidilna li meta Marija mietet l-Appostli kienu mferrxin f'diversi nħawi; imma għax ħassew it-telfa ta' l-omm tagħhom, ħallew kollox u rritornaw madwar ommhom. Hekk Marija hija l-forza li ġabret flimkien l-appostli. U jien nistaqsi: għaliex illum l-Assunta m'għadhiex tiġborna flimkien anke jekk ġejjin minn estrazzjoni differenti, anke jekk għandna fehmiet u proġetti differenti?...

Hija din l-esperjenza li qed ngħixu llum?... Mhux ser nixba' ntenni lill-komunità ekkleżjali f'Għawdex li ma nistax nippermetti li jkun hawn id-diviżjoni, li jkun hawn min ikabbar il-firda u jxettel il-mibegħda. Jekk inħalli dan isir, inkun immur kontra l-ministeru tiegħi ta' isqof.

*(silta mill-omelija ta' E.T. l-Isqof Mario Grech, fl-okkażjoni tal-festa ta' Marija Mtellgħa fis-Sema, li saret fil-parroċċa taż-Żebbuġ, nhar il-Ħadd, 19 ta' Awissu 2007)*

Peter's Butcher Shop

*For top quality fresh meat, a wide selection of fresh sausages and quality homemade meat products such as meat balls, bragioli, kebabs, burgers, stuffed pork and more...*

St. Joseph Square, Qala Gozo
Mob: **7905 5051** · Tel: **2785 5051**

**Kummentarju (1)**

# L-elezzjoni... liema waħda?



*minn* **Mons. Salv Grima**

**Huwa u jfisser id-dmirijiet tal-bnedmin skond ir-raba' kmandament, il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika jfakkarna fost ħwejjeġ oħra dwar "l-ubbidjenza lejn l-awtorità u r-responsabbiltà taċ-ċittadini kollha flimkien għall-ġid ta' kulħadd u li jitolbu moralment li kulħadd iħallas it-taxxi, jivvota u jiddefendi l-pajjiż" (par. 2240).**

Fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi llum, kull tant snin, jasal żmien l-elezzjonijiet ġenerali biex bil-vot tagħhom iċ-ċittadini jwettqu wieħed mill-obbligi u d-drittijiet tagħhom bħala parti mis-sistema demokratika. Il-kelma elezzjoni mhix ta' żmienna biss imma għandha storja, valuri u tifsira lil hinn minn dak li aħna mdorrijin bihom fil-ħajja ċivili ta' llum.

Ma' l-elezzjoni hemm l-għażla. Għamla tagħha b'importanza kbira u antika ħafna hija dik fi ħdan il-Poplu Lhudi, il-Poplu Magħżul ta' Alla fl-A.T. Il-protagonisti ma kinux iċ-ċittadini, imma Alla nnifsu li frott imħabbtu tafa' l-vot tiegħu f'għażla ta' poplu sħiħ, li minn żgħir kellu jikber bil-mod il-mod. Hekk **Hu għażel** lil Mosè.

Kienet sistema għal kollox differenti, waħda teokratika. Fiha la kien jiskadi ż-żmien tagħha, la kellha bżonn ta' xi għamla ta' kampanja jew programm elettorali u lanqas il-ħtieġa ta' partiti politiċi biex jikkontestaw bejniethom. Fuq kollox b'fedeltà sħiħa u bla kliem fiergħ min-naħa ta' Alla.



Xorta kien hemm forom differenti ta' mexxejja (patrijarki, imħallfin, slaten, eċċ.) li f'isem Alla kellhom iservu ta' messaġġiera tal-kelma u tal-proġetti afdati f'idejhom.

L-istorja tagħna hija differenti u bħala ċittadini niġu aħna ffaċċjati b'għażliet li rridu nagħmlu minn taħlita kbira ta' suġġetti u proġetti li jvarjaw mill-ambjent għall-edukazzjoni, mix-xogħol għall-ekonomija, mis-saħħa għall-għajnuna soċjali, mill-industrija għall-ħidma infrastrutturali u elf ħaġa oħra. *Issues* oħrajn jolqtu lill-bniedem fl-aspetti morali jew kostumi reliġjużi wkoll. Din mhix iktar għażla ħafifa jew indirizzata lejn programm ċar u siewi bħalma kellu l-poplu elett ta' l-imgħoddi. L-għan ta' dakinhar kellu jħalli l-aqwa riżultat, bi profitt dejjiemi, ibbażat fuq dak spiritwali u li jwassal għall-hena ta' ħajja oħra. Ħafna kienu persważi minn dan tant li stqarrewh fl-innijiet tagħhom: *"Jekk il-Mulej ma jibnix id-dar, għalxejn jitħabtu l-bennejja. Jekk il-Mulej ma jħarisx il-belt, għalxejn jisħar il-għassies"* (Salm 127, 1).

Il-progress immirat fil-programmi elettorali ta' żmienna ma jeskludix xi valuri, imma limitati ħafna. Jeżisti żbilanċ kbir. Hekk irrifletta San Ġorġ Preca: *"Id-dinja twiegħed ħwejjeġ ċkejknin u li jispiċċaw malajr u frattant in-nies iservuha b'regħba kbira. . . . Għal ħlas ta' xejn wieħed ma tiġihx tqila li jimxi triq twila u għall-ħajja ta' dejjem bosta whud kemmkemm tagħtihom qalbhom iqanqlu riġlejhom mill-art; iħabirku għal ħlas l-aktar żgħir, jitħabtu lejl u nhar; u mbagħad għal dak il-ġid li m'hemmx ma' xiex tqabblu lanqas jitħajru jbatu mqar il-ftit"* (Is-Sena tas-Sinjur, 2001, p. 74).

Tul il-kampanja ssir insistenza dwar "il-qabża ta' kwalità" mwegħda lill-elettorat, marbuta ma' kliem u wegħdiet li jaffaxxinaw u b'pika bejn min jaf joffri l-aħjar ġejjieni jew qed ikun tassew kredibbli iktar minn ħaddieħor. Il-mezzi tax-xandir kollha għajta waħda u b'qawwa kbira biex iwasslu dan kollu b'forza sħiħa. Għal mument ninsew li dawn huma kollha tamiet li jistgħu jisfumaw fl-iqsar żmien, iktar u iktar ladarba huma mmirati prinċipalment għal futur





limitat marbut ma' ħajjet il-bniedem fuq din l-art. Kemm hu iktar għaqli kliem is-salmista: *"Aħjar tistkenn fil-Mulej milli tittama fil-bnedmin. Aħjar tistkenn fil-Mulej milli tittama fil-kbarat"* (Salm 118, 8-9).

Il-programm elettorali li ppreżenta Alla ħaddan wegħdiet bi prospetti mill-isbaħ u għall-ġejjieni kollu, fi twettiq ta' trattati mġedda għal serħan il-bniedem lejn ħajja aħjar. Kollha bil-barka tas-Sema fuq il-poplu kollu u bis-sehem fidil ta' nies li jinqalgħu u li Alla nnifsu poġġielhom fuqhom dik ir-responsabbiltà ħalli lkoll flimkien jagħmlu l-mixja ta' tisfija. Għalkemm kienet mogħdija li tlaqqagħhom ma' l-eżilju u żmien ieħor ta' tbatija, xorta waħda kellha tkun storja li twassal għall-art imwegħda.

Dan il-programm ta' Alla ssokta mhux minħabba xi tibdil f'elezzjonijiet jew politika li tvarja matul is-snin. Dan tkompla fi Kristu wkoll li bħala l-Iben ta' Alla wettaq għażliet ġodda minn fost dawk ta' madwaru biex jgħaddilhom it-tmexxija taħt għamla ta' qadi. Kull nisrani jgawdi minn din l-opra b'sejħa u għażla speċjali, ogħla minn kull xorta ta' elezzjoni ġenerali.

Fis-sistema elettorali ta' Kristu m'hemmx gideb, ftaħir, paraguni, ġlied, tensjoni, propaganda tal-ġenn jew vittimizzazzjoni. *"Min irid jiġi warajja . . . " jgħidilna, jew "agħtu lil Ċesari dak li hu ta' Ċesari, u lil Alla dak li hu ta' Alla"* (Mt 22, 21). Għall-kuntrarju kien hemm min xebbah l-elezzjonijiet f'pajjiżna bħala żmien ta' "ħajja jew mewt". U dan alavolja f'pajjiż li jirrifletti tradizzjoni reliġjuża kristjana, fejn suppost writna l-aħjar għamla ta' għażla tagħna nfusna, bil-għan li qatt ma nissagrifikaw dak li hu l-iktar nobbli biex nirriduċuh għal xi forma ta' kamp ta' battalja kemmxejn qalila bejnietna!

Issa drajna li kull elezzjoni ġenerali titnizżel bħala ġrajja importanti fl-istorja ta' pajjiżna. Ma jmissniex li f'din l-istorja nħallu iktar spazju lil Dak li lilna diġà għażilna għalih bħala poplu ta' ġewwa, frott imħabbtu, b'tant għożża u doni oħra kbar, u hekk negħlbu kull qilla li tista' tinbet fostna u bejnietna? Mill-ġdid nistħajlu li din li ġejja hija elezzjoni li se tiżdied ma' ta' qabilha biex wara jerġa' jkun hemm oħrajn bħalha. Imma xorta jibqa' lok għall-ewwel u l-aħjar elezzjoni li tissokta għas-snin kollha ta' wara, elezzjoni li mhix miġġielda bejn il-bnedmin jew miksuba a spejjeż ta' xi tellief fostna, imma dik li tilqa' u tattwa l-aħjar programm għall-veru ġid indirizzat lejn id-dinjità tal-bniedem, maħluq fuq ix-xbieha ta' Alla u li jibqa' dejjem propjetà tiegħu.

Ta' Vestru

*Bar, Restaurant & Pizzeria*

*Specializing in Local & Italian Food*

Open daily for Lunch and Dinner

5, St. Joseph Square, Qala, Gozo.
Tel: 2156 4589, 2155 9090, Mob: 7970 6274

**Imperial Eagle**

**DAILY (from Monday to Friday)**
**Transport of goods between**
**Gozo & Malta and Malta & Gozo.**




Contact: **Joseph Spiteri**
"Villa Loreto" Bishop Buttigieg Str.,
Qala, Gozo.
**Tel: 2155 4929 - 2137 6193 - 9944 6521**

# X'għadda minn għalina



*Kronaka Għawdxija minn Charles Spiteri*

## *Wirja dwar skavi arkeoliġiċi fil-Wied ta' Mġarr ix-Xini*

Ma kinitx tas-soltu l-wirja li ġiet imtellgħa bejn l-20 u s-26 ta' Awissu 2007, fis-sala ta' l-Iskola Primarja ta' Sannat. Din il-wirja temporanja, kienet maħsuba biex turi lill-pubbliku r-riżultati miksuba s'issa minn eżerċizzju arkeoloġiku li jinvolvi kemm *surveying* u anke skavi, mwettaq fil-Wied ta' Mġarr ix-Xini. Dan l-eżerċizzju huwa parti minn proġett iktar wiesa, il-Proġett tal-Park Reġjonali tal-Wied ta' Mġarr ix-Xini.



*Il-Membru Parlamentari tal-Partit Laburista, Dr Justyne Caruana tidher tagħmel kelmtejn ta' introduzzjoni fl-Iskola Primarja ta' Sannat, waqt il-ftuħ uffiċjali tal-Wirja konnessa mal-Wied ta' Mġarr ix-Xini.*

Dan il-proġett tal-park reġjonali, li jiġbor fih il-Wied ta' Mġarr ix-Xini kollu, huwa inizjattiva tal-kunsilli lokali taż-żewġ lokalitajiet ġirien, dak ta' Sannat u dak tax-Xewkija. Il-wied innifsu, fil-fatt, jinsab fil-konfini ġeografiċi ta' dawn iż-żewġ lokalitajiet. Ta' sbuħija liema bħalha, il-wied jiġbor fih ukoll numru ta' elementi kulturali, mhux l-inqas sit ritwali żgħir li qiegħed jiġi skavat minn tim mid-Dipartiment ta' l-Arkeoloġija u Studji Klassiċi ta' l-Università ta' Malta u s-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali. It-tim qiegħed jaħdem ukoll fuq id-dokumentazzjoni u l-istudju ta' numru ta' ħwat maqtugħin fil-blat li għalihom huwa magħruf il-wied. Ir-riżultati miksuba s'issa kienu jiffurmaw is-suġġett, kemm f'termini ta' materjal misjub kif ukoll informazzjoni stampata tal-wirja.



***Rokna minn dak esebit fil-Wirja konnessa mal-Wied ta' Mġarr ix-Xini.***

Wara ġimgħa fis-sala ta' l-Iskola Primarja tax-Xewkija, l-wirja ġiet trasferita lejn Ta' Sannat. Iżda minflok iċ-ċerimonji inawgurali tas-soltu, tlitt taħditiet introduċew lill-udjenza mhux biss għall-wirja nfisha, iżda wkoll għall-proġett sħiħ. Kif mistenni, l-enfasi saret fuq is-*survey* u l-iskavi iżda l-aħħar taħdita tat ideja ġenerali tal-proġett kollu tal-park. It-taħditiet ġew mogħtija minn Dr. Nicholas Vella mid-Dipartiment ta' l-Arkeoloġija u Studji Klassiċi (Università ta' Malta); Nathaniel Cutajar Aġent Sovrintendent tal-Patrimonju Kulturali u mill-Perit Lino Bianco, *Project Manager & Coordinator* tal-park reġjonali. Qabel dawn il-kelliema saru kelmtejn ta' introduzzjoni mill-Membru Parlamentari Dr. Justyne Caruana, li faħħret din l-inizjattiva taż-żewġ Kunsilli Lokali. Wara t-taħditiet, l-udjenza kienet mistiedna żżur u tifli l-wirja.

## *Serata f'ġieħ il-Professur Ġużè Aquilina*



*Waqt is-Serata "It-Terrazz tas-Sajf", b'tifkira tal-Professur Ġużè Aquilina.*



Il-Kunsill tal-Kultura għal Għawdex, nhar l-Erbgħa 22 t'Awissu, 2007, filgħaxija, fi Pjazza San Franġisk, Victoria, organizza serata ta' tifkira f'ġieħ il-letterat u lingwista Għawdxi il-Professur Ġużè Aquilina, fl-okkażjoni ta' l-10 anniversarju mill-mewt tiegħu. Fis-serata, bl-isem ta' "It-Terrazz tas-Sajf", ħadet sehem il-*Versatile Brass Ensemble* (Malta) li daqqet siltiet mużikali.

Diskors ta' l-okkażjoni mill-Professur Oliver Friġġieri, inqara mil-Kavallier Joe M Attard. Tkellmet ukoll il-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono li sellmet lill-Professur Aquilina bħala wild dehen ta' Għawdex u ġgant tal-lingwa u l-letteratura Maltija.

## *Il-"Klabb tas-Sajf" fl-Oratorju Don Bosco*



*It-tfal flimkien ma' l-Isqof Cauchi fi tmiem il-Quddiesa u ż-Żjara li għamlilhom*

Ir-raba' edizzjoni ta' *Don Bosco Summer Club,* organizzat mill-Oratorju Don Bosco tar-Rabat Għawdex, ġiet fi tmiemha, nhar l-Erbgħa 29 t'Awissu, b'ċelebrazzjoni ta' quddiesa fid-9.30 ta' filgħodu, minn Mons Nikol G. Cauchi, Isqof Emeritu ta' Għawdex u b' *film-show* għat-tfal fis-sala ta' l-istess Oratorju.

Tliet mitt tifel u tifla attendew regolarment għas-sessjonijiet tas-*Summer Club* li inżammu tliet darbiet fil-ġimgħa matul ix-xhur ta' Lulju u Awissu. 80 voluntiera, il-biċċa l-kbira żgħażagħ ħadu ħsieb it-tfal u animaw is-sessjonijiet.

Kull ġurnata tas-*Summer Club* kienet tibda b'quddiesa fil-Kappella ta' l-Oratorju u wara t-tfal kienu jitqassmu fi gruppi fejn kienu jiġu mgħallma diversi suġġetti bħal *crafts*, mudellai fit-tafal, tisjir tal-ħelu, ganutell, żfin, drama, *story telling*, pittura, bini ta' presepji, kollezzjonar ta' bolli, ħjata u arkett. Kien ikollhom ukoll sezzjonijiet ta' sports, *fun-games* u logħob ieħor.

Matul is-*Summer Club* ma naqsux li jiġu organizzati diversi ħarġiet għal Malta kif ukoll għal postijiet oħra f'Għawdex. Kellhom ukoll attivitajiet interattivi organizzati minn gruppi tat-Taqsima tad-Drama tad-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni, tal-Fondazzjoni OASI, u ta' l-istudenti tal-Mediċina.

L-aħħar ġimgħa tas-*Summer Club* kienet karatterizzata minn numru ta' attivitajiet fosthom wirja bix-xogħlijiet maħduma mit-tfal, *Concert* fl-Oratorju u varjetà fil-bajja ta' Marsalforn, *Pizza Party*, kif ukoll ħarġa bit-tfal kollha għar-Ramla l-Ħamra.



*Waqt il-Varjetà ta' l-Aħħar*

Sadanittant ta' min jgħid li l-bini ta' l-Oratorju Dun Bosco għadu għaddej minn proġett kbir ta' *refurbishment* u modernizzar biex ikun jista' jservi għall-ħtiġijiet li titlob il-ħajja ta' llum, l-iktar fejn tidħol il-ħidma soċjo-edukattiva u pastorali mat-tfal u ż-żgħażagħ. Aktar informazzjoni tista' tinkiseb mill-websajt ta' l-Oratorju: http://www.donboscogozo.org

## *"Jum l-Għarb" - attivitajiet kulturali u rikonoxxenti*



*Mix-xellug għal-lemin jidhru s-Sindku David Apap, il-Ministru Giovanna Debono, il-Kav. J.M. Attard, wieħed mill-preżentaturi tas-Serata u Mario Camilleri Cauchi, wieħed mir-rebbieħa tal-Premju* The Għarb Gozitan Cultural Award.



*Mix-xellug għal-lemin jidhru Pawlinu Formosa, is-Sindku David Apap u l-Ministru Giovanna Debono.*

Nhar l-Erbgħa 29 t'Awissu, ġie ċċelebrat Jum l-Għarb bi programm t'attività fil-pjazza fl-isfond tal-Bażilika u madwar dak kollu li jagħmel din il-pjazza tipika u tradizzjonali Għawdxija, idejali għaċ-ċelebrazzjonijiet uffiċjali, kulturali u ta' divertiment għal dan il-jum.

Is-serata bdiet b'ċelebrazzjoni ta' quddiesa ta' radd ta' ħajr fil-Knisja Bażilika, iddedikata lil Santa Elizabetta. Wara l-quddiesa tqegħdu kuruni tal-fjuri quddiem il-monument iddedikat lill-Isqof M. Molina, waqt li l-Kav. Joe M. Attard u Monica Farrugia qraw poeżija dwar Jum L-Għarb. Numru ta' personalitajiet distinti ħadu sehem fiċ-ċelebrazzjonijiet uffiċjali waqt is-serata. Il-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono, għamlet diskors qasir ta' l-okkażjoni u ppreżentat ċertifikati lil studenti tal-Università. Hija ppreżentat ukoll il-premju '*The Għarb Gozitan Cultural Award*' lil żewġ persuni; Godwin Cutajar minn Fontana, għall-kontribut tiegħu fil-konservazzjoni u r-restawr; u Mario Camilleri Cauchi li joqgħod l-Għarb, għall-kontribut tiegħu fl-arti tal-induratura.



*Mix-xellug għal-lemin jidhru l-Membru Parlamentari Laburista Justyne Caruana, is-Sindku David Apap, Marija Apap u l-persuni li mexxew is-Serata, il-Kav.Joe M. Attard u Monica Farrugia.*

Tkellmet ukoll il-membru parlamentari Laburista, Justyne Caruana, li ppreżentat ukoll ċertifikati lill-istudenti li attendew korsijiet organizzati mill-Kunsill flimkien mal-'Premju Qlub Ġenerużi', li ngħata lil Marija Apap. Il-kunsill ta' dan il-

premju lil Marija għall-għarfien tal-kontributi varji ta' volontarjat fil-parroċċa.

Is-Sindku David Apap ippreżenta l-Premju Għarb lil Pawlinu Formosa ta' 81 sena, għall-kontribut tiegħu fil-parroċċa, numru ta' snin bħala s-sagristan tal-Knisja Bażilika, u membru ħabrieki ukoll tal-Kumitat tal-Festa. F'isem l-emigranti, Joe Caruana irringrazzja lis-Sindku Apap għall-għaxar snin ta' ħidma fil-kunsill u ppreżenta lill-Kunsill bandiera tal-Awstralja.

Għas-serata ta' talent li saret fuq iz-zuntier tal-knisja, ħadu sehem fost l-oħrajn Kristen Marie Camilleri, Martha Galea, Connie Borg, Kelly Cassar, Alessi, Terry Anne Saliba, Franz u Kylie Coleiro. Żewġ koppji, Carlos u Marie Claire u Clive u Jeanise taw sehemhom bħala grupp kif ukoll bħala solisti. The *Art Alive Dance Group* taw wirja ta' żfin. Is-serata ngħalqet b'kunċert qasir minn Klinsmann Coleiro.

## *Jitwaqqaf l-ewwel Ċentru għall-Viżitaturi fit-Tempji tal-Ġgantija*



*Iċ-ċentru għall-viżitaturi fit-Tempji tal-Ġgantija*

L-ewwel ċentru għall-viżitaturi fit-Tempji tal-Ġgantija f'Għawdex, imwaqqaf bil-għan li jtejjeb l-esperjenza ta' dawk kollha li jżuru dan is-sit ta' patrimonju storiku l-iktar popolari fil-gżejjer Maltin, ġie inawgurat nhar il-Ħamis 13 ta' Settembru, 2007.

Iċ-ċentru, li jinsab fid-daħla prinċipali tat-tempji, isaħħaħ l-atmosfera rurali ta' dan is-sit storiku uniku. Huwa l-ewwel fażi tal-proġett taċ-Ċentru tal-Viżitaturi għal dan is-sit u jinkludi faċilitajiet minn fejn jinbiegħu l-biljetti tad-dħul kif ukoll spazju addizzjonali li bħalissa qiegħed jospita wirja ta' riproduzzjonijiet ta' xeni tat-Tempji tal-Ġgantija u ċ-Ċirku tal-Ġebel tax-Xagħra, oriġinarjament impittra minn Charles Frederick de Brockdorff fil-bidu tas-Seklu Dsatax. Iktar tard, dan l-ispazju mistenni jinbidel bħala l-ewwel *museum shop* għas-siti mmaniġġjati minn *Heritage Malta* f'Għawdex u allura jkun post minn fejn wieħed ikun jista' jakkwista rikordju ta' kwalità.

Iċ-ċentru għall-viżitaturi huwa pass ieħor fit-twettiq tal-proġett sħiħ għat-tempji tal-Ġgantija li jinvolvi l-konservazzjoni u l-immaniġġjar aħjar tas-sit flimkien ma' faċilitajiet imtejba għall-viżitaturi. Iċ-ċentru, li huwa riversibbli kompletament kif ukoll mibni minn struttura ħafifa, huwa wieħed temporanju li mistenni jinbidel minn ċentru ieħor permanenti li jipprovdi faċilitajiet miżjuda għal min iżur dan is-sit. *Heritage Malta* issottomettiet applikazzjoni għal fondi mill-Unjoni Ewropea biex jitwaqqaf ċentru permanenti li mistenni jopera sa l-2013.



*Waqt l-inawgurazzjoni taċ-ċentru għall-viżitaturi fit-Tempji tal-Ġgantija. Mix-xellug għal-lemin jidhru, Luciano Mule Stagno, (Chief Executive Officer Heritage Malta;) Dr Mario Tabone, (Chairperson Heritage Malta;) Giovanna Debono, Ministru għal Għawdex ; Godwin Vella, (Manager Gozo Area Office Heritage Malta) u Kenneth Gambin, (Head Curator Heritage Malta)*

Fl-aħħar erba' snin fit-Tempji tal-Ġgantija saru diversi interventi nkluż it-twettiq ta' studju tri-dimensjonali u l-ġenerazzjoni ta' mudell tri-dimensjonali li jifformaw il-bażi ta' kull intervent xjentifiku fuq is-sit. Sar ukoll ir-restawr ta' parti mill-ħitan esterjuri li kien iġġarraf wara maltempata, it-titjib ta' l-ambjent madwar it-tempji inkluż il-bini ta' iktar minn 500 metru ta' ħitan tas-sejjiegħ, it-tneħħija ta' skart goff li kien intefa' fl-inħawi tal-madwar fuq firxa ta' snin, kif ukoll l-ewwel fażi tat-twettiq ta' proġett ta' afforestazzjoni bit-taħwil ta' siġar u arbuxelli indiġeni.

Bħalissa għaddej xogħol marbut mat-tneħħija tal-ħitan tal-konkrit li jdawru l-inħawi tat-tempji u li kienu nbnew fl-1957, li qed jiġu mibdula b'ħitan baxxi tas-sejjiegħ li jtejbu bil-bosta d-dehra mpressjonanti tat-tempji hekk kif wieħed jidħol mid-daħla prinċipali tas-sit. Fil-qrib ukoll mistenni jsir xogħol marbut mat-tneħħija tal-faċilitajiet sanitarji eżistenti.

Giovanna Debono, Ministru għal Għawdex qalet lil 'Il-Ħajja f'Għawdex' li iktar minn 160,000 persuna kull sena, jżuru dan is-sit storiku prinċipali tal-gżira. Il-Gvern, kompliet tgħidilna l-Ministru Debono, permezz tal-kollaborazzjoni tal-Ministeru tagħha, ma' *Heritage Malta*, huwa mpenjat li jkompli jtejjeb l-assi storiċi u kulturali tal-gżira u qiegħed jinvesti mhux biss fil-proġett tal-Ġgantija imma wkoll f'*Master Plan* għaċ-Ċittadella, fit-titjib tal-Mużew ta' l-Arkeoloġija, f'vetrini speċjalizzati għal fdalijiet preistoriċi uniċi misjuba f'Għawdex, kif ukoll xogħlijiet oħra ta' restawr fosthom dawk fuq il-kalkara tal-ġir f'Sannat u fiċ-Ċittadella.

## *Jum l-Indipenenza - tifkira uffiċċjali fit-Tokk*

L-attivitajiet uffiċjali tat-43 anniversarju mill-kisba ta' l-Indipendenza ssoktaw f'Għawdex, nhar il-Ġimgħa, 21 ta' Settembru, b'ċerimonja kommemorattiva, fi Pjazza Indipendenza, Victoria. Iċ-ċerimonja bdiet fil-5.30 ta' filgħaxija, meta l-Banda tal-Forzi Armati u l-Gwardja ta' l-Unur telqu minn Pjazza Savina u mxew sa Pjazza Indipendenza. Imbagħad wasal il-Kap Kmandant tal-Forzi Armati, Carmel Vassallo. Mal-wasla tal-Prim Ministru Dr Lawrence Gonzi, fi Pjazza Indipendenza,



*Il-Prim Ministru Dr Lawrence Gonzi jispezzjona l-Gwardja ta' l-Unur.*



*Waqt il-Kunċert Sinfoniku ta' Jum l-Indipendenza.*

indaqq l-Innu Malti. Imbagħad il-Prim Ministru spezzjona l-gwardja ta' l-unur. Wara wirja ta' daqq ('*display*') mill-Banda tal-Forzi Armati, il-Prim Ministru poġġa bukkett fjuri mal-faċċata tal-*Banca Giuratale*, taħt l-irħama li tfakkar lil Malta Indipendenti. Iċ-ċerimonja ntemmet bid-daqq ta' l-Innu Malti. Preżenti kien hemm ukoll l-iSpeaker, Anton Tabone, il-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono, Mons. Isqof Mario Grech u c-*chairman* tal-Kunsill tal-Kultura għal Għawdex, Vincent Grech.



*Il-Prim Ministru jpoġġi l-bukkett fjuri taħt l-irħama kommemorattiva.*

L-attivitajiet uffiċjali ta' Jum l-Indipendenza f'Għawdex, għalqu l-Ħadd 23 ta' Settembru fil-għaxija b'kunċert sinfoniku mill-Banda tal-Forzi Armati ta' Malta, taħt it-tmexxija tad-Direttur Mużikali tagħhha Mro. John Ivan Borg. Il-Banda daqqet xogħlijiet ta' Trevor L. Sharpe, A, Javaloyes, Harold L. Walters, Miklos Rozsa, Glenn Miller, Koenig u Art Jasper. Il-kunċert għalaq bl-*Overture* 1812 tal-kompozitur Russu Peter Ilich Tchaikovsky. Wara ndaqq l-Innu Nazzjonali.

## *Park ta' rikreazzjoni għall-familji fix-Xagħra... flok il-miżbla*




*Il-Ministru, il-Perit George Pullicino u l-Ministru Giovanna Debono, jidhru jħabbru l-proposta ta' konsultazzjoni mal-pubbliku dwar il-Park ta' Rikreazzjoni tal-Qortin.*

Il-Gvern permezz ta' l-aġenzija *Wasteserv Malta*, nhar is-Sibt, 13 t'Ottubru, 2007, wara nofsinhar nieda l-proċess konsultazzjoni mal-pubbliku dwar id-disinji tal-Park ta' Rikrejazzjoni tal-Qortin fix-Xagħra, Għawdex li ser isir fis-sit fejn kien hemm il-miżbla li ngħalqet fl-2004. Il-proċess ta' konsultazzjoni mal-pubbliku tnieda waqt konferenza ta' l-aħbarijiet fil-Qortin stess mill-Ministru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, il-Perit George Pullicino u l-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono. F'kumment, il-Ministru Pullicino qal li d-disinn fl-ewwel abbozz għandu jservi ta' stimolu għall-ħsibijiet u rejazzjonijiet minn membri tal-pubbliku u partijiet interessati oħra.

Fil-fatt, il-Wasteserv bdiet tilqa' kummenti li imbagħad ser jiġu inklużi fil-*Project Description Statement* li ser jgħaddi għand l-Awtorità Maltija ta' l-Ambjent u l-Ippjanar (MEPA) bħala parti mill-proċess ta' l-applikazzjoni għall-iżvilupp ta' dan il-park. Hu maħsub li dan il-proġett ikun jista' jitwettaq fi żmien sentejn minn meta joħorġu l-permessi meħtieġa.

Il-ħsieb wara dan il-proġett hu, li dan is-sit li kien ilu jintuża bħala miżbla għal aktar minn 30 sena jkun jista' jingħata lura lill-poplu billi jinħoloq park għar-rikrejazzjoni tal-familja kollha. Id-disinn propost jinkludi ħafna spazji għal attivitajiet ta' rikrejazzjoni varji fosthom għadajjar u *water features*, *adventure playground*, *belvedere* fuq uħud mill-isbaħ veduti f'Għawdex, amfitejatru u ċinema fil-miftuħ.

Id-disinn jinkludi wkoll spazju għal 2000 *module* ta' pannelli fotovoltaiċi li ser ikunu qed jipproduċu biżżejjed enerġija għal 100 dar b' 4 inkwilini f'kull waħda. Hemm inkluż ukoll post għal turbini tar-riħ.

Waqt l-istess preżentazzjoni tkellmet Giovanna Debono, Ministru għal Għawdex li qalet li l-proġett tar-rijabilitazzjoni ta' din il-miżbla se tibdel dan is-sit minn ġerħa għal park li minnu tgawdi l-familja kollha. Hija qalet li dan il-proġett qiegħed jikkonferma l-impenn tal-Gvern fil-qasam ambjentali fejn f'Għawdex fost l-oħrajn bħalissa qed jitwettqu diversi proġetti fosthom il-*Master Plan* tad-drenaġġ, il-bini ta' l-Impjant għat-Trattament tad-Drenaġġ, il-bini ta' *Waste Transfer Station* u *Civic Amenity Site* f'Tal-Kus, kif ukoll il-proġett ta' rijabilitazzjoni tad-Dwejra.

## *Rettur Ġdid tas-Santwarju Ta' Pinu: "Fr. Jerry"*

Nhar is-Sibt 13 t'Ottubru, 2007, fi tmiem quddiesa konċelebrata fis-7.00 ta' filgħodu, ġewwa s-Santwarju Nazzjonali tal-Madonna Ta' Pinu, Mons. Isqof Mario Grech, ħabbar li kien ħatar lil Dun Gerard Buhagiar, mix-Xagħra, bħala r-Rettur il-ġdid tas-Santwarju. Ma' l-Eċċellenza Tiegħu kkonċelebraw Dun Gerard Buhagiar u Dun Michael Galea li għal dawn l-aħħar sitt snin kien ir-Rettur tas-Santwarju u li offra li jibqa' bħala wieħed mis-saċerdoti kollaboraturi tas-Santwarju. Dun Gerard Buhagiar, mix-Xagħra, iben Nazzareno Buhagiar u Mary Ann nee' Camilleri twieled fl-24 ta' Ġunju 1962. Fi triqtu lejn is-Saċerdozju hu rċieva l-edukazzjoni tiegħu fl-iskola primarja tax-Xagħra u dik sekondarja fis-Seminarju



Minuri tal-Qalb ta' Ġesù. Fl-1980 beda l-formazzjoni saċerdotali fis-Seminarju Maġġuri r-Rabat Għawdex. Ġie ordnat saċerdot minn Mons. Isqof Nikol Ġużeppi Cauchi fil-Kattidral ta' Għawdex fis-27 ta' Gunju 1987.

Wara l-Ordinazzjoni, Dun Gerard mar f'Ruma fejn kompla bl-istudji tiegħu u kien ukoll Vigarju Parrokkjali fil-Parroċċa tan-Natività għal kważi għaxar snin. Hu kiseb il-liċenzjat fit-Teoloġija kif ukoll id-Dottorat bi speċjalizzazzjoni Marjoloġika mill-*Università Pontificia Marianum* f'Ruma. Barra minn hekk Dun Gerard kiseb ukoll diploma fil-Liturġija fl-Istitut Pontifiċju tal-Liturġija Sant'Anselmu kif ukoll Diploma oħra fl-Arkejoloġija Kristjana.

Fl-1996 Mons. Isqof Cauchi ħatru viċi-rettur tas-Seminarju Maġġuri u għalliem fis-Seminarju minuri. Għal diversi snin wettaq ukoll il-ħidma pastorali maż-żgħażagħ fil-Parroċċa ta' San Lawrenz kif ukoll fl-Uffiċċju Kateketiku tad-Djoċesi u kollaboratur fis-Santwarju Ta' Pinu għal bosta snin. F'Settembru 2006 Monsinjur Isqof Mario Grech ħatru viċi Rettur tas Santwarju ta' Pinu, kariga li baqa' jżomm sat-13 ta' Ottubru 2007 meta ġie maħtur Rettur. Dun Gerard huwa wkoll l-editur tar-rivista "Madonna Ta' Pinu".

## *Festa ta' San Franġisk t'Assisi f'Għajnsielem*



Nhar il-Ħadd, 14 t'Ottubru, il-Kommunità Franġiskana, f'Għajnsielem, iffestiġġjat il-festa ta' San Franġisk t'Assisi.Wara konċelebrazzjoni, immexxija mill-Patri Gwardjan Fra Raymond Camilleri fil-Knisja ta' Sant'Antnin, saret iċ-ċerimonja tat-tberik ta' *pets* u annimali fil-*grounds* tal-Kunvent minn Fra Alfred Sciberras ofm, li fir-ritratti jidher ibierek il-*pets* ta' Marvic Bonello (xellug) u Stefan Vassallo (lemin).



## *Ċelebrazzjoni ta' 'Birthday' fil-Kurja tad-Djoċesi ta' Għawdex*



*Mix-xellug għal-lemin jidhru l-Arċipriet il-ġdid tal-Knisja Bażilika ta' San Ġorġ, Mons. Pawlu Cardona, il-Kanċellier tal-Kurja, Mons. Salv Debrincat, Mons. Isqof Grech, Mons. Ġużeppi Curmi, Mons. Girgor Grech u Dun Eddie Zammit.*

Nhar it-Tnejn 15 ta' Ottubru, 2007, kienet ġurnata speċjali għal Mons. Ġużeppi Curmi għax meta mar l-uffiċċju fil-Kurja ta' l-Isqof sab li sħabu s-saċerdoti flimkien ma' l-Isqof Mario Grech kienu ħejjewlu daqsxejn ta' festa fl-okkażjoni ta' għeluq it-80 sena tiegħu.

Mons. Curmi, imwieled il-Munxar, ilu madwar 30 sena jaħdem il-Kurja ta' Għawdex, kemm bħala responsabbli tal-patrimonju ekkleżjali kif ukoll bħala reviżur tal-kontijiet. Attwalment Mons. Curmi hu r-rettur tal-Knisja ta' San Ġakbu, fir-Rabat Għawdex.

F'kelmtejn qosra, Mons. Isqof Mario Grech wera apprezzament tax-xogħol li Mons. Ġużeppi Curmi għamel fil-passat, għal ħafna snin u li għadu jagħmel fil-preżent fid-djoċesi imma b'mod partikulari fil-ħidma tiegħu fil-Kurja.

## *Għaxar snin ta' Skola Sport f'Għawdex*

Nhar it-Tnejn, 15 ta' Ottubru, 2007, ingħata bidu għal programm ta' attivitajiet msejjaħ 'Ġimgħa ta' Saħħa' biex jiġu mfakkra għaxar snin ta' ħidma li ġiet mwettqa permezz ta' Skola Sport ġewwa l-Kumpless Sportiv ta' Għawdex. L-għan wara dan il-programm kien li jippromwovi stili ta' ħajja b'riżq is-saħħa f'tentattiv li jiġu nkoraġġuti modi ta' ikel għal saħħa aħjar u attivitajiet sportivi varji fost it-tfal għawdxin.



*Sessjoni waqt il-programm ta' attivitajiet imsejjaħ 'Ġimgħa ta' Saħħa', li sar fil-Kumpless Sportiv.*

L-attivitajiet imfirxu fi tlett sessjonijiet kuljum bil-parteċipazzjoni ta' tfal mill-iskejjel Primarji kollha ta' Għawdex kif ukoll dawk li jattendu Form 1 u Form 2 fil-*Junior Lyceums* u l-iskejjel Sekondarji Għawdxin. Għalliema ta' Skola Sport mgħejjuna mill-għalliema rispettivi tat-tfal assistew lit-tfal waqt logħob organizzat ġewwa, bħal ma' huma ġinnastika, *spirit combat*, logħob varju, *basketball*, *interval training*, *Hip Hop*, *Break Dance*, u tixbit filwaqt li sessjonijiet ta' *tennis* u *baseball* ġew organizzati fil-grawnd barra l-Kumpless Sportiv. Madwar sitt mitt tifel u tifla ħadu sehem f'dawn l-attivitajiet kuljum.

Dan il-programm li spiċċa l-Ġimgħa 19 t'Ottubru, ittella' minn Skola Sport fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex, is-sezzjoni tal-*Healthy Eating Lifestyle Plan* (HELP) tal-Kulleġġ ta' Għawdex fi ħdan il-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, u ġie sponsorjat minn *Good Earth.*

# "Jum Għawdex" iċċelebrat fil-Belt Victoria

Fil-pjazza ewlenija tal-Belt Victoria, nhar il-Ġimgħa, 26 t'Ottubru, filgħodu, ġiet organizzata attività kommemorattiva fl-okkażjoni ta' "Jum Għawdex". L-attività fakkret ġrajja storika - il-209 anniversarju mir-rebħa ta' l-Għawdxin, immexxija mill-patrijott l-Arċipriet Saver Cassar, fuq il-qawwiet Franċiżi ta' Napuljun Bonaparte, li riedu jaħkmu lil Għawdex. Tfal minn diversi skejjel attendew għal din l-attività.

Il-programm fetaħ b'diskors miċ-*chairman* tal-Kunsill tal-Kultura, Vincent Grech. Fid-diskors tiegħu, is-Sur Grech tkellem fid-dettall fuq il-ġrajja tat-28 t'Ottubru 1798, meta bi qlubija liema bħalha l-Għawdxin issieltu u mexxielhom ikeċċu minn Għawdex lill-qawwiet Franċiżi. Ġrajja li bil-konsegwenza tagħha, Għawdex għal sentejn sħaħ kien gżira li tmexxi lilha nnifisha bil-Gvern tagħha. Is-Sur Grech kompla jgħid illi din kienet waħda mill-ikbar ġrajjiet ta' l-istorja millennarja ta' din il-gżira żgħira u kien għalhekk li l-Kunsill tal-Kultura għażel proprju dan il-jum biex fih jiċċelebra l-Jum Reġjonali tiegħu. "...jum li fih niċċelebraw dak kollu li fi storja ta' eluf ta' snin jagħmilna kburin li aħna gżira bl-identità u bil-ġrajjiet tagħna."



*Dehra ta' dawk preżenti għall-kommemorazzjoni tal-209 anniversarju mir-rebħa ta' l-Għawdxin fuq il-Franċiżi.*



*Il-Kor ta' l-Istudenti waqt is-siltiet mużikali li kanta. Fuq in-naħa tax-xellug tidher ukoll l-għalliema s-Sinjura Laura Rapa.*



*Natlin Sultana tidher tagħmel diskors kommemorattiv. Ħdejjha jidher ukoll Carlos Xerri.*



*Vincent Grech jidher jagħmel id-diskors ta' l-okkażjoni.*



*Anthony Borg, Assistent Personali tal-Ministru Debono, jidher jwassal lill-istudenti l-messaġġ tal-Ministru għal Għawdex.*



*Anthony Borg jidher ipoġġi kuruna mal-Monument ta' l-Arċipriet Saver Cassar.*

Is-Sur Grech wera s-sodisfazzjon tiegħu illi issa anke l-Kulleġġ ta' l-Iskejjel Governattivi Għawdxin kien ser jaddotta dan il-jum bħala Jum il-Kulleġġ. Huwa appella lill-istudenti preżenti, in-nisa u l-irġiel għawdxin ta' għada, sabiex jitħeġġu fl-imħabba u r-rispett lejn art twelidhom. Is-Sur Grech ħeġġeġ lill-istudenti sabiex ikomplu jieħdu ħsieb il-patrimonju storiku u naturali t'Għawdex u jagħmluh post isbaħ u aħjar għal ġenerazzjonijiet ta' warajhom.

Imbagħad indaqq l-Innu tal-Kulleġġ t'Għawdex, kitba u mużika tal-Kavallier Frank Gatt, mill-Kor ta' Studenti minn Kerċem, Sannat u Nadur, taħt id-direzzjoni tas-Sinjura Laura Rapa. Wara żewġ studenti li jattendu s-sitt sena fl-Iskola Primarja Sir Arturo Mercieca ta' Victoria, Natlin Sultana u Carlos Xerri għamlu diskorsi kommemorattivi. "Inti Djamant", mużika ta' Domenic Grech u kliem ta' Emmanuel Ellis, indaqqet mill-istess Kor.

Fl-assenza tal-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono, minħabba impenji tal- Parlament, l-Assistent Personali tagħha, Anthony Borg, qara l-messaġġ tal-Ministru għal din l-okkażjoni. Fil-messaġġ tagħha, il-Ministru Debono faħħret lill-Arċipriet Cassar mhux biss għax mexxa l-qawmien ta' l-Għawdxin kontra l-forzi li kienu qegħdin ikasbru d-drittijiet u t-tradizzjonijiet ta' l-Għawdxin imma għax għall-ewwel darba fl-istorja, irnexxielu jgħaqqad lill-poplu Għawdxi fi glieda kontra min kien qiegħed ijassru u jkasbarlu d-drittijiet tiegħu.

Il-Ministru Debono, żiedet tgħid illi dan il-jum għandu jservi biex ilkoll nħarsu 'l quddiem u nimitaw dak li għamlu ta' qabilna għall-ġid tal-gżira żgħira tagħna. Ħeġġet sabiex wieħed jilqa' l-isfidi li d-dinja tpoġġilna quddiemna, bil-għan li filwaqt li l-pajjiż jimxi 'l quddiem f'dak li hu żvilupp ekonomiku u soċjali, fl-istess ħin wieħed jiżgura li jħares it-tradizzjonijiet u l-ambjent kulturali u naturali li jagħmilna dak li aħna.

Fil-messaġġ tagħha l-Ministru Debono kienet ċara ma' l-udjenza żagħżugħa. Qaltilhom illi minnhom jiddependi jekk il-futur ta' pajjiżna jkunx wieħed sabiħ jew ikrah. "...fostkom hawn min 'l quddiem ser ikun f'pożizzjonijiet li jistgħu jaffettwaw d-deċiżjonijiet meħuda dwar il-gżira tagħna. Jalla din l-okkażjoni ta' llum tibqa' stampata f'moħħkom u qalbkom biex hekk kif għamlu ta' qabilna tagħrfu tpoġġu l-ġid ta' pajjiżna qabel kull ħaġa oħra..."

Wara l-kor tat-tfal reġa' kanta silta mużikali, din id-darba l-Innu lil Għawdex, kliem tal-Poeta magħruf Ġorġ Pisani u mużika ta' Mro. Prof. Joseph Vella. Qabel il-kant ta' l-Innu Malti, li bih spiċċat din iċ-ċerimonja kommemorattiva, Anthony Borg f'isem il-Ministru għal Għawdex, poġġa kuruna mal-Monument ta' l-Arċipriet Saver Cassar, li jinsab quddiem il-Knisja ta' San Ġakbu, Victoria.

**RIFLESSI** — ***Osservazzjonijiet tal-Kav. Joe M. Attard***

## GĦAWDXI FIL-MARATONA TA' L-ETJOPJA

Dan l-aħħar, l-atleta Sonny Borg minn San Lawrenz Għawdex ħa sehem fl-ikbar Maratona ta' l-Etjopja u rnexxielu jidħol fil-250 post minn fost 30,000 atleta li ħadu sehem mid-dinja kollha. Il-Maratona saret fil-belt ta' Addis Abeba u għal Sonny din kienet l-20 Maratona li ħa sehem barra minn Malta. Iżda għal dan l-atleta Għawdxi din kienet Maratona b'differenza għaliex huwa kien qed jieħu sehem f'isem il-Moviment **Ġesù fil-Proxxmu** bil-għan li jinġabru fondi biex tinbena skola għat-tfal morda bil-marda tal-lebbra fil-belt ta' Jimma (fl-Etjopja) flimkien ma' klinika żgħira għat-tfal. L-iskola mistennija titlesta sa l-aħħar ta' din is-sena. Sonny kien l-uniku Malti li mar jieħu sehem u ħallas kollox minn butu. Inġabret is-somma ta' **Lm 45,232**. Għal dan il-ġest hekk nobbli tiegħu, l-atleta Għawdxi wara kien mistieden fil-villa ta' **Haile Gabreselassie,** *Olympic* u *World Champion* u *Record Holder*, flimkien ma' mistednin oħra speċjali. Jidher li n-nies tal-post apprezzaw ħafna l-istink u s-sagrifiċċju ta' Sonny Borg biex jinġabru fondi u donazzjonijiet għal nieshom stess, tant li fi tmiem il-maratona, huwa ġie mogħti bukkett fjuri.



Il-Moviment **Ġesù fil-Proxxmu** kellu kliem ta' tifħir u apprezzament għal dan il-Għawdxi li għamel isem sabiħ għal gżira tagħna kif ukoll kien strumentali biex jinġabru fondi b'risq tfal morda u inqas ixxurtjati minna. Jalla iktar qlub ġenerużi jkomplu jagħtu widen għall-appelli li minn żmien għal żmien jagħmel dan il-Moviment Għawdxi mwaqqaf minn Dun Ġorġ Grima, li jgħaddi ħafna minn ħinu mbiegħed minn art twelidu, jterraq fil-pajjiżi tal-missjoni biex ikun ta' spalla u għajnuna għal tant ħlejjaq li jgħixu fil-faqar u fil-miżerja.

---

## IL-ĠIMGĦA GĦALL-GĦARFIEN TA' L-ARKIVJI GĦAWDXIN

Dan l-aħħar, il-Ministru għal Għawdex l-Onor Giovanna Debono inawgurat wirja dwar iċ-Ċittadella fit-Taqsima ta' l-Arkivji fi ħdan il-Librerija Pubblika t'Għawdex fl-okkażjoni tal-ġimgħa għall-Għarfien ta' l-Arkivji. Xi ftit taż-żmien ilu, l-istess Ministru kienet nediet il-*Master Plan* għaċ-Ċittadella t'Għawdex bil-flus ġejjin mill-*EEA Financial Mechanisms.*




Ta' min ifakkar li t-Taqsima ta' l-Arkivji Nazzjonali f'Għawdex kienet ġiet inawgurata uffiċjalment fl-24 ta' Novembru 1989 mill-ex Ministru ta' l-Edukazzjoni Dr Ugo Mifsud Bonniċi u mill-ex Ministru għal Għawdex Anton Tabone, illum *Speaker* tal-Parlament, li kien preżenti għal din l-okkażjoni. Tmintax-il sena wara fl-Arkivji Nazzjonali tagħna llum insibu materjal u tagħrif interessanti ġej minn sitta u għoxrin entità governattiva (10,000 entratura).

Iċ-Ċittadella hija ġawhra prezzjuża li tmur lura ħafna fiż-żmien u rridu nibżgħu għal dan il-patrimonju li huwa wkoll ta' attrazzjoni turistika. Fil-Wirja nsibu għadd ta' dokumenti b'rabta maċ-Ċittadella, mapep u ritratti antiki. Hemm ukoll għal wiri 350 fotografija meħuda mill-fotografu Għawdxi ta' fama internazzjonali Daniel Cilia li huwa kien ħa fis-snin tmenin.

Il-Ġimgħa ta' l-Arkivji din is-sena saret bejn it-22 u s-27 ta' Ottubru imma l-Wirja sa tibqa' miftuħa sas-Sibt 3 ta' Novembru. L-HSBC qed jisponsorja l-Wirja li ttellgħet mill-istaff ta' l-Arkivju mmexxija minn Mons. Dr Joe Bezzina li ħa ħsieb ippubblika katalgu tassew interessanti dwar l-Arkivji Nazzjonali fi gżiritna kif ukoll numru limitat u nnumerat ta' *souvenir postcards* bit-timbru tal-Ħamis 18 ta' Ottubru 2007, li juru impressjoni artistika taċ-Ċittadella kif tidher fil-mappa ta' Malta u Għawdex stampata fil-ktieb ta' Jean Quintin d'Autun, *Insulae Melitae Descriptio,* stampat Lugduni (Lijon) fis-sena 1536. Il-kampnar tal-Knisja Matriċi – mibni wara s-sena 1424 – jiddomina ċ-Ċittadella. Dawn il-*postcards* qed jinbiegħu għal prezz ta' nofs lira mill-*Exhibition.*

Għall-ftuħ tal-Wirja kienu preżenti subien u bniet mill-klassijiet il-kbar tas-Seminarju u l-iskola Sekondarja Agius de Soldanis flimkien ma' għadd sabiħ ta' mistednin.

*Kummentarju (2)*



# Il-Lajċi fil-Knisja:
## Spettaturi, Kollaboraturi jew Dominaturi?

*kitba ta' DUN ANTON SULTANA*

**Min huma l-lajċi nsara?** Il-Papa Piju XII kien sejħilhom bħala dawk li għandhom jagħrfu dejjem aħjar li "huma mhumiex biss fil-Knisja, iżda **huma** l-Knisja". Skond il-Konċilju Vatikan II il-lajċi huma "dawk l-insara li m'għandhomx Ordni Sagri u lanqas huma membri ta' l-Istituti Reliġjużi approvati mill-Knisja... huma dawk li permezz tal-Magħmudija saru membri tal-Ġisem ta' Kristu, u bdew jingħaddu mal-Poplu t'Alla... biex min-naħa tagħhom **jaqdu** l-missjoni tal-poplu nisrani kollu fil-Knisja u fid-dinja". (*Lumen Gentium no.31*) U l-Papa Ġwanni Pawlu II jinsisti li "nistgħu biss naslu biex nuru sewwa min huma u x'inhuma l-lajċi nsara jekk naċċettaw l-għana kollu li l-Mulej jagħti fil-misteru tal-Magħmudija". Dan ifisser li aħna lkoll, saċerdoti u lajċi, bis-saħħa tal-magħmudija li rċevejna, m'aħniex biss **dixxipli** ta' Kristu, imma wkoll **appostli** tiegħu. Fi kliem ieħor, aħna mhux biss għandna dmir li nimxu wara Kristu, imma wkoll li **nxandru** lil Kristu.

### *Qatt mhu permess li n-Nisrani joqgħod jitgħażżen*

Fl-Eżortazzjoni Appostolika Post-Sinodali, *Christifideles Laici*, il-Papa Ġwanni Pawlu II jibda biex jikteb dawn il-kelmiet: "Il-qagħda ġdida li fiha llum tinsab il-Knisja u l-qagħda li fiha tinsab ukoll is-soċjetà fl-oqsma kollha politiċi, ekonomoċi u kulturali, ***titlob ħidma speċjali u ħerqana mill-insara lajċi kollha***. Jekk in-nuqqas ta' impenn kien dejjem ta' min jistmerru, ***in-nuqqas ta' impenn illum hu ħtija wisq ikbar"*** *(par. 3)*.



Dan hu kliem iebes u serju. Kliem li joqros fil-laħam il-ħaj. Imma din hija l-verità kollha għal veru nisrani li jrid jimxi skond it-tagħlim tal-Vanġelu (*ara Matt.20, 1-7*). Għax kif ikompli jfisser il-Papa, "***ma hemmx lok għall-għażż fl-għalqa tal-Mulej***... is-Sid b'ħerqa akbar qed itenni l-istess stedina tal-Vanġelu, 'Morru intom ukoll fl-għalqa tiegħi'. Jeħtieġ għalhekk li kull wieħed u waħda minna nifhmu li bħala veri nsara, ma nistgħux inkunu **spettaturi** fil-ħajja tal-Knisja, imma **kollaboraturi** fil-ħidma tagħha. Bl-awtorità tiegħu, il-Konċilju tenna ***"ħa jidraw il-lajċi jaħdmu id f'id mas-saċerdoti fil-parroċċa"***. Fl-Eżortazzjoni *Christifideles Laici* l-Papa Ġwanni Pawlu II jikkwota lill-Papa Ġwanni XXIII li "kien iħobb jgħid li l-parroċċa hija **l-għajn tar-raħal**, fejn ir-raħħala kollha jinġabru ħa jaqtgħu l-għatx tagħhom" *(par. 27)*.

**Fuq kollox aħna lkoll msejħin għall-Qdusija.** Għalhekk Ġwanni Pawlu II jinsisti li "jeħtieġ ħafna llum, wisq iktar mill-imgħoddi, li l-insara kollha jibdew mexjin fit-triq tal-Vanġelu... ***u jkunu qaddisin fl-imġiba kollha tagħhom***... is-sejħa għall-qdusija għandha l-għeruq tagħha fil-Magħmudija, u din is-sejħa tibqa' ssir mis-Sagramenti l-oħra, u l-aktar mill-Ewkaristija". Dan il-kliem tal-Papa jeħtieġ jidħol fil-fond ta' qalbna biex nifhmu aħjar **l-iskop veru** li għalih immorru l-knisja, nersqu għas-Sagramenti, u anke niċċelebraw il-festi liturġiċi u titulari. Kollox għandu jkollu skop wieħed u ewlieni: li **nitqaddsu u nqaddsu**, jiġifieri li nikbru fl-imħabba tagħna lejn Alla u nxerrdu l-imħabba t'Alla fost l-oħrajn.

### *Ħtieġa li l-lajċi jifhmu r-rwol tagħhom*

Minn dan nifhmu **r-raġunijiet** għala l-lajċi għandhom **dritt u dmir** li jieħdu sehem attiv fil-ħajja tal-Knisja. U r-raġuni torbot magħha wkoll **l-iskop ewlieni** li għalih il-lajċi għandhom **dmir** li joffru minn rajhom l-għajnuna tagħhom fl-appostolat tal-Knisja. Hawnhekk forsi mhux dejjem kellna lajċi li fehmu sewwa x'tistenna minnhom il-Knisja. Jekk



il-lajċi jifhmu ħażin jew jagħtu interpretazzjoni żbaljata tal-ħidma tagħhom fi ħdan il-Knisja, allura jistgħu jinqalgħu sitwazzjonijiet li jagħmlu aktar deni milli ġid lill-Knisja fil-missjoni tagħha.

Forsi għalhekk il-Konċilju donnu ppreveda dan il-periklu. Jgħidilna fl-*Apostolicam Actuositatem:* "Il-parroċċa tagħti eżempju ċar ta' l-appostolat ta' komunità għaliex ***tgħaqqad flimkien*** id-differenzi umani kollha li hemm fiha u ddaħħalhom fl-universalità tal-Knisja. ***Il-lajċi għandhom jippruvaw jidraw jaħdmu fil-parroċċa f'għaqda mas-saċerdoti tagħhom***; huma għandhom iwasslu fil-komunità tal-Knisja l-problemi tagħhom u dawk tad-dinja, u wkoll il-kwestjonijiet li jolqtu s-salvazzjoni tal-bnedmin, sabiex jeżaminawhom u jsolvuhom ***bis-sehem ta' kulħadd***; huma għandhom jagħtu, kull wieħed skond il-possibbiltajiet tiegħu, il-***kontribut*** tagħhom f'kull inizjattiva appostolika u missjunarja tal-familja ekkleżjastika tagħhom. Għalhekk, huma ***għandhom irawmu dejjem fihom is-sens ta' djoċesi***, li tagħha l-parroċċa hija bħal ċellula, u jkunu dejjem lesti li jilqgħu l-istedina tar-Ragħaj tagħhom biex ***jgħaqqdu l-forzi tagħhom*** f'inizjattivi djoċesani. Anzi, biex iwieġbu għall-ħtiġijiet tal-ibliet u l-irħula, huma ***m'għandhomx jillimitaw il-koperazzjoni tagħhom għall-parroċċa u d-djoċesi biss***, iżda jfittxu li jestenduha għall-oqsma interdjoċesani, nazzjonali u internazzjonali." *(Ap. Act. par. 10).*

### ***Ħtieġa ta' eżami serju tas-sitwazzjoni***

Meta nirriflettu sewwa u bis-serjetà fuq dan il-kliem tal-Konċilju, għandna nħossu l-bżonn li nagħmlu eżami tal-kuxjenza fuq is-sitwazzjoni tal-lajċi fil-Knisja f'pajjiżna. Mill-paragrafu tal-*Apostolicam Actuositatem*, wieħed minn fost tant oħrajn li nistgħu nsibu fid-digrieti konċiljari, joħorġu ruxxmata ta' mistoqsijiet li għandna nippruvaw inwieġbu bis-serjetà, jekk irridu nagħmlu evalwazzjoni matura u responsabbli tal-pożizzjoni tal-lajċi fil-Knisja lokali. Nistaqsu: **Il-lajċi mpenjati qegħdin jifhmu biżżejjed li l-parroċċa hija "ċellula ħajja" tal-Knisja Universali u mhux xi nukleju żgħir li tista' tisseparah mill-bqija tal-Knisja u mill-missjoni universali tagħha?** Il-lajċi qegħdin jifhmu biżżejjed, fi kliem ieħor, li l-ħidma tagħhom ma tistax tkun **separatista** u **indipendenti** mill-bqija tad-djoċesi u tal-Knisja Universali? L-atteġġjamenti u l-idejat tagħhom qegħdin juru 'partiġġjaniżmu' jew 'parrokkjaliżmu'? **Il-lajċi qegħdin iġibu aktar firda milli għaqda fir-relazzjonijiet tagħhom ma' l-Awtorità u korpi kostitwiti oħra fil-Knisja?** Il-ħidma tagħhom qegħda ddaħħalhom fl-universalità tal-Knisja?

Il-lajċi mpenjati fid-diversi kumitati u għaqdiet tal-parroċċi tagħna qegħdin "jippruvaw jidraw jaħdmu f'għaqda mas-saċerdoti", jew inkella qegħdin jippruvaw jieħdu r-riedni minn idejn il-kleru? **Qegħdin 'jokkoperaw' jew qegħdin 'jiddominaw'? Qegħdin 'jissuġġerixxu' jew inkella 'jimponu'? Qegħdin 'jikkordinaw' jew inkella 'jisfrattaw'** il-ħidma armonjuża fil-pastorali u l-appostolat, u mhux inqas fl-organizzazzjoni parrokkjali f'diversi oqsma, bħalma huma fil-liturġija, fil-festi, fl-attivitajiet, fil-katekeżi...?

Il-lajċi mpenjati fil-parroċċi huma xejn interessati fil-"problemi tad-dinja" u fil-"kwistjonijiet li jolqtu s-salvazzjoni tal-bnedmin"? X'kontribut siewi qegħdin jagħtu sabiex il-problemi tal-pastorali u l-appostolat tal-Knisja fid-dinja (aktar milli fil-parroċċa tagħhom biss) jiġu "eżaminati" u "solvuti"? **Jew għal ħafna minnhom jinteressahom biss dak li għandu x'jaqsam mal-andament u mal-progress tal-parroċċa tagħhom?** Kemm lajċi mpenjati fil-parroċċi għandhom mentalità miftuħa u wiesgħa għall-bżonnijiet tal-Knisja Universali? Kemm minnhom qegħdin "irawmu dejjem fihom is-sens ta' djoċesi"? Kemm jafu jingħaqdu flimkien "fl-inizjattivi djoċesani"? **Kemm huma lesti joqgħodu għad-deċiżjonijiet ta' l-Awtorità Ekkleżjastika?**

Dawn huma ftit mill-mistoqsijiet li wieħed jista' jagħmel f'dan l-eżami tas-sitwazzjoni u l-evalwazzjoni tal-ħidma tal-lajċi fil-Knisja fi gżiritna. U hu meħtieġ ħafna li dan l-eżami jsir kemm fuq bażi parrokkjali kif ukoll fuq bażi djoċesana. Għax ftit li xejn jiswa li jkunu fformati u organizzati kull xorta ta' kumitati u kunsilli, għaqdiet u gruppi, seminars u konferenzi, kungressi u kummissjonijiet, JEKK għadna ma nafux biżżejjed x'jifhem sewwa l-Konċilju bil-kelmiet "sehem il-lajċi" fil-ħajja u l-ħidma tal-Knisja! Jekk m'aħniex ċerti li qbadna l-linja t-tajba f'dan il-kamp; jekk ninnotaw xi diverġenzi serji fil-missjoni tal-lajċi fi ħdan il-Knisja; jekk qegħdin nitbegħdu mill-idejal ġenwin tal-Konċilju Vatikan II; jekk qegħdin nikkuntentaw ruħna biss jekk issir xi ħaġa "kif irridu aħna"; jekk m'aħniex ninnotaw ċerta maturità u koresponsabbiltà f'lajċi mpenjati fil-parroċċi; **jekk jidhru elementi ta' firda, polarizzazzjoni, suppervja u pressjoni; jekk flok "vot konsultattiv" il-lajċi mpenjati jaġixxu qishom għandhom "vot deċiżiv" fil-parroċċi u fid-djoċesi; jekk qegħdin jieħdu l-arja li jiddominaw u jikkmandaw, aktar milli jgħinu, jikkoperaw u jikkollaboraw f'għaqda fraterna ma' l-Isqof u l-kleru; jekk ma fehmux x'inhi koordinazzjoni tal-forzi fl-appostolat...** allura nistgħu ngħidu li l-ispirtu veru tal-Konċilju ma fhimnihx u m'aħniex nimxu skond it-tagħlim preċiż u awtentiku tiegħu. Għalhekk jinqala' tant inkwiet!

Il-Knisja għandha bżonn tal-lajċi u tapprezza l-ħidma tagħhom fl-organizzazzjoni parrokkjali. Imma **dan is-sehem u din il-ħidma tagħhom għandhom ikunu ġenwini, maturi u responsabbli**, mogħtija mill-qalb u b'intenzjoni retta skond kif xtaq u ried il-Konċilju Vatikan II, bħala "kollaboraturi" u mhux "dominaturi" fil-Knisja.



# Is-Servizzi ta' l-E.T.C. f'Għawdex

## Taf tiġi bżonnhom!

*Joseph W. Psaila jintervista lil Marcel Bonnici, Manager f'Għawdex ta' l-ETC*

L-INTERVISTA

***X'inhu l-għan ta' l-ETC?***

L-iskopijiet li għalihom twaqqfet l-ETC joħorġu ċari ħafna mill-istess *Mission Statement* tal-Korporazzjoni, ċioè *"Li tipprovdi u tassigura opportunitajiet għal kulħadd fil-programmi ta' taħriġ u servizzi għal xogħol, biex b'hekk tagħti sehem effettiv lejn l-iżvilupp soċjali u ekonomiku tal-pajjiż"*

***Il-Korporazzjoni kif tiżvolġi u twettaq il-ħidma tagħha ? X'servizzi qegħda tagħti?***

Bħala Korporazzjoni noffru diversi servizzi u l-ħidma tagħna ġġibna f'kuntatt ma' diversi setturi soċjali u ekonomiċi tal-pajjiż.

Fost is-servizzi prinċipali nsemmu:

- Nirreġistraw kull ġimgħa b'mod elettroniku lil dawk li jirreġistraw għax-xogħol fuq l-ewwel parti tar-reġistru.
- Nagħmlu intervisti dettaljati bl-iskop li nsiru nafu mill-qrib il-kapaċitajiet u l-ħtiġijiet ta' dawk li qed jirreġistraw. Nagħtu importanza partikulari lil diversi kategoriji ta' nies li qed jirreġistraw fuq l-ewwel parti tar-reġistru.
- Noffru servizz ta' *Job Centre* fir-Rabat, Għawdex b'enfasi speċjali għal dawk li qed ifittxu xogħol.
- Niffaċilitaw, nigwidaw u ngħinu nies li qed ifittxu x-xogħol biex isibu impieg u jerġgħu jidħlu fid-dinja tax-xogħol. Nassistu wkoll nies li diġà qegħdin fl-impjieg u jixtiequ jibdlu l-impjieg tagħhom.
- Noffru servizzi ta' taħriġ permezz ta' korsijiet kemm lil dawn li huma bla impjieg kif ukoll lil dawk li għandhom impjieg u jixtiequ jtejbu l-ħiliet tagħhom.
- Noffru skemi li jinċentivaw kemm lil min qed ifittex xogħol kif ukoll lil dawk li qed ifittxu li jimpjegaw lil xi ħadd magħhom.
- Nassistu u nigwidaw persuni li qed ifittxu xogħol f'pajjiżi ta' l-Unjoni Ewropea (EURES).
- Nassistu u nigwidaw nies li jkollhom bżonn tal-*Work Permit* biex ikunu jistgħu jaħdmu f'pajjiżna.
- Nimplimentaw proġetti ta' l-Unjoni Ewropea, b'mod speċjali programmi tal-Fond Soċjali Ewropew, li huma ta' benefiċċju kbir għal Għawdex. Fil-perjodu 2004-2006 kellna programmi ta' l-Unjoni Ewropea li implimentajna b'suċċess u li permezz ta' dawn il-fondi għinna nies biex jiftħu negozju għal rashom u ħarriġna nies biex itejbu l-ħiliet tagħhom b'konsegwenza li wħud minnhom żammew ix-xogħol tagħhom jew anke sabu mpjieg ġdid.

***L-Għawdxin qegħdin jikkonkorru għas-servizzi ta' l-ETC? Hemm xi kategorija ta' Għawdxin li teħtieġ is-servizzi tal-ETC aktar minn kategoriji oħra?***

Kif diġà għidt aħna ma noffrux is-servizzi tagħna lil dawk biss li jirreġistraw, però anke lil dawk li diġà qegħdin fl-impjieg u jixtiequ li jew jibdlu l-impjieg jew itejbu il-ħiliet tagħhom. Iżda, ma nkun qed niżvela l-ebda sigriet jekk ngħid li l-iktar kategorija ta' nies li jużaw is-servizzi tagħna huma dawk li qed jirreġistraw fuq l-ewwel parti tar-reġistru. Min-naħa tagħna aħna nippruvaw noffru dawk is-servizzi kollha li l-ETC toffri f'Malta, sa fejn dan ikun possibbli.

***F'liema oqsma hu meħtieġ li l-Għawdxin jieħdu tħejjija għall-ġejjieni?***

Il-ġejjieni bħal f'kull ħaġa oħra dejjem joffri sfidi ġodda. Però kif qed jiġri f'Malta l-futur t'Għawdex ser jiddependi ħafna fuq nies b'ħiliet speċifiċi fuq l-informatika u suġġetti relatati mas-settur kummerċjali u finanzjarju. Dan huwa tip ta' investiment li huwa ta' benefiċċju akbar għal pajjiżna għax joffri dak

li jissejjaħ 'valur miżjud'. Ma naħsibx li ser jirnexxilna nattiraw investiment tat-tip li kien isir fil-passat u dan peress li l-livell ta' l-għajxien fil-pajjiż tela' bil-konsegwenza li l-pagi għolew li ma jagħmluhiex possibbli għal din it-tip ta' industrija biex joperaw b'suċċess f'pajjiżna.

***Kultant issir kritika li l-ETC huwa speċi ta' dipartiment tal-gvern. Kemm fiha sens din il-kritika?***

Personalment din it-tip ta' kritika turtani ħafna. Jien nista' nikkonferma li s-servizz li nagħtu huwa ta' kwalità u effiċjenza għolja. Ma' l-impjegati jien personalment nisħaq li kull min jiġi, għandu jinqeda fl-inqas ħin possibbli. Ma naħsibx li min jagħmel din it-tip ta' kritika jkun ġust ma' l-impjegati tal-Korporazzjoni f'Għawdex. Li nista' ngħid b'ċertezza li l-mentalità u l-attitudni ta' l-impjegati żgur li hija l-istess mentalità u attitudni li teżisti fis-settur privat, fejn jidħlu ħinijiet, effiċjenza u kwalità tas-servizz, uffiċini, *targets* li jridu jintlaħqu eċċ. Dawn huma l-mod kif jopera l-privat u dawn l-istess kundizzjonijiet jeżistu fl-ETC.

***X'parir tagħti lil ġuvni Għawdxi jew tfajla Għawdxija ta' sbatax/tmintax-il sena li temmew l-iskola sekondarja iżda m'għandhomx ċertifikati biex jidħlu skola sekondarja għolja, sixth form jew MCAST?***

Illum jeżisti l-hekk imsejjaħ kunċett ta' *Life Long Learning*. Dan ifisser li kuntrarju għal kif kien isir fil-passat, li titgħallem m'għadux iktar marbut b'xi età partikulari. Dan qed ngħidu biex inħeġġeġ lil dawk li jispiċċaw mill-*Form Five* biex ma jiqfux hemm iżda jibqgħu jistudjaw u possibbilment jakkwistaw dawk il-ħiliet li jkollhom bżonn u b'ċertifikati li jkunu jistgħu jiġu ppreżentati bħala referenza għax-xogħol. Illum, minbarra l-Università, jeżistu istituzzjonijiet speċjalizzati li huma ta' għajnuna kbira għall-istudenti tagħna biex jakkwistaw ħiliet u ċertifkati li sa ftit żmien ilu lanqas biss kienu jeżistu f'pajjiżna. Nista' nsemmi l-*Institute for Tourism Studies*





*(ITS)* li jħarreġ lil dawk li jkunu jixtiequ jaqbdu karriera fis-settur turistiku; jeżisti wkoll l-*MCAST,* istitut li ta' kull sena jintroduċi korsijiet ġodda u li minnhom qed jibbenefikaw tant studenti. Huwa importanti ħafna li l-istudent jagħżel dik il-karriera li jixtieq u jsegwi l-istudji tiegħu permezz ta' korsijiet speċjalizzati f'xi wieħed minn dawn l-istituzzjonijiet li semmejna. Fuq dan il-punt ngħid li t-tagħlim illum sar il-bażi ta' kull karriera u spiċċa dak iż-żmien fejn wieħed jista' jirnexxi f'xi karriera mingħajr bażi akkademika soda.






MILL-PARLAMENT

# Għawdex fil-Budget 2008



**Il-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi, Onor. Lawrence Gonzi, semma' dawn l-għoxrin inizjattiva speċifikament għal Għawdex li se jkunu fil-ħidma tal-Gvern matul is-sena 2008:**

- L-ETC se tniedi korsijiet u inizjattivi ġodda għall-iżvilupp tar-riżorsi umani, l-iktar dawk li qed ifittxu x-xogħol;
- L-iskemi ta' l-ETC li jagħtu taħriġ, għajnuna teknika u *grants* biex persuna bla xogħol tibda taħdem għal rasha se jkollhom benefiċċji speċjali u addizzjonali għall-Għawdxin;
- L-Iskema għall-Għajnuna għall-Impieg f'Għawdex, *Gozo Employment Aid Scheme*, tnediet din is-sena bl-iskop li tinċentiva l-ħolqien ta' l-impiegi f'Għawdex billi tiffinanzja parti sostanzjali mill-ispejjeż ta' min jimpega persuna bla xogħol. S'issa din l-iskema ma ħallietx ir-riżultati mixtieqa. Għalhekk din l-iskema ser titwessa' billi jitneħħa l-minimu ta' ħames impiegi ġodda biex tikkwalifika għall-għajnuna;
- Ser jitkompla t-trasferiment ta' aktar xogħol amministrattiv tal-Gvern lejn Għawdex;
- Il-Gvern ser jibni Ċentru ta' *Back Office* ġdid biex jiżdied il-potenzjal ta' Għawdex li joffri opportunitajiet ġodda f'dan it-tip ta' xogħol;
- Jitkompla u jitlesta l-proġett tat-*Training Hotel* fil-Qala;
- Ser jitkompla l-bini ta' Skola Sekondarja Ġdida tas-subien, it-titjib fl-iskejjel u fiċ-Ċentru ta' l-MCAST fix-Xewkija;
- Fl-Isptar t'Għawdex se tiġi żviluppata Taqsima tar-Radjoloġija u tiġi mgħammra wkoll it-tieni sala tal-operazzjonijiet moderna;
- Se jkompli l-investiment fil-qasam tal-biedja u s-sajd bit-tkomplija tal-proġett tal-biċċerija u bix-xiri ta' friżi għall-użu tas-sajjieda Għawdxin;
- Se ssir it-tieni parti ta' Triq l-Imġarr, il-bini mill-ġdid ta' Triq Ta' Pinu u Triq ix-Xlendi bil-fondi Ewropej, filwaqt li b'fondi nazzjonali jitkompla l-programm ta' titjib ta' toroq arterjali u residenzjali;
- Il-Gvern se jerġa' jinvesti 40,000 lira (93,200 ewro) fl-organizzazzjoni ta' attivitajiet soċjali u kulturali f'Għawdex;
- Fix-Xlendi se jinbnew faċilitajiet biex Għawdex ikun jista' jgawdi mill-waqfa tal-*Cruise Liners*;
- Jitlesta l-proġett ta' rijabilitazzjoni ta' Ġnien Villa Rundle fir-Rabat;
- Jinbeda l-proġett ta' rijabilitazzjoni tax-Xatt taż-Żewwieqa u l-Port l-Antik ta' l-Imġarr;
- Il-Gvern se jniedi programm biex iż-żewġ teatri f'Għawdex ikunu jistgħu jintużaw għall-konferenzi s-sena kollha;
- Il-*Heritage Malta* se tkompli bil-proġett ta' konservazzjoni tat-Tempju tal-Ġgantija u l-inħawi bl-iskop li x-Xagħra ssir ċentru turistiku nazzjonali marbut mal-preistorja ta' Għawdex u Malta;
- Se jinbeda l-proċess biex f'Għawdex jitwaqqaf mużew ta' arti moderna u kontemporanja ta' livell nazzjonali;
- Se titkompla r-rijabilitazzjoni tal-miżbla tal-Qortin kif ukoll proġetti relatati ma' l-immaniġġjar ta' l-iskart solidu;
- Qed ikunu vvotati kwart ta' miljun lira f'inizjattivi ġodda ta' afforestazzjoni, rijabilitazzjoni ta' widien, immaniġġjar ta' l-ambjent Għawdxi. Dan il-proġett permezz tal-*Environmental Landscapes Consortium* għandu joħloq ħamsin impieg ġdid f'Għawdex u se jwassal għall-qabża oħra fil-kwalità fid-dehra ta' Għawdex;
- Il-Gvern se joffri art lil istituzzjonijiet edukattivi ta' reputazzjoni internazzjonali li jkunu interessati jiżviluppaw *campus* tagħhom ġewwa Għawdex u jipprovdu programmi edukattivi primarjament indirizzati lejn studenti internazzjonali.



SFIDI TA' ŻMIENNA - 2



# ĠENITURI NSARA... BIL-FATTI!

## Bżonn importanti għall-Knisja u għall-Pajjiż

kitba ta' JOE RAPA

**Dan hu artiklu li batejt biex ktibtu, konxju ta' kemm hi kbira u vitali għall-Knisja u għall-pajjiż is-sejħa li nkunu ġenituri nsara, u kemm hi diffiċli wkoll. Ħafna nies kbar fl-Iskrittura, li żgur kellhom intenzjoni tajba, fallew bħala ġenituri, (Eli, Samwel, David...), għalhekk boloh huma dawk il-ġenituri li jaħsbu li fejn falla ħaddieħor għalihom se jkun kollox ward u żahar.**

Mill-banda l-oħra, s-sejħa li għandna li nibnu familji tassew nsara u mhux sempliċement familji 'tajba' u 'edukati', hija sejħa glorjuża u sabiħa u, nażżarda ngħid, importanti għall-Knisja daqs is-sejħa għall-Presbiterat. Għad jasal żmien li fih il-Knisja għad tħares biex tara fuq min se sserraħ, fuq min se torbot. Hija l-familja nisranija flimkien ma' presbiteri qaddisa u profondament spiritwali li għad isalvaw il-Knisja u mhux kemm għandna teżori fil-knejjes jew kemm bnejna kultura u folklor madwar il-Fidi.

Dwar suġġett daqshekk vast nista' nagħti biss xi ftit pinzellati f'artiklu wieħed u naf minn qabel li se nħalli barra ħwejjeġ li xi qarrejja jidhrilhom li huma importanti wkoll. Ma ħadt l-ebda kors fis-suġġett u nikteb biss mill-esperjenza u mill-katekeżi li rċivejt b'rigal f'ħajti.

### *L-Isfida tad-dinja tal-lum*

Hu ovvju li dari kien eħfef trabbi mil-lum. Ir-rwol tal-ġenituri, speċjalment tal-missier, hu ċċalinġjat illum, mentri dari wieħed lanqas biss kien jiddiskuti s-setgħa tagħhom fuq il-familja. Dari kien hemm problemi ta' tip finanzjarju, iżda, ħaġa ta' l-iskantament, f'dinja li tiftaħar bil-progress u li qed teqred qajla, qajla, t-tbatija, hija l-ekonomija, waħda mill-isfidi li jum wara jum iħabbtu wiċċhom magħha ħafna ġenituri. Illum wieħed mill-indikaturi tal-progress huwa li l-mara kisbet id-dritt u l-opportunità li taħdem barra mid-dar u titħallas ta' dan. Jien inħoss li l-mara mhux dritt taħdem għandha, iżda bżonn. Illum il-mara mhux veru toħroġ mid-dar biex tmur taħdem bħala xi dritt li kisbet. Ħafna, ħafna drabi l-mara toħroġ taħdem għax ma tistax tagħmel ieħor.

Hawn qed niżirgħu problemi li għad naħsduhom bis-sħiħ iktar 'il quddiem, bħalma diġà bdew jaħsduhom il-pajjiżi Ewropej. Spiċċat il-familja li kienet tinġabar flimkien id-dar. Mar iż-żmien meta l-mejda ta' l-ikel kienet post 'qaddis', fejn ir-rabta tal-familja kienet tissaħħaħ kuljum bil-komunikazzjoni li fid-dar biss issibha u mkien iktar. Minflok qegħdin fi żmien li qed jiġġenera tfal li jgħixu ħin imdaqqas waħedhom fid-dar, bit-T.V. jew l-internet il-gwardjani tagħhom.

Qed jiġri li l-ħin ta' filgħaxija huwa l-iktar ħin diffiċli tal-ġenituri. Mhix ċajta tiġi għajjien mix-xogħol u tipprova ssib l-aptit biex tgħin l-uliedek fix-xogħol ta' l-iskola, jew iktar serju minn hekk, tiffaċċja l-problemi tagħhom bis-sabar, biex ma nsemmux dak il-ġiri 'l hawn u 'l hinn bil-karozza għall-privatijiet. Dan kollu u iktar il-bniedem jista' jerfa' fuq spallejh jekk għandu enerġija spiritwali, iżda jekk kemm kemm għandna saħħa nitkellmu ma' xulxin, x'aptit jibqa' biex nitolbu? Minn fejn se tiġi dik l-enerġija spiritwali? Għall-kuntrarju, jikber l-egoiżmu u l-għlieda għad-'dritt' minflok il-ħajra li wieħed jingħata għall-ieħor imbuttat mill-imħabba.

Nistgħu nreġġgħu l-arloġġ lura? Le, u lanqas irridu. Il-Mulej ippermetta li nsibu ruħna f'din id-dinja qisna f'sistema fewdali ġdida. Fejn qabel il-baruni kien jgħix fil-kastell bil-poplu jaħdimlu l-għelieqi u hu jitmagħħom, illum għandna barunijiet ġodda li jgħixu fil-kastelli tal-ħġieġ li jħokku s-sema minn fejn jitimgħu lill-poplu b'invenzjonijiet dejjem ġodda u l-poplu lsienu barra jaħdem daqs kelb biex ilaħħaq ħa jkollu biex jixtri kollox. Ħaġa li tidher extravaganti u żejda fil-bidu, issir bżonn sa sentejn wara (eż. l-'mobile').

**In-nisrani hu msejjaħ biex jgħix f'dinja bħal din u jifdiha. Jekk jeżistu dawn il-problemi u ħafna iktar, il-familja nisranija kapaċi tegħlibhom u ssir dawl għal min qata' jiesu. Il-pessimiżmu qatt mhu nisrani. Għalkemm id-dinja tidher immexxiha minn leblieba għall-flus biex ikollna x'nixtru u l-edukazzjoni tat-tfal illum saret indirizzata mhux iktar biex jikber il-bniedem iżda skond x'għandha bżonn l-ekonomija tal-pajjiż. Alla għadu Sid l-Istorja u n-nisrani hu dejjem kunfidenti u fiduċjuż.**



Anzi, iktar ma jgħaddi ż-żmien iktar qed jidher li t-tfittxija għall-għarfien t'Alla hi risposta dejjem 'moderna' għall-ħelsien mill-istress u l-kundizzjonamenti tad-dinja.

*L-Isfida ta' l-Ulied*

L-isfidi tad-dinja huma ħafna u jidhru anti-familja, iżda jekk tistaqsi lill-ġenituri liema sfida jħossu tagħfas l-aktar fuq spallejhom, ħafna jirrisponduk li hi t-trobbija tajba ta' l-ulied. Hawn nidħlu fil-qalba ta' l-inkwiet tal-ġenituri. Il-ġenituri kollha jixtiequ jagħtu l-aħjar lil uliedhom, iżda kulħadd skond il-valuri li jħaddan. Ġenituri li huma mpressjonati bit-tlettix kosmetiku tad-dinja, lil uliedhom se jgħaddulhom il-valur tal-flus, kemm hu importanti li jkollok x'tonfoq. **Illum ninsabu mbuttati minn riefnu ġdid: il-ferneżija għall-edukazzjoni biex wieħed jakkwista xogħol tajjeb biex ikun komdu u jixtri li jrid. Imma kif kull ħaġa tajba tispiċċa biex tjassar lill-bniedem u ġġennu? Illum għandna tfal li ma jafux x'inhi tfulija, ma tgħallmux il-ħiliet soċjali mil-logħob u l-ġiri fit-triq u t-trab. Illum għandna tfal stressjati quddiem muntanja suġġetti u eżamijiet. Barra mill-iskola ngħallmuhom xi ħaġa oħra 'bħala passatemp', xi vjolin jew xi żifna u nispiċċaw b'iktar eżamijiet.**

Ir-riżultat? Fid-dar ma tismax ħlief, "Studja ibni, studja!" Fejn qatt tisma' lil xi ħadd li lil ibnu jgħidlu, "Ibni, jekk trid li tgħix ħajja mimlija u tkun taf x'inhi l-imħabba, fittex lil Alla, skoprih, agħrfu u jkollok sens għal ħajtek. Il-bqija, kollox isib postu." Minflok infarfru r-responsabbiltà billi nordnaw: "Mur isma' quddiesa", jew "Mur qerr", imma t-tfal jindunaw fejn qegħda l-fidi vera tagħna u fuqhiex inserrħu.

**L-iktar żmien diffiċli fit-trobbija hija l-adolexxenza, il-mogħdija mit-tfulija għaż-żgħożija. Malajr jitilfulek sabrek u jkollok aptit ittajjarhom! Dejjem oppożizzjoni. Hu importanti, iżda, li nagħrfu li dan hu proċess naturali. It-tifel, li dejjem ħares lejh innifsu bħala tifel, issa jrid li kulħadd jistmah ta' kbir u dan hu dritt tiegħu. Tassew m'għadux iktar tfal u jekk dan nagħtuhulu u nqisuh ta' kbir nibdew biex nirbħuh. Mhux daqshekk faċli. Huwa żmien meta kollox jidher ġdid u eċċitanti għalih u jrid jipprova kollox. Aħna għaddejna minn dan ukoll u billi żbaljajna u weġġgħajna ma rridux li uliedna jgħaddu mill-istess tiġrib. Iżda ż-żagħżugħ irid jesperimenta u dan hu parti mill-eċċitament tad-dinja li għalina qed tiqdiem iżda għalih hi għal kollox ġdida. Iħoss li l-pariri tal-ġenituri huma ndħil u xkiel. Dan kollu hu biss naturali u jekk il-missier u l-omm dan jagħrfuh inaqqsu ħafna mill-biża' tagħhom.**

*Nirrispettaw il-kriżijiet ta' wliedna*

F'dan il-perijodu ta' passaġġ mill-adolexxenza għall-eta' adulta, l-ulied jgħaddu minn żmien ta' kriżi. Dan hu żmien importanti u jippermettih Alla. Dan hu ż-żmien li fih iż-żagħżugħ hu msejjaħ biex jagħmel tiegħu l-fidi li l-ġenituri jkunu ppruvaw jgħaddulu u f'din il-ħaġa dejjem hemm taqtigħa bejn il-bniedem u Alla, bħalma kellna aħna, jekk niftakru. Ftit ħafna kienu dawk fostna l-kbar li m'għaddejniex minn żmien fejn ma ridniex nisimgħu b'Alla u bi knejjes. Din hi bħat-taqtigħa li kellu Alla ma' Ġakobb bil-lejl. Minn din it-taqtigħa, Ġakobb, bniedem dgħajjef bi ftit li xejn prinċipji, ħareġ b'isem ġdid, Iżrael, li jfisser "Qawwi, għax ma' Alla". **Il-ġuvni jibda jinduna bid-debulizzi tiegħu, jimmatura, isir inqas arjuż u jagħraf il-bżonn li jistrieħ fuq Alla u jsir "Qawwi ma' Alla". Iżda dan jiddependi minn jekk rax fidi fik. Jekk fid-dar ra biss qima għall-flus u l-ambizzjoni tad-dinja, din il-maturità f'Alla se jitlifha u jadura, anke hu, xi ħaġa oħra għax il-bniedem ma jgħaddix mingħajr xi alla.**

Kemm jagħmlu sewwa l-missier u l-omm jekk jirrispettaw lil binhom, lil binthom f'dan iż-żmien ta' kriżi meta donnu jidher li kollox qed jintilef. **Hu żmien meta hu aħjar titkellem fuq uliedek ma' Alla milli tkellem lil uliedek fuq Alla.** Hu żmien li fih il-ġenituri jridu jagħmlu qabża ta' fiduċja; jafdaw u jistennew u jemmnu f'uliedhom u jagħrfu d-don tas-skiet anke jekk kultant tisma' minn għandhom ħwejjeġ li jaħsduk.

**F'dan iż-żmien mhux li tgħidilhom jgħodd iżda x'jaraw fik.** Jekk jarawk titlob, anke waħdek, jekk jaraw li l-mument m'Alla hu importanti għalik, dan jimmarkahom iktar milli taħseb int u fil-mument tal-prova meta ma jkollhomx fuqhiex iserrħu, jiggranfaw ma' l-eżempju tal-ġenituri.

*L-Isfida tal-Korrezzjoni*

Dan ma jfissirx li wieħed ma jikkoreġix speċjalment meta jkunu iżgħar. Il-korrezzjoni għandha tkun sensittiva. Qalbna għandha tkun mimlija bix-xewqa li nagħmlu l-ġid lil uliedna u mhux imbuttati minn vjolenza li ġġagħalna rridu li tgħaddi tagħna. Il-korrezzjoni hija bħall-idejn li għandna; il-leminija hi iktar b'saħħitha mix-xellugija. Il-leminija hija l-id ta' l-imħabba u tal-mogħdrija waqt li x-xellugija hi dik li twiddeb u jekk hemm bżonn tikkastiga. It-tnejn iridu jkunu. Kif nikkoreġu? Kif jikkoreġi Alla li hu Mħabba u għandu sabar



bla tarf iżda jiġu mumenti li għax iħobb jibgħat provi iebsa biex jiġbed lura mid-diżastru lil uliedu.

Hija dgħufija tagħna l-ġenituri tal-lum li jekk jista' jkun ma rridux naraw lil uliedna jbatu xejn li xejn. Din tista' tkun ta' ħsara. **Fid-dinja kulħadd irid jgħaddi mit-tbatija u huwa inutli li nkebbu lil uliedna fit-tajjar. Anzi agħar għax hekk jinħasdu waħda sew ma' l-ewwel diffikultà li tippreżentalhom il-ħajja. Tfal li l-ġenituri tagħhom jistgħu jagħtuhom dak li jridu (mil-latt ekonomiku) u jagħmlulhom l-ilma jiżfen ikunu qed jiġu mħejjija biex isolvu l-problemi billi jaħarbuhom anke billi jintefgħu fl-illużjoni tax-xorb u d-droga. Gwaj għall-ġenituri li biex jiskansaw l-iskumdità jċedu għal kull talba ta' wiedhom u hekk jivvizzjawhom. B'dan l-argument tasal għall-konklużjoni li familja li mhix tant komda ekonomikament tista tkun skola aħjar għal uliedha. Tista' tkun għax kollox jiddependi mill-atteġġjament tal-ġenituri.**

### *L-Isfida tal-Missier*

Jien inħobb ngħid li waħda mill-problemi kbar tal-familja llum huwa l-attakk fuq is-setgħa tal-missier. Dan ilu ġej, frott tar-ribelljoni kontra kull struttura ta' awtorità li tibda fl-imħuħ ta' ħassieba/filosofi li spiċċaw għamlu tant ħsara u li ħaġa ta' l-għaġeb l-idejat tagħhom jinfiltraw sa għand Ċikku l-Poplu fit-triq, biż-żmien.

Kemm hu faċli għalina l-missirijiet li nerħu t-trobbija f'idejn l-ommijiet! X'tentazzjoni huwa x-xogħol li qed iservi ta' periklu għall-familja! **Jekk l-omm hija importanti għat-tifel biex turih l-imħabba u l-għożża, daqshekk ieħor hu meħtieġ il-missier biex jimmaturah, jaqtgħu mid-dublett ta' ommu u jagħmlu kapaċi u sod biex jiffaċċja d-dinja. Waqt li l-omm tnissel sentimenti ta' mħabba, il-missier isaħħaħ is-sinsla.** Sikwit il-missier jidher skomdu u hawn tidħol l-omm li tiddefendi lill-missier ma' binha u qatt ma tmerih! Għax l-iben jew il-bint għandhom bżonn jitgħallmu jgħidu 'Le!' lilhom infushom u jkunu sidien tax-xewqat tagħhom għax dan hu l-ħelsien veru. Wisq ulied qed jitilgħu ma jafux jikkontrollaw l-istinti materjalisti tagħhom. Jaħsbu li jekk jixtru issa, jakkwistaw issa dak li jixtiequ... dan hu l-ferħ. L-id soda tal-missier fi żmien kritiku tat-trobbija hija importanti biex ifiqu minn dan.

### *X'għandna bżonn...*

Iżda inutli li wieħed joqgħod jisma' jew jaqra fuq idejaliżmi fil-ħajja. Il-problema hi: minn fejn se nġibu s-saħħa għax ħafna drabi nafu x'hemm bżonn wieħed jagħmel iżda m'għandniex is-saħħa, il-kuraġġ, is-sabar li nwettquh, immorru kontra l-kurrent. Il-bniedem għandu natura midruba, immarkata mid-dgħufija. Din hi l-antropoloġija tal-Knisja fuq il-bniedem u din hi l-verità. Għalhekk il-Knisja tħares lejn il-bniedem b'mogħdrija u toffrilu l-għajnuna tagħha. **X'għandha x'toffri l-Knisja lill-ġenituri? Dak li toffri lil kulħadd – lil Kristu, l-uniku li hu ikbar minn kull tip ta' problema, l-uniku li rebaħ il-mewt. Jaħbtilna ħażin jekk infittxu s-soluzzjonijiet tagħna bħala ġenituri band'oħra.**




**SMUGGLER'S CAVE**
**BAR • RESTAURANT • PIZZERIA**
**Il-Menqa, Marsalforn, Gozo.**
**Tel: 21 551005 - 21 551983**
**Fax 21 559959**
Full A La Carte Menu, Fresh Fish,
Take Away & Pizza.
**HOME MADE PASTA IS OUR SPECIALITY**



KOTBA

Minn Għawdex

# "MATUL IX-XAHAR TA' NOVEMBRU"

## *Meditazzjonijiet qosra fuq is-Salvazzjoni ta' l-Erwieħ*

***minn Mons. Isqof Em. Nikol Ġ. Cauchi***




Mill-pinna ta' Monsinjur Isqof Nikol Ġ. Cauchi għadha kemm ħarġet din il-pubblikazzjoni li titlob riflessjoni serja b'mod speċjali matul Novembru, li huwa x-xahar iddedikat lill-erwieħ mejtin tagħna.

Kif itenni l-awtur innifsu fil-kelmtejn tad-daħla tal-ktieb, (li huwa ppubblikat mil-*Lumen Christi Publications* t'Għawdex), ix-xahar ta' Novembru huwa ddedikat lill-erwieħ u jixraq għalhekk li f'dawn il-ġranet nippruvaw nifhmu aħjar kemm hija importanti u ta' siwi immens ir-ruħ ta' kull bniedem, ruħ maħluqa minn Alla fuq ix-xbieha tiegħu nnifsu bil-għan li tasal għall-hena ta' dejjem.

Hekk kif wieħed jibda jqalleb il-paġni ta' dan il-ktieb, mill-ewwel jibda jinduna kemm jisfa ta' ġid għalina, jekk f'dan ix-xahar nirriflettu iktar fuq ruħna stess u fuq il-ħtiġijiet spiritwali tagħna, naħsbu wkoll fl-erwieħ tal-Purgatorju, waqt li noffru s-suffraġju għalihom sabiex it-tbatijiet tagħhom jinbidlu fit-tgawdija eterna tal-Ġenna.

Mons. Isqof Emeritus iħeġġiġna wkoll niftakru f'dawk li qegħdin jgħixu 'l bogħod minn Alla, għax qegħdin fl-istat tad-dnub u nitolbu bil-ħerqa għall-konverżjoni tal-midinbin. Ma ninsewx lanqas, l-erwieħ ta' dawk li ma humiex insara u noffru l-interċessjoni tagħna għalihom ħalli jagħrfu l-verità u jidħlu huma wkoll fil-merħla waħdanija tar-Ragħaj Divin.

Mons. Isqof iżid jgħid li s-Salvazzjoni tagħna u ta' l-oħrajn jeħtieġ li tkun xewqa ħerqana fina matul is-sena kollha, imma b'mod speċjali matul dan il-ħdax-il xahar tas-sena; u biex dix-xewqa ma tiġix nieqsa, sewwa kieku wieħed jimmedita ftit fuq in-**novissmi** u fuq dak li huwa konness magħhom, bħal ma huma l-'beatitudni' li għallimna Kristu u li l-Isqof Cauchi jsejħilhom *it-tmien toroq li jwasslu għall-premju tal-ħajja ta' dejjem.*

Il-ktieb jiġbor fih tletin meditazzjoni li lkoll kemm huma joffrulna għajnuna siewja biex nilħqu dan il-premju. Fost is-suġġetti li jitratta l-Isqof, insibu *Iż-Żjara fiċ-Ċimiterju, Id-Dmir tagħna lejn l-Erwieħ, L-Għan ta' l-Eżistenza tagħna, Il-Ġudizzju Partikulari, Il-Qawmien fl-Aħħar Jum, Il-Ġudizzju Universali, Is-safa tal-Qalb* u tant riflessjonijiet oħra li mhux ta' min ma jaqrahomx. Ta' min ifakkar ukoll li fi tmiem kull meditazzjoni, Mons. Isqof jagħmel talba qasira.

**Matul ix-Xahar ta' Novembru - Meditazzjonijiet Qosra fuq is-Salvazzjoni ta' l-Erwieħ** huwa stampat għand il-*Gozo Press* t'Għajnsielem u jagħmel parti mis-sensiela *Katekeżi u Spiritwalità* u jista' jinkiseb mil-librara ewlenin tal-kotba reliġjużi f'Malta u Għawdex jew direttament mil-*Lumen Christi Media Centre*, Triq Fortunato Mizzi, Victoria VCT 111, Għawdex. Il-prezz: Lm1.50c.

***Kav. Joe M. Attard***




GĦANDEK IL-BEJT QED JOQTOR JEW ĦITAN BIL-MOFFA?

TKOMPLIX TONFOQ FLUS F'TISWIJA LI MA SSERVIKX!

...ĦALLI F'IDEJN

**GREZZJU BONELLO**

**Jiġi jagħtik stima b'xejn**

"GrezJos", Triq Filfla, Għajnsielem.

Tel: **2155 7694** Mob: **9946 9102**

BOGI AUTO LTD

■ Spare Parts
■ Batteries
■ Accessories

J.F. Kennedy Square, Victoria VCT 111, Gozo
Tel: 2155 1070 Fax: 2156 3073

LETTERATURA GĦAWDXIJA — Poeżiji

# ADDIO, ĦABIB!

## B'DEDIKA LIL MONS. SALV BORG

*mill-*Kan. Joe Mejlak

F'ħemda siekta u l-baħħ ta' madwari,
bid-dmugħ sħun jaħsel sewwa 'l ħaddejja,
qed nittama naċċetta u nifhem
kif tlaqt ħesrem, bħal ħolma, minn ħdejja.

U b'din idi tirtogħ'd, kiesħa silġa,
qed ninsiġlek minn qalbi dal-kliem,
għaliex issa bla qatt ma stennejtha,
fija nqered kull sabar, kull sliem.

B'sogħba w diqa niftakar fl'imgħoddi
meta dħakna bil-kif int u jien,
kemm hawnhekk u kemm drabi fis-safar
li sifirna kull sena flimkien.

'Mma mhux biss, konna, Salv tant ninħabbu,
u bħal aħwa fil-qrib imwaħħdin,
li bla ħabi w b'kuraġġ dejjem fhimna
ngħinu b'qawwa w bil-ferħ lil xulxin.

Issa kollox intemm w għosfor f'daqqa'
baqa' biss it-tifkira sabiħa
ta' dak kollu li għadda bejnietna
f'ħajja ħelwa mirquma bil-fwieħa.

U f'din l-għodwa mudlama u sewdiena,
indur lejk, ja Mulej, nistaqsik:
"Għax ħadtuli u ħallejtni nitbekka
jien li b'qawwa ttamajt w emmint fik?"

Kiefra, naf, din is-siegħa tal-biża',
għaliex issa sfajt waħdi mirdum
ġo dagħbien li minn hemm qatt ma nitla'
kemm snin jgħaddu f'did-dinja w indum.

Salv, inħeġġek bis-sħiħ u rraħħamlek,
titlob issa biex jien niġi ħdejk
bla ma ndum, sabiex nerġgħu ningħaqdu
f'dik l-imħabba li jien għandi lejk.

---

# IT-TLUQ

*"Take my body from the ivory casket..."*
*Kahlil Gibran*

*minn* **J. W. Psaila**

Oħorġuni mill-kaxxa tal-kawkba;
Iżirgħuni fil-art tal-Ġennien,
Dak li jqassam ix-xemx u x-xita,
Dak li jidfen biex jagħti l-qawmien.

U keffnuni f'liżar kollu tama,
Roxxu fuqu l-fwieħa taż-żahar,
F'żerniq ftakru fid-dalma ta' l-għabex,
Fil-qawsalla li nħbiet wara ċ-ċpar.

Qabbdu l-ħġejjeġ ħa jisħru maġenbi,
U nċensawni fil-kliem b'tifkiriet;
Timxux siekta warajja b'ras baxxa,
Iżda għoddu ta' Alla l-barkiet.

La tibkux, wiċċkom għollu f'tbissima;
Ilwien ilbsu li jfakkru r-rebbiegħa;
B'ninna nanna għannuli ħa norqod
Erba' versi minn fomm Isaija.

# ERWIEĦ FIĊ-ĊIPRESS

*minn* **Francis Sultana**

Kibru, għolew u twalu,
das-siġar taċ-ċipress,
biswit min fl-art jitqiegħed,
jistrieħ, biex le jintmess.

Għeruqhom fl-oqbra xenxlu
ħa jerdgħu mit-taħsir,
li f'nutrijent jinbidel;
zokk, friegħi, jgħin bil-kbir.

U f'dan il-metamorfsi,
fil-ġandar nara rjus,
ta' min, għad li ħalliena,
mis-siġar għadu jsus.

U f'jiem Novembru jgħannu,
il-għanja tal-Mulej,
kif jibda r-riħ jeħodha
mas-siġar hu w għaddej.

**John Portelli Enterprises Ltd.**
IATA ACCREDITED AGENT

The Agent for all your Travel Needs!!

7, INDEPEDENCE SQUARE, VICTORIA VCT 1022, GOZO, MALTA
TEL: (356) 2156 1212 / 2156 1213 FAX: (356) 2156 0133
e-mail: tokkjpetravel@onvol.net

108, ST. JOHN STREET, VALLETTA VLT 1169, MALTA
TEL: (356) 2124 7016 / 2123 5772 FAX: (356) 2124 7536
e-mail: sangwannjpetravel@onvol.net

# 3 PASSI ŻGĦAR FIL-MIXJA LEJN IL-QDUSIJA

*Il-Kardinal Francois Nguyen Van Thuan, fil-ktieb tiegħu "Testimony of Hope" li hu meqjus bħala 'Il-Kempis' ta' żmienna, ifissirhomlna:*

## 1 L-EWWEL PASS: IT-TLUQ

(1) Biex tasal fil-quċċata tal-qdusija
- trid titlaq kollox u tmidd l-ewwel pass.

(2) Ibda l-mixja tiegħek mingħajr ma toqgħod tagħti kas:
- x'ser jagħmel ħaddieħor,
- x'ser jgħid ħaddieħor.

(3) Kompli miexi 'l quddiem mingħajr ma tieqaf.

(4) La ċċedix għall-vizzji
- tas-sesswalità,
- ta' l-għażż,
- jew ta' l-egoiżmu.

(5) Il-mixja hija twila u għat-telgħa; għalhekk Sant' Wistin iwissi:
"Jekk tieqaf, tmur lura.
- toqgħodx titnikker,
- la tilwix 'l hawn u 'l hemm.

Kompli miexi, dejjem 'il quddiem u tħarisx lura". ( Sermo 169, N 18 )

*Thomas a Kempis:*
**"Jekk kull sena jirnexxielna nqaċċtu minn ġo fina vizzju wieħed, f'qasir żmien insiru perfetti."**




*Għalhekk, id-dmir hu passaport għas-Sema: "Mhux kulmin jgħidli Mulej, Mulej, jidħol fis-saltna tas-smewwiet, iżda min jagħmel ir-rieda ta' Missieri li hu fis-smewwiet". ( Mt 7.21)*

## 2 IT-TIENI PASS: ID-DMIR

(1) Id-dmirijiet ta' l-istat tiegħek juruk Alla x'irid minnek fil-mument preżenti.

(2) Int issir qaddis billi twettaq id-dmir tiegħek.

(3) Int tikber fil-qdusija skond kif twettaq dmirek.

*Eżempji :*
- Il-ħaddiem jitqaddes fuq xogħlu.
- Is-suldat jitqaddes fl-armata
- Il-marid jitqaddes fl-isptar.
- L-istudent jitqaddes fl-istudju.
- Il-bidwi jitqaddes fil-għalqa.
- Is-saċerdot jitqaddes fil-ministeru.
- L-iskrivan jitqaddes fl-uffiċċju

Il-qaddisin ma jsirux qaddisin b'xi għemejjel straordinarji iżda billi

**SEMPLIĊEMENT IWETTQU D-DMIRIJIET NORMALI TAGĦHOM.**

## 3 IT-TIELET PASS: IL-PERSEVERANZA

(1) Ħafna jibdew. Iżda huma biss il-qaddisin li jirnexxilhom ikomplu l-mixja sa l-aħħar.

(2) La taqtax qalbek mill-fallimenti. Matul it-triq tiltaqa' ma' skolli, diffikultajiet, inkomprensjoni.

(3) Ukoll jekk tħossok għajjien jew biered mill-ħeġġa. Agħmel kuraġġ. Is-sħab iswed jgħaddi, u ma jibqax jgħatti d-dawl tax-xemx. Stenna biss sakemm jgħaddi s-sħab.

(4) Ma tistax tkun qaddis, illum "Iva" u għada "Le".

(5) Il-perseveranza hi karatteristika tal-qaddisin; *"Min jibqa' jżomm sħiħ sa l-aħħar dan isalva". (Mt. 10, 22)*

(6) Toqgħodx tilmenta.
- Agħmel ix-xogħol li l-Mulej afdalek f'idejk.
- Oqgħod fil-post fejn poġġiek HU.

# Dawl għall-Ħajja

*Riflessjonijiet miġbura minn A.C.M.*




*Il-Papa Benedittu XVI:*
**"Aħna msejħin biex nitilgħu fuq il-għolja tal-perfezzjoni".** *(Osservatore Romano, 19 ta' Sett. 2007)*

## XEWQA U RIEDA

San Tumas darba kien mistoqsi minn oħtu x'għandha tagħmel biex issalva. San Tumas dritt, dritt wieġeb: **"TIXTIEQ issalva".**

- Biex tasal x'imkien, l-ewwel ħaġa meħtieġa hi li tkun TIXTIEQ TASAL. U biex tasal fil-quċċata tal-qdusija meħtieġa kundizzjoni waħda: TKUN TIXTIEQ TASAL.
- San Franġisk de Sales jgħid: "L-insara kollha mingħajr eċċezzjoni huma msejħin biex jimxu 'l quddiem fit-triq tal-qdusija".

Għalhekk **TRID TIXTIEQ** li timxi 'l quddiem

- b'saħħtek kollha
- b'qalbek kollha.

Ma tistax tibqa' wieqaf fl-istess post.

- Għalhekk, San Bernard jgħid: "Jekk ma tmurx 'il quddiem, tmur lura".
- U l-Mulej Ġesù jgħidilna: **"MIN JIBQA' SĦIĦ SA' L-AĦĦAR, DAN ISALVA".**

## GĦAXAR REGOLI DWAR IL-PERFEZZJONI

*minn* ***SAN ĠORĠ PRECA***

1. M'huwiex parir għal xi nies biss li wieħed jgħix perfett, iżda huwa kmandament għal kulħadd,għax is-Sinjur Ġesù qal: "Kunu perfetti bħal ma huwa perfett il-Missier tagħkom li huwa fis-smewwiet".
2. X'uħud jikkuntentaw li jżommu ruħhom imbegħdin mid-dnub il-mejjet, u jiddisprezzaw bil-ħeffa d-dnub venjal,mingħajr ma joqogħdu jaħsbu li,min jiddisprezza ħwejjeġ żgħar,bil-ftit il-ftit jaqa' fil-gravitajiet,kif jgħid l-Ispirtu s-Santu.
3. Huwa wkoll ċar wisq il-kliem ta' Kristu li min mhuwiex fidil fil-ftit, lanqas mhu fidil fil-wisq, u li min hu fidil fil-ftit, huwa wkoll fidil fil-wisq.
4. Min ifittex 'l Alla jeħtieġ li jfittxu b'rieda perfetta, jiġifieri li ma tagħmilx ħlief dak li hu magħġub quddiem Alla, u li tiddiżapprova kull azzjoni li jkun fiha l-inqas malizzja.
5. Il-kmandament huwa: "Ħobb is-Sinjur Alla tiegħek b'qalbek kollha". Issa tista' inti tikklonkludi li tħares dan il-kmandament jekk inti żżomm qalbek marbuta ma' ħaġa maħluqa għalkemm bl-inqas venjalità?
6. Jitqiegħdu tliet gradi ta' perfezzjoni fil-ħajja spiritwali. L-ewwel grad huwa assolutament indispensabbli għal kulħadd biex isalva ruħu mit-telfien ta' dejjem, u jikkonsisti f'li wieħed iżomm ir-rieda tiegħu hekk deċiża,hekk riżoluta li jħalli wkoll ħajtu, jekk jeħtieġ,biex ma jagħtix kunsens għal dnub mejjet; iżda dnub venjal tagħmlu biex ma titlifx il-ħajja temporali jew xi ġid ieħor ta' din l-art.
7. Min għandu dan l-ewwel grad, għalkemm ma jmurx fit-telfien ta' dejjem huwa dejjem fil-periklu li jintilef, skond il-kliem ta' Kristu, li jgħid: "Min m'huwiex fidil fil-ftit, lanqas m'hu fidil fil-wisq".
8. It-tieni grad tal-perfezzjoni jikkonsisti f'li wieħed hu lest li jmut wkoll biex ma jagħmilx dnub venjal.
9. It-tielet grad tal-perfezzjoni jikkonsisti f'li wieħed irid jagħmel dak li huwa iktar magħġub fl-għajnejn ta' Alla speċjalment bl-eżerċizzju tal-kunsilji evanġeliċi, li huma faqar volontarju, kastità ta' dejjem, u ubbidjenza f'kull ħaġa li ma fihiex dnub.
10. Sinjal tal-perfezzjoni hija l-vera paċi tal-qalb, infatti Santu Wistin jgħid li huwa perfett min ma jixtieq xejn.

*(Mill-ktieb tiegħu "Il-Vuċi tal-Kustodju", paġni 43-44)*

*TIFSIR FUQ IT-TAGĦLIM TAT-TWEMMIN NISRANI* (59)



# IL-MISTERU TAL-KNISJA

KITBA TA' MONS. ISQOF EMERITU NIKOL Ġ. CAUCHI

*(IT-TMIEN PARTI)*

## *IL-KNISJA F'RABTA MAT-TRINITÀ*

**Kien l-Iben Etern t'Alla, it-Tieni Persuna tat-Trinità Qaddisa li sar bniedem u bata u miet għall-fidwa tagħna iżda mill-bqija, kif tgħallimna t-teoloġija kattolika, kull għemil ieħor t'Alla li jirrigwarda l-kreaturi, huwa attività komuni tat-Tliet Persuni flimkien. Imma sabiex jesprimu l-verità, li l-ħajja tat-Trinità Qaddisa hija l-pedament tal-Knisja, il-Kotba Mqaddsa jattribwixxu lil kull waħda mill-Persuni Divini xi attività speċifika fil-formazzjoni u l-ħajja tal-Knisja.**

Il-Konċilju Vatikan fil-kostituzzjoni "*Lumen Gentium*" (n.2-4) jimxi fuq l-istess linja, billi juri r-relazzjoni li hemm bejn il-Knisja u l-azzjoni tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Dan it-tagħlim il-Konċilju jippreżentah, (a) billi jispjega l-azzjoni u l-ħidma tat-Tliet Persuni Divini fl-istorja, jiġifieri matul il-kors tas-sekli, u (b) billi jiddiskrivi l-azzjoni tat-Tliet Persuni kif qegħda sseħħ fi żmienna, hekk li biha l-Poplu t'Alla jiġi salvat u mqaddes. Il-Knisja hija xhieda tat-Trinità għaliex timmanifesta lil Alla, wieħed fi tliet Persuni, kif jaħdem fl-istorja biex jgħin lil uliedu, ħalli jikbru u jissaħħu fil-grazzja.

San Ġirolmu fil-kummenti tiegħu dwar is-Salmi (in *Ps.41, ad neophytos*) lit-Tliet Persuni tat-Trinità Qaddisa jsejħilhom "in-nixxigħat tal-Knisja" u jkompli jfisser "Ġeremija jgħidilna li l-Missier hu nixxiegħa ta' l-ilma, meta jikteb 'Telqu lili, l-għajn ta' l-ilma ġieri, biex ħaffru għalihom bjar, bjar miksura li ma jżommux ilma'. Fuq l-Iben , f'xi mkien naqraw dan 'Telqu l-għajn ta' l-għerf'. U fuq l-Ispirtu s-Santu, l-Evanġelju, wara li jsemmi dan il-kliem tal-Mulej, 'Min jixrob mill-ilma li nagħtih jien, isir fih għajn ta' ilma li jwassal għall-ħajja ta' dejjem'; minnufih iżid jgħid, li s-Salvatur tagħna, kien qiegħed jitkellem fuq l-Ispirtu s-Santu. Minn dan kollu jidher ċar li t-tliet nixxigħat tal-Knisja huma l-misteru tat-Trinità Qaddisa".

Il-misteru tal-Missier, l-Iben u l-Ispirtu s-Santu, mhux biss huwa l-muftieħ biex nifhmu x'inhi l-istorja tal-Knisja, iżda jiġbor fih ukoll it-tifsira tagħha kif niltaqgħu magħha, f'ħajjitna. Il-misteru trinitarju jimmanifesta ruħu fil-misteru tal-Knisja mhux biss għax jitfa' dawl fuq kif kellha bidu u żvolġiet matul l-istorja tagħha, iżda wkoll mill-mod kif aħna, kull wieħed fl-esperjenza ekkleżjali tiegħu, iħossu qrib it-Trinità. F'din il-komunità viżibbli, li hija l-Knisja, aħna niltaqgħu ma' Alla nnifsu li juri u jtenni mħabbtu lejna. Aħna membri tal-Knisja nemmnu li f'din il-komunità niltaqgħu ma' Alla tas-salvazzjoni. Aħna nemmnu li fir-relazzjoni ma' ħutna fi Kristu, aħna niltaqgħu ma' Alla tal-ħniena, tal-maħfra u tal-grazzja li tagħtina l-ħajja. **Il-Knisja, meta aħna nieħdu sehem attiv fil-ħajja tagħha, tagħmlilna preżenti l-medjazzjoni ta' Ġesù u d-doni ta' l-Ispirtu s-Santu, sabiex inkunu nistgħu ngħixu perfettament bħala wlied maħbuba tal-Missier Alla, u membri tal-familja tiegħu.**



**B'mod prattiku u konkret, nistgħu ngħidu li l-Knisja hija l-misteru tas-sħubija jew xirka tagħna, mal-Missier, ma' l-Iben u ma' l-Ispirtu s-Santu. Dan huwa l-mod kif għandna nħossuna parti mill-Knisja meta nieħdu sehem, bil-fidi, fil-qima tal-Ħadd. Hemmhekk permezz tal-Liturġija, Alla jirrivela lilu nnifsu bħala Missier, l-Iben jerġa' jsir għalina l-Feddej tagħna, waqt li jagħtina l-għotjiet ta' l-Ispirtu sabiex flimkien miegħu nkunu nistgħu nagħmlu l-offerta tagħna nfusna lill-Etern Missier. Fil-qima liturġika, aħna nħossuna u nkunu tabilħaqq Knisja.**

*Lill-Missier Etern*

Nattribwulu l-opra tal-ħolqien u l-adozzjoni tal-bnedmin, li biha, permezz tal-grazzja, jagħmilhom ulied tiegħu. Permezz tal-magħmudija nsiru wlied Alla, għaliex nidħlu fil-Knisja li kienet sa minn dejjem fil-pjan tal-Missier Etern biex twassal għas-salvazzjoni tal-bnedmin. Kif naqraw *fil-Lumen Gentium* (n. 2), "Il-Missier, qabel kull żmien, lill-magħżulin 'għarafhom mill-bidu, ippredestinahom ukoll biex jieħdu s-sura fuq ix-xbieha ta' Ibnu, ħalli dan ikun il-kbir fost ħafna aħwa" (*Rum.*8,29). Huwa amar li lil dawk kollha li jemmnu fi Kristu jiġborhom fil-Knisja Mqaddsa li kienet diġà mħabbra bi xbihat sa mill-bidu tad-dinja".

San Pawl jgħallimna li Alla l-Missier għamilna denji li nissieħbu "fil-wirt tal-qaddisin, fis-saltna tad-dawl. Hu ħelisna mill-ħakma tad-dlam u daħħalna fis-Saltna ta' Ibnu l-għażiż" (*Kol.* 1.12). Il-Knisja, komunità ta' l-insara, hija sagrament tal-preżenza tal-grazzja u strument li bih Alla jinqeda ħalli jifrex is-Saltna tad-dawl tiegħu fid-dinja.

*l-Iben Etern Alla*

"Fil-pjan tas-salvazzjoni maħsub mill-Missier, l-Iben Uniġenitu tiegħu għandu primat assolut. Hu l-medjatur uniku; u s-Salvatur tal-bnedmin; Hu l-epifanija tal-imħabba tal-Missier. Il-Knisja hija l-kontinwazzjoni ta' Kristu: tkompli l-opra tas-salvazzjoni mibdija minnu. Hija wkoll flimkien miegħu twettaq il-medjazzjoni bejn Alla u l-bnedmin. Hija l-bidu tas-Saltna t'Alla fuq l-art, li tilħaq il-qofol tagħha fis-Sema (Cfr. *Lumen Gentium*, 3).



**Kristu l-Iben t'Alla, huwa t-Triq, il-Verità u l-Ħajja, (*Ġw.*14,16). Hekk il-komunità ta' dawk li jemmnu, issir tixbah lil Kristu meta tiddawwal bil-verità u tgħix bil-ħajja li ġejja minnu. Hija sservi wkoll bħala triq u għajnuna għal dawk li qegħdin ifittxu lil Alla, sakemm jistgħu jsibuh.**

*L-Ispirtu s-Santu*

Meta niżel fuq l-Appostli nhar l-Għid il-Ħamsin, xandar il-bidu jew il-ftuħ uffiċjali tal-Knisja. Il-qawwa li sawwab fl-Appostli kienet il-garanzija ta' l-assistenza jew għajnuna li Huwa jagħti kontinwament lill-merħla ta' Kristu (*Lumen Gentium*, n.4).

Il-Knisja, mgħejjuna u mdawla mill-Ispirtu s-Santu tagħmel ħilitha biex tkun dejjem doċli lejh u tagħti s-sehem tagħha sabiex il-bxara t-tajba tkun tista' titwassal lill-bnedmin kollha, u tibqa' twettaq dan sa l-aħħar taż-żminijiet. Waqt li l-Knisja tagħmel din il-ħidma, hija ssir strument ta' fidwa għall-oħrajn, anki għal dawk li għadhom ma humiex membri tagħha.

*(jissokta)*


# RAYMOND CEFAI
## TAL-KELBA LTD.

- BUILDING CONTRACTOR
- CRANE &
  GENERATOR HIRE



"RayRita", Triq it-Tempju, Qala, Gozo.
Tel: 2155 7847, 2156 2532 Mob: 9949 3169




# IS-SNAJJA' QODMA F'GĦAWDEX

*(Ir-Raba' Parti )*

## *IX-XOGĦOL TAL-QASAB (2)*

***Tipi ta' Qfief Differenti***

It-tipi ta' qfief li dari kienu, u x'uħud minnhom għadhom anki sa żmienna, jinħadmu Għawdex, huma dawn:

1. **QARTALLA** (pl. QRATAL) - qoffa kemm xejn kbira u tawwalija, min isfel dejqa u minn fuq wiesgħa, b'żewġ udieni, għall-għeneb. Fil-wiċċ titgħatta bi xkora tal-ġuta li tintrabat mal-ġnub tagħha bi sflaska jew rummell. B'dan il-mod, meta tkun mimlija, tkun tista' tinġarr fuq l-ispallejn u l-għeneb ma jaqax.
2. **BIXKILLA TAL-FROTT** (pl. BXIEKEL) - tkun tawwalija, iżda idjaq minn qartalla, f'għamla ċilindrika u bil-għalaq. Hemm diversi daqsijiet.
3. **QOFFA TAL-GĦALF** (pl. QFIEF, du. QUFFTAJN, QUFFTEJN) bħall-qartalla minn isfel dejqa u minn fuq wiesgħa, b'żewġ udieni, iżda iqsar minn qartalla.
4. **BIXKILLA TAL-ĠBEJNIET** - ta' għamla ċilindrika, iżda ta' xi disa' pulzieri biss għoli, jew l-aktar pied, u bil-għalaq. Titgħatta b'biċċa ċarruta nadifa fil-wiċċ, li tissejjaħ "wiċċ" jew "kuperċ", u fuqha jinżebgħu l-inizjali ta' min tkun il-bixkilla.
5. **QOFFINA GĦAX-XIRI** (pl. -I) - minn isfel dejqa u minn fuq wiesgħa, b'għamla kemm xejn ovali, u bil-għalaq. Tintuża biex il-mara tad-dar tmur tixtri biha.
6. **BIXKILLA TAL-FRAWLI** - bixkilla żgħira bil-għamla tagħha bħall-bixkilla tal-frott, iżda ħafna iżgħar u twila biss xi pied u wiesgħa xi ħames pulzieri, bil-għalaq.
7. **KAWSELLA TAN-NEMES** (pl. -I) - tkun għamla ta' qanpiena, tal-virgi biss, b'żewġ udieni f'nofs il-ġnub tagħha biex tintrabat minnhom b'ċintorin għal fuq il-għatu ta' l-injam li jrid jagħmilhulha sidha, u mbagħad għal fuq spallejh.
8. **QARTALLA TAT-TIĠIEG** - tkun kbira, għamla ċilindrika, bla għalaq u wdieni, bil-qiegħ laxk u l-għatu mberraħ.
9. **QOFFINA TAĊ-ĊUMBINI** - qoffa żgħira bil-għalaq, isfel dejjaq, fuq wiesgħa, aktarx ta' għamla kemm xejn ovali. Tixbaħ il-qoffina tax-xiri, imma tkun wisq iżgħar.
10. **QOFFA TAL-BORMA** - qoffa tal-qies biex il-borma tidħol fiha, bil-widnejn, u kienu jqiegħdu fiha l-borma li tkun kollha mġemmda bin-nugrufun tal-kenur wara li jsir l-ikel biex jeħduha fuq il-mejda. Fil-qiegħ ikun hemm ftit tiben.
11. **QOFFA TAL-MASKAN** - bħall-qoffa tal-għalf, iżda għax-xogħol. Tkun tal-virgi biss għas-saħħa. "Maskan" jew "Mazkan" tfisser ġebel żgħir.
12. **QOFFA TAT-TRAMUNĠANA** jew **DAMIĠĠJANA** - bl-udieni fin-nofs u bil-għalaq dejjaq. Tinħadem tal-qies mal-flixkun jew damiġġjana.
13. **BIXKILLA TAL-BOZOZ** - bixkilla żgħira ħafna, għamla ċilindrika, biex idaħħlu l-bozoz ta' l-elettriku fiha, għat-tiżjin.
14. **SARIMA** (pl. -I) - bħal bixkilla żgħira b'żewġ udieni biex minnhom torbot il-ħabel għal ma' għonq il-bhima. Tkun tal-virgi jew tal-qasab, u titlibbes f'ħalq il-bhima biex ma tikolx is-sbul waqt id-dries fuq il-qiegħa, u mbagħad ineħħuhielha biex tkun tista' tiekol it-tiben. Jerġgħu jlibbsuha s-sarima fit-*taħsil,* jiġifieri meta jerġgħu jdawruha dawra oħra fuq il-qiegħa wara t-tidrija biex tkompli titnaqqas mill-karfa. Is-sarima tintuża wkoll biex joftmu l-



frieħ tal-bhejjem minn ommhom billi permezz tagħha ma jkunux jistgħu jerdgħu.

15. **MEZZA** (plural MEZEZ) - Daqs qoffa tal-għalf, iżda titla' għad-dritt. Kienet tintuża l-aktar għat-tadam. Iżda l-QOFFA TAL-GĦALF hemm min isejħilha MEZZA.
16. **QFEJFA** (pl. QFEJFIET)- qoffa tal-għalf żgħira.
17. **BIXKILLA TAL-BAJD** - bixkilla mdaqqsa bil-għalaq biex il-kumpratur idur jixtri l-bajd fiha.

*Kannestri u Kannizzi*

Il-kelmiet kannestri u kannizzi xi drabi jitħalltu ma' xulxin billi l-oġġetti jixxiebhu ħafna.

1. **KANNESTRU TAL-ĦOBŻ** (pl. -I) - kbir u għoli xi pied u nofs biex iġorru l-għaġna tal-ħobż fih.
2. **KANNESTRU TAT-TRIEHI** - kannestru maħdum fin, sabiħ u pulit, għall-ħwejjeġ tat-trabi.
3. **KANNIZZ TAT-TFAL** (pl. -I) - kannizz għamla ta' qanpiena wiesgħa b'toqba n-naħa ta' fuq kemm tidħol it-tarbija biex titgħallem timxi bih. Kien jinħadem tal-virgi biss, jissejjaħ ukoll ĠIRILLU, bl-Ingliż "*babywalker*".
4. **KANNIZZ** jew **KANNESTRU TAL-ĦUT** - biex ibigħu l-ħut fih. Ma kienx ikun fond bħal tal-ħobż.
5. **KONZ (KONS) TAL-LAMPUKI** (plural KNUZ) - xi żewġ piedi wiesa' u nofs għoli. Hemm oħrajn ikbar. Jissejjaħ ukoll kannizz li fih jintrafa' l-konz.

*Qnieneċ u Oqfsa*

Hemm żewġ xorta ta' qnieneċ - ***il-qanniċ tal-ġbejniet***, li jinħadem mill-imgħallem tal-qasab, u ***l-qanniċ tar-raba'*** li jinħadem mill-bidwi nnifsu.

***Il-qanniċ tal-ġbejniet*** ikun bħal ċattra biex fuqu jitnixxfu l-ġbejniet friski. Jinħadem minn qasab irqiq midmum sħiħ skond id-daqs u skond l-ordni. Hemm il-qanniċ li jitqiegħed fuq ħoġor it-***tieqa tal-ġbejniet*** u qanniċ li jiddendel.

Il-qanniċ li jiddendel ikollu żewġ qasbiet f'għamla ta' salib in-naħa ta' taħt bit-truf imqabbżin 'il barra biex ikun jista' jiddendel minnhom bħal lampier. Dan il-qanniċ jista' wkoll jitqiegħed f'**qafas** maħdum kollu kemm hu mill-qasab.

***Il-qafas tal-ġbejniet*** ikun bħal gaġġa maħduma kollha kemm hi mill-qasab irqiq u xi qasbiet ħoxnin fl-itruf għas-saħħa. Ikollu bieba fuq quddiem, tal-qasab ukoll, u l-ixkaffa jew xkafef tiegħu jkunu tal-qanniċ.

***Il-qanniċ tar-raba'*** jinħadem minn qasab kbir u twil skond il-ħtieġa biex jitqiegħed fil-ġnub ta' l-għelieqi minflok ħajt biex ikennen l-uċuħ, l-aktar mir-riħ majjistral. Hemm min isejjaħlu "ħajt tal-qasab".

Fl-irħula taż-Żebbuġ, Xagħra u Nadur naraw ħafna għelieqi mkenna bil-qanniċ li aktarx jinħadem mill-bidwi nnifsu.

*Prieter jew Purtieri*

F'Għawdex isiru wkoll il-prieter jew purtieri tal-qasab, minn x'uħud imsejħin ukoll "ħasira", għalkemm proprjament il-ħasira tinħadem minn materjal ieħor bħas-simar, u tintuża wkoll bħala tapit.

Hemm żewġ tipi ta' purtieri tal-qasab:

1. **PURTIERI KOMUNI** - dawn jinħadmu minn xquq bla ebda disinn skond id-daqs tal-bieb. Fit-truf, in-naħa ta' isfel u n-naħa ta' fuq ikollhom biċċa qasba sħiħa jew injama apposta għas-saħħa. Fil-ġnub iħitulhom keffa tax-xkora tal-ġuta fina jew materjal ieħor tad-drapp.
2. **PURTIERI TAD-DISINN** - Purtieri bid-disinn jew bil-V isiru billi jinħadem disinn permezz ta' l-għekiesi tal-qasab infushom li jitpoġġew bil-galbu biex jiffurmaw disinn żig-żag.

Il-purtieri tal-qasab jintużaw l-aktar f'bibien u twieqi li jagħtu għat-triq jew għal xi bitħa inkella setaħ, mhux biss bħala sotra, biex dak li jkun ikun jista' jiftaħ il-bieb bla ma juri x'għandu ġewwa u fl-istess ħin jilqgħu għad-dubbien, imma wkoll biex iħarsu lill-bieb ta' l-injam mill-elementi: xemx u xita, imma l-aktar ix-xemx. Wieħed ikun jista' wkoll inemmes minn warajhom bla ma jarah ħadd!

*(jissokta)*

# B'Impenn u bi Pjaċir



**Mill-Assoċjazzjoni ta' l-Organizzazzjonijiet mhux Governattivi Għawdxin**
**NGO Centre, Triq il-Madonna tar-Rummiena, Xewkija**
ngocentregozo@gov.mt - 2156 5492

# Xhur ta' Ħidma u Tiġdid

Il-Kunsill il-ġdid ta' l-Assoċjazzjoni ta' l-Organizzazzjonijiet mhux Governattivi Għawdxin elett mil-Laqgħa Ġenerali Annwali ta' Jannar 2007 mill-ewwel għażel l-uffiċjali u pprova jikkoopta iktar kunsillieri skond l-istatut kif emendat fl-istess okkażjoni. Dan mhu xejn faċli peress li donnu li dawk li lesti "jaħlu" ħinhom fil-volontarjat iħossuhom li diġà mgħobbijin biżżejjed - u żżejjed! Infatti diġà kellna żewġ riżenji - wara li aċċettaw, intebħu li mhux possibbli għalihom. Allura l-Kunsill bħalissa jikkonsisti minn sebgħa: Antoine Vassallo (President), Prof John Pace (Viċi), Dun Ġorġ Borg (Segretarju), Anton Zammit (Teżorier) u George Pace, Etienne Micallef u Giovanni Zammit (Koordinaturi rispettivament tal-Gruppi Sport, Filantropija u Kultura).

### *Flus*

L-ewwel deċiżjoni li kellha tittieħed kienet kif se titwettaq ir-rieda tal-membri murija fil-LĠA li ma jkunx hemm sħubija mingħajr ħlas ta' xi tip ta' miżata. Għalhekk intbagħtet ċirkulari biex tispjega li dawk l-NGOs li jixtiequ jibqgħu membri kellhom iħallsu Lm 2 li tibqa' sservi minn LĠA għall-oħra. Fil-fatt diversi kienu ġa ħallsu u l-maġġoranza l-kbira ta' l-oħrajn għamlu dan fi żmien qasir. Ħriġna ukoll lista ta' servizzi ġejjin mis-sħubija, speċjalment l-użu tar-riżorsi taċ-Ċentru (fi Triq il-Madonna tar-Rummiena) li dejjem jidher f'ras din ir-rubrika. Qassamnielhom tessera tas-sħubija li tagħti dritt għal ħamesmitt fotokopja b'xejn - żgur għajnuna utli!

Bħas-soltu l-Kunsill hu involut ukoll fl-amministrazzjoni ta' l-iskema tal-Ministeru għal Għawdex ta' Għajnuna Finanzjarja lill-NGOs Għawdxin "sabiex ikomplu fil-ħidma tagħhom favur it-tisħiħ tat-tessut soċjali tal-gżira". Peress li huma fondi pubbliċi, id-deċiżjoni aħħarija mhix f'idejna iżda żgur naqblu mal-kriterji għat-tqassim ta' dawn il-*grants*. Fosthom insibu li tingħata attenzjoni, mhux biss għall-prijoritajiet tal-Ministeru, iżda anki jekk il-ħidma ssirx ma' organizzazzjonijiet oħra u kemm setturi u lokalitajiet diversi jibbenefikaw mill-ħidma. L-applikazzjonijiet kellhom jimtlew sa l-aħħar ta' Ottubru u x'aktarx li ċ-ċekkijiet jitqassmu kmieni f'Jannar (kif ġara f'dawn l-aħħar snin).

### *Jum il-Volontarjat*

Il-Kunsill iddeċieda li jkompli fuq l-idea minn ta' qablu li tibda tiġi organizzata annwalment ġurnata biex tintwera iktar il-varjetà - u r-rikkezza - tal-ħidma volontarja f'Għawdex. Il-ħsieb oriġinarjament faqqas fil-*Gozo Day*. Din kienet il-konklużjoni f'Għawdex (fl-i*Sports Complex*) tal-*Commonwealth Peoples Forum* fil-25 ta' Novembru 2005) - bil-kooperazzjoni ta' bosta konna tellajna programm ta' xi sitt sigħat li ntogħġob ferm mill-mijiet ta' barranin u mistednin. *(Ir-ritratt fil-paġna li jmiss jurihom isegwu b'attenzjoni dak li kien jiġri fuq il-palk: diskussjoni, varjetà u diskorsi).*

Ħassejna li jaqbel nużaw data qrib - li kienet ġiet proposta mill-Ġnus Magħquda (skond riżoluzzjoni li għaddiet waqt il-120 laqgħa plenarja ta' l-Assemblea Ġenerali lejn tmiem l-1985). L-ispunt kien l-apprezzament tal-kontribuzzjoni għall-iżvilupp soċjo-ekonomiku tas-servizzi volontarji u x-xewqa li dawn il-voluntiera - anki akkost ta' sagrifiċċju personali - jitħeġġu f'din il-ħidma (minn kull tip ta' organizzazzjonijiet). Ir-riżoluzzjoni kompliet tagħmel stedina ġenerali - inklużi l-gvernijiet u l-aġenziji tan-Nazzjonijiet Uniti stess - biex jippromwovu attivitajiet li jiġbdu l-attenzjoni fuq il-fenomenu. Speċifikament saret rakkomandazzjoni għal




International Volunteer Day for Economic and Social Development kull 5 ta' Diċembru ta' kull sena.

Għalhekk nhar l-Erbgħa 5 ta' Diċembru se niċċelebraw "Jum il-Volontarjat" - għall-ewwel, iżda nittamaw mhux għall-aħħar, darba f'Għawdex. Sintendi l-programm għadu jitħejja iżda l-NGOs, barra li joffru lill-Kunsill suġġerimenti u parteċipazzjoni, huma mistiedna jaħsbu attivitajiet għalihom stess matul dik il-ġimgħa. Din is-sena m'aħniex nimmiraw għal ħafna daqq tat-trombi - l-importanti li iktar nies japprezzaw aħjar kemm hawn ħidmiet li jistgħu huma stess jinvolvu ruħhom fihom. Il-Kunsill jittama bis-sħiħ li din id-data tistabbilixxi ruħha fil-kalendarju għawdxi annwali.

### *Websajt*

Parti sew tad-diskussjonijiet waqt il-laqgħat tal-Kunsill kienu ddedikati għal żewġ proġetti li waslu għall-ewwel twettiq: *website* u sehem mill-benefiċċji tas-sħubija fl-Unjoni Ewropea.

Fid-dinja ta' llum ma tantx tista' tgħaddi mingħajr preżenza fuq l-internet. Veru li kellna (u jibqgħalna) il-jedd li nużaw il-*website* tal-Ministeru għal Għawdex; iżda sa mit-twaqqif ta' l-Assoċjazzjoni kienet tinħass li hemm xi ħaġa tistona li n-*non-governmental organisations* ikollhom indirizz elettroniku *gov.mt*! Fl-aħħar iddeċidejna li naraw x'possibbiltajiet għandna li nifthu *website* identifikabbli - u tajniha isem mill-iktar "ovvju" *www.ngos-gozo.org*. Qbilna mill-ewwel li għandha tpperreċ, mhux biss l-attivitajiet ta' l-Assoċjazzjoni, iżda anki - u forsi iktar importanti - il-preżenza tad-diversi entitajiet imsieħba. Wara konsultazzjoni, peress li fostna ma hemm ħadd "tas-sengħa" (u ma rridux li nagħtu lemħa "dilettanteska"), qabbadna lil ditta kummerċjali biex teħdilna ħsieb il-parti teknika. Il-viċi-president (li diġa jmexxi *website* tal-għaqda tiegħu) hu l-*webmaster*. Kwalunkwe għaqda hi mistiedna tagħti informazzjoni dwarha u anki tavża dwar l-attivitajiet li tkun tħejji. Nittamaw li dan l-iżvilupp iservi ta' okkażjoni għal tisħiħ ta' kollaborazzjoni bejn l-imseħbin - u li din il-preżenza fid-dinja globali virtwali toħloq kuntatti reali ma' organizzazzjonijiet f'pajjiżi oħra.

Ħadna l-okkażjoni nagħmlu ħaġa oħra - żgħira, imma fiha sinjifikat: logo pulit, muri kemm il-verżjoni bl-Ingliż u kemm dik bilingwi.

### *Kuntatti fl-UE*

Kwalunkwe organizzazzjoni tistaġna u tonqos fir-rilevanza jekk tingħalaq fiha nfisha. Jekk għal ħadd, dan il-prinċipju japplika żgur għall-NGOs. Wara li diġà doqna l-esperjenza ta' żjara organizzata għand l-*Akademie Klausenhoff* sentejn ilu, bdejna nippruvaw naraw kif nistgħu ngawdu mill-possibbiltajiet li toffri s-sħubija fl-Unjoni Ewropea. Għamilna ftehim ma' ditta ta' konsulenti li offrewlna kundizzjonijiet speċjali minħabba l-identità tagħna; u ppreparawlna applikazzjoni fl-iskema msejħa "Leonardo da Vinci". F'Settembru waslitilna r-risposta li l-proposta tagħna, wara li nfliet minn evalwaturi esterni, ġiet milqugħa mill-kumitat ta' l-Aġenzija Nazzjonali responsabbli appuntu mill-Programmi ta' l-UE. Bażikament, dan il-proġett ippreżentat minna jikkonsisti fi żjara ta' ħmistax minn tliet rappreżentanti ta' NGOs fl-Italja u tlieta oħra fil-Greċja.

Iżda fil-fatt hu ferm iktar - u nittamaw li jħalli effetti wiesgħa sew! L-argument tagħna hu li r-rikkezza tas-settur volontarju fi gżiritna hu mxekkel minn nuqqas ta' riżorsi - ankeumani. Inħossu li, għalkemm forsi ma nistgħux ingergru mill-kwantità ta' persuni motivati bil-kbir (u mhux għall-qligħ finanzjarju jew, b'xi mod, materjali - x'aktarx xejn ħlief is-sodisfazzjon personali), żgur li neħtieġu ferm iktar sengħa fit-tmexxija - u kif l-aħjar jintużaw ir-riżorsi disponibbli. Iż-żewġ organizzazzjonijiet "ospitanti" t-tnejn għandhom esperjenza vasta - u allura għandhom x'joffru (u x'jgħallmu!) Fl-għażla fost il-bosta applikanti, il-Kunsill ifformula kriterji, fosthom dak tal-bilanċ fost it-tipi tal-parteċipanti, li jistgħu jiggarantixxu l-ottimizzazzjoni ta' din l-opportunità - u ta' l-użu ta' dawn il-fondi ('il fuq minn għaxart elef Euro - infatti nistgħu ngħidu "kollox imħallas"!).

Matul il-ġimgħatejn, il-magħżula se jirċievu informazzjoni u tagħlim dwar aspetti bħall-akkwist ta' fondi u t-tħaddim ta' strateġiji; se jżuru organizzazzjonijiet tal-post; se jaraw fil-prattika dan kollu jitħaddem; se jieħdu sehem f'attivitajiet bħal *workshops*. Biex ma jitfaċċawx problemi ta' lingwa, ftehemna li l-Ingliż se jkun il-mezz ta' komunikazzjoni - għalkemm qabel jitilqu se jkollhom xi ftit informazzjoni dwar ir-reġjun fejn sejrin. Żjara bħal din għandha bilfors kulur ta' "divertita"; bil-fors ikollha parti turistika u kulturali. Iżda prinċipalment huma ġranet "tax-xogħol": il-parteċipanti mistennija li jiġbru l-informazzjoni kollha biex japplikawha - u mhux biss fl-għaqda partikulari tagħhom. Saħansitra se jkunu jistgħu jakkwistaw l-*Europass Mobility* - prova ta' "żvilupp professjonali".

Infatti l-proġett jinkludi sensiela ta' evalwazzjonijiet u rapportaġġ mar-ritorn; mhix nieqsa l-mira li noħolqu pjan kif l-effetti pożittivi jinħassu - u jkomplu jinħassu. Barra minn hekk, is-sitta se jkollhom sehem essenzjali f'konferenza li matulha jixxerred dak li tgħallmu u li nnotaw. U żgur tingħata prominenza - post ta' l-unur - fuq *www.ngos-gozo.org* u, m'għandix dubju, anki fil-medja b'mod ġenerali. Anke f'din ir-rivista ta' l-Għawdxin,f'rapport ieħor li nwasslilkom aktar 'il quddiem.

**ANTOINE VASSALLO**
*(President ta' l-Assoċjazzjoni)*
vasanti@waldonet.net.mt

TIFKIRIET STORIĊI



# Iż-Żjajjar tar-Reġina Elizabetta II fil-Gżejjer Maltin

kitba ta' DUN GEOFFREY G. ATTARD

**Ir-rabtiet qodma ta' l-Ingilterra mal-gżejjer ta' Malta u Għawdex huma magħrufa sewwa: kien fl-1800 li l-Maltin u l-Għawdxin, wara l-esperjenza kiefra ta' sentejn ta' ħakma Franċiża, wara li rrikorrew għand ir-Re taż-Żewġ Sqallijiet, talbu l-għajnuna ta' l-Ammiral Ingliż fil-Mediterran Sir Alexander Ball kontra l-indħil ta' Napuljun. Kien dan il-fatt storiku li wassal biex Malta saret kolonja ta' l-Imperu Ingliż, ħakma li bdiet uffiċjalment fl-1814 u ntemmet ma' l-indipendenza f'Settembru 1964. Matul dawk is-snin kollha nibtet ħbiberija speċjali bejn il-familja Irjali ta' l-Ingilterra u l-poplu tal-gżejjer tagħna; din il-ħbiberija għadha ħajja fil-moħħ u l-qalb ta' ħafna Maltin u Għawdxin.**

## *L-Era Vittorjana*

Matul is-snin bosta kienu ż-żjajjar statali li r-rejiet Ingliżi għamlu f'Malta. Ir-Reġina Adelaide, mart ir-Re William IV kienet l-ewwel membru importanti tal-Familja Irjali li żaret Malta. Hija tibqa' magħrufa għall-għajnuna finanzjarja li tat sabiex seta' jinbena l-Pro-Katidral Anglikan ta' San Pawl fil-Belt Valletta li l-kampnar tiegħu, flimkien mal-koppla tal-Bażilika tal-Karmnu, jiddominaw il-linja profil tal-Belt Valletta minn kull fejn tħares. Ir-Reġina Victoria ma kellhiex ix-xorti li żżur lil pajjiżna iżda ma nistgħux ma nsemmux il-ferħ tagħha għat-talba ta' l-Għawdxin meta missirijietna talbu li r-Rabat jingħata l-*istatus* ta' belt u jissemma Victoria. Din il-ġrajja seħħet fl-1887, is-sena tal-Ġublew tad-Djamanti tar-Reġina Victoria. Binha l-kbir, il-futur Edward VII żar lil Malta u fetaħ uffiċjalment fil-Palazz Vilhena l-Isptar *Connaught* fl-Imdina li llum huwa l-Mużew tal-Istorja Naturali. Il-futur Edward VIII żar ukoll lil Malta bħala Prinċep ta' Wales kif għamel missieru r-Re Ġorġ V bħala Duka ta' York. Imbagħad ir-Re Ġorġ VI jibqa' marbut ma' ġrajjiet art twelidna bħala dak li tana l-*George Cross* li jperper fuq il-bandiera Maltija.



## *Ħjiel bijografiku*

Ir-Reġina Elizabetta II hija l-bint ewlenija tar-Re Ġorġ VI u martu Lady Elisabeth Bowes-Lyon. Ir-Re Ġorġ kellu żewġt ibniet; Elisabeth, ir-Reġina preżenti, u Margaret, il-Kontessa Snowdon. Flimkien sa niflu ż-żjajjar li r-Reġina Elizabetta għamlet f'Malta u Għawdex, l-ewwel bħala prinċipessa u aktar tard bħala Reġina.

Bejn l-1949 u l-1951 il-Prinċipessa Elisabeth żaret pajjiżna erba' darbiet. Żaret Malta fid-19 ta' Novembru 1949. Matul iż-żjara tagħha hija ċċelebrat flimkien mal-Prinċep Philip, it-tieni anniversarju taż-żwieġ tagħhom. Huma qagħdu f'Villa Guardamangia, ir-residenza taz-ziju ta' Philip, *Lord Louis Mountbatten of Burma.* Din iż-żjara kienet waħda privata. Hija kienet ġiet bħala mart fizzjal tan-Navy; id-Duka ta' Edinburgh kien *First Lieutenant* fuq l-HMS *Chequers*. Madankollu l-Maltin u l-Għawdxin lkoll saru jafuha matul din iż-żjara.

Matul din iż-żjara ewlenija, il-Prinċipessa żaret l-Imdina u ppranzat ma' l-Arċisqof Mikiel Gonzi. Mons. Apap Bologna dawwarha mal-Katidral u l-Mużew, li darba kien is-Seminarju. Żaret il-Wirja Industrijali organizzata mill-Kamra tal-Kummerċ. Żaret ukoll kunventi u skejjel u sptarijiet u anke l-Isptar San Luqa. Matul din iż-żjara tagħha, il-Prinċipessa kellha laqgħat mal-Gvernatur Ingliż f'Malta Sir Gerald Creasy. Hija kixfet żewġ lapidi fil-Furjana b'tifkira ta' dawk li mietu fiż-żewġ gwerer. Il-Gvernatur Creasy qara d-diskors ta' l-okkażjoni; din hija silta minnu:

> *"L-Altezza Rjali Tiegħek ma għandha bżonn ebda assigurazzjoni tal-lealta' kbira tal-Poplu Malti lejn l-Maesta' Tiegħu r-Re. Issa int taf illi s-sentimenti tagħhom mhumiex biss ta' lealta' lejn il-Maesta' Tiegħu r-Re u Membri tal-Familja Rjali iżda wkoll ta' mħabba u ammirazzjoni vera. Din l-imħabba u*



*Il-Prinċipessa Elisabeth tirċievi bukkett fjuri minn tifla tal-Grammar School, triq it-Tiġrija, tul iż-żjara tagħha f'Għawdex (2 ta' April 1951) - ritratt irregalat mill-Iskola Agius De Soldanis lill-Arkivju Nazzjonali, Għawdex dan l-aħħar.*

*din il-lealta' ħeġġu lill-poplu biex iġarrab bi qlubija u rieda n-nuqqasijiet kbar ta' l-assedju u t-tiġrib tal-biżà ta' l-attakki tal-għadu mill-ajru. Għalhekk, illum inħossu rwieħna b'mod partikulari mkabbrin u kuntenti illi nilqgħu f'din l-okkażjoni sollenni l-preżenza ġentili ta' l-Altezza Rjali Tiegħek".*

Għal din l-okkażjoni kienu preżenti minbarra l-Gvernatur, il-Prim Ministru Ġorġ Borg Olivier u l-Isqof Awżiljarju Mons. Emanuel Galea, Isqof ta' Tralles għan-nom ta' l-Arċisqof.

F'Marzu 1950 il-Prinċipessa Elisabeth reġgħet ġiet Malta. Reġgħet żaret pajjiżna darbtejn oħra sa l-1951. Matul it-tieni żjara tagħha, il-Prinċipessa iċċelebrat f'Malta għeluq l-24 sena tagħha. Għal din l-okkażjoni kienu preżenti wkoll iz-zijiet tagħha d-Duka u d-Dukessa ta' Gloucester. Ferħulha l-Parlament, il-Gvernatur, l-Arċisqof Gonzi u l-Prim Ministru. Matul l-aħħar żjara tagħha qabel ma saret Reġina, il-Prinċipessa Elisabeth u d-Duka kienu mistiedna mill-Prim Ministru Borg Olivier fil-Berġa ta' Aragona.

### *Ir-Reġina f'Għawdex*

Matul l-aħħar żjara tagħhom qabel f'pajjiżna, qabel il-mewt ta' missierha r-Re Ġorġ VI, il-Prinċipessa u d-Duka żaru l-gżira ta' Għawdex. L-Isqof ta' Għawdex ta' dak iż-żmien Mons. Ġużeppi Pace dawwarhom ma' l-Istitut il-ġdid ta' San Ġużepp f'Għajnsielem. F'Ta' Sannat huma marru għand is-Sinjura Debrincat fejn raw tfajliet għawdxin jaħdmu l-bizzilla. Hawnhekk kienet ippreżentata dvalja bil-bordura tal-bizzilla ta' Għawdex. Id-dar tas-Sinjura Debrincat tingħaraf b'irħama li tfakkar iż-żjara Rjali fit-2 ta' April 1951.

### *Minn prinċipessa għal Reġina*

Wara l-1951, il-Prinċipessa Elisabeth reġgħet ġiet Malta fl-1954, din id-darba bħala Reġina. Hija kienet inkurunata sollennament f'Westminster Abbey nhar it-2 ta' Ġunju 1953. Fl-1954 żaret Malta bħala parti mill-*Commonwealth Tour*. Nhar it-23 t'April ta' dik is-sena waslu l-prinċep Charles u l-prinċipessa Anne uliedha. Fit-2 ta' Mejju r-Reġina u l-Prinċep Philip daħlu l-Port il-Kbir fuq ir-*Royal Yaught Britannia* . Nhar il-5 ta' Mejju 1954 hija inawgurat uffiċjalment il-*Mater Adimirabilis Training College* f'Tal-Virtù, illum is-Seminarju.

### *Mill-ġdid f'Għawdex*

Bejn il-5 u s-7 ta' Mejju kienu ddedikati bħala żjara privata. Imma fis-7 ta' Mejju r-Reġina żaret lil Għawdex: l-ewwel darba fl-istorja li monarka qatt żar din il-gżira. Matul din iż-żjara hija kixfet il-monument taż-żewġ gwerer fil-Pjazza tat-Tokk; xbieha fil-bronż ta' Kristu Re, xogħol ir-Ruman Giovanni Pisi.

### *Iż-żjara ta' l-1967*

F'Novembru 1967, tlett snin biss wara l-għoti ta' l-indipendenza li għaliha kien preżenti l-Prinċep Philip waħdu, ir-Reġina reġgħet kienet fostna. Din id-darba Malta ma kinitx għadha kolonja imma kienet membru tal-*Commonwealth*. Iż-żjara bdiet fl-14 tax-xahar u r-Reġina kienet milqugħa mill-Gvernatur Ġenerali Sir Maurice Dorman. Fil-15 ta' Novembru r-Reġina fetħet sessjoni ġdida tal-Parlament fis-Sala ta' San Mikiel u San Ġorġ. Ir-Reġina żaret ukoll lil Għawdex u qegħdet l-ewwel ġebla tal-isptar il-ġdid ta' l-Ibraġ magħruf aktar tard bħala l-Isptar Craig, illum l-Isptar Ġenerali t'Għawdex.

### *Iż-żjara ta' l-1992*

Mejju 1992 reġa' ra lill-koppja rjali żżur il-gżejjer tagħna. Żaret il-Palazz tal-President u ltaqgħet mal-Kabinett u l-Ambaxxaturi. Attendiet għal kunċert mużikali fit-Teatru Manoel. Żaret l-Imdina u l-Katidral kif ukoll Dar il-Mediterran fejn darba l-Ordni kellu l-Isptar tiegħu. L-aktar avveniment importanti kien il-kxif tal-monument tal-qanpiena fil-Barrakka t'isfel li fakkar il-50 sena minn meta missierha r-Re Ġorġ VI ta lil Malta l-*George Cross*. Il-*George Cross Island Association* kienet il-moħħ wara l-idea ta' din il-qanpiena li tqiegħdet fid-daħla tal-Port il-Kbir. Ir-Reġina żaret ukoll il-gżira tat-tlett għoljiet fejn fost l-oħrajn ġiet imdawra mal-Katidral fiċ-Ċittadella fil-preżenza ta' Mons. Isqof Nikol G. Cauchi u membri tal-kapitlu mill-istoriku Rev. Dr. Joseph Bezzina. Ingħatat is-salut mill-Forzi Armati fi Pjazza Indipendenza quddiem dak l-istess monument tal-gwerra li kienet kixfet bosta snin qabel.

### *Ir-Reġina u ċ-CHOGM*

Ir-Reġina u l-Prinċep Philip kienu f'pajjiżna reċentament f'Novembru 2005. Waslet Malta kmieni wara nofsinhar tal-Ħamis 24 ta' Novembru biex tippresiedi l-ftuħ tal-*Commonwealth Heads of Government Meeting* li ltaqa' fiċ-Ċentru tal-Konferenzi ta' Dar il-Mediterran fil-Belt Valletta. Hija ntlaqgħet b'ferħ kbir mill-folol ta' Maltin u Għawdxin u mxew mat-toroq tal-Belt Valletta. Ippresediet ukoll pranzu statali fil-Palazz fejn kienet il-mistiedna tal-President tar-Repubblika Dr. Eddie Fenech Adami u l-Prim Ministru Laurence Gonzi.

Il-bosta żjajjar irjali tar-Reġina Eliżabetta II u d-Duka ta' Edinburgh f'pajjiżna huma xhieda ħajja tar-relazzjonijiet tajba li Malta u r-Renju Unit gawdew sa mill-bidu tal-ħakma ingliża f'Malta wara t-tkeċċija ta' Napuljun. Dawn ir-relazzjonijiet jawguraw żjara oħra tal-koppja irjali f'Novembru ta' din is-sena 2007 bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet tas-60 anniversarju taż-żwieġ ta' Eliżabetta II u l-Prinċep Philip.

TAJJEB LI TKUN TAF



# Il-Fergħa tas-Salib Aħmar f'Għawdex: Neħtiġuha?

*kitba ta' ETIENNE MICALLEF*

**L-istorja tad-dinja hi minsuġa minn episodji ta' gwerer li ħallew timbru iswed fuq diversi ċiviltajiet. Gwerer imdemmija nħolqu biex jinkisbu territorji bi spiża ta' miljuni ta' ħajjiet li ħaslu artijiet, xtut u ibħra b'demmhom. Kienu bosta dawk li semmgħu l-esperjenzi tagħhom u urew b'mod ċar kemm il-bluha tal-gwerra hi att ta' diskriminazzjoni u att diżuman kontra d-drittijiet tal-bniedem fuq skala globali.**

L-istorja tagħraf lil Henry Dunant, negozjant u ħaddiem soċjali, bħala l-pijunier tas-Soċjetà tas-Salib Aħmar. Kien il-moħħ u l-qalb li beda din l-għaqda tant bżonnjuża fid-dinja kollha. Għaqda li ma tagħrafx kuluri tal-ġilda, imma tagħraf il-bniedem f'dak il-ġisem li jitlob għall-għajnuna. Hi għaqda li ma tissimpatizzax ma' sentimenti ta' politika u poter, imma li tħabrek biex tara s-serħan tal-moħħ u t-tbissima tixgħel fuq min hu batut.

### *Pont bejn it-traġedja u l-isptar*

Din is-soċjetà hi mferrxa madwar id-dinja kollha u sal-ġurnata tal-lum tiġbor fiha miljuni ta' voluntiera. Tinsab ukoll fil-gżejjer tagħna u hi attiva ħafna.

**Is-Salib Aħmar f'Għawdex beda jopera mill-2002 u fuq medda ta' sitt snin kiber u żviluppa biex ikun dejjem lest li jagħti servizz tajjeb u professjonali liċ-ċittadini Għawdxin u Maltin. Bl-ideoloġija u x-xewqa ta' Dunant bħala gwida, il-Fergħa Għawdxija baqgħet tmantni livell għoli ta' servizz li jiġbed l-għajn u jikkumplimenta għaqdiet oħra ġirien tagħna madwar id-dinja.**

Imma aħna x'nagħmlu eżatt? X'inhu l-iskop tagħna? Għalfejn l-għaqda teżisti?

Min jarana waqt xi servizz, ngħidu aħna logħob tal-futbol jew tlielaq taż-żwiemel (biex insemmu ftit minnhom), jaf li




nkunu dejjem lesti għall-inkonvenjenzi li jistgħu jinqalgħu. Meta jkorri xi ħadd noħorġu niġru biex nagħtuh l-Ewwel Għajnuna u f'xi każi jkollna bżonn inġorru lill-persuna 'l barra bi streċer. F'każi oħra jkollna ukoll l-obbligu li nieħdu l-persuna sa' l-isptar biex tiġi medikata b'mod aktar fil-fond bi strumenti aktar soffistikati. Qatt ma kellna xi każ gravi ħafna li sfortunatament wassal għall-mewt.



Ngħiduha kif inhi, aħna m'aħniex tobba jew infermiera (kif uħud ġieli jgħajjtulna!) imma sempliċement *First Aiders* (jew jekk tridu l-Ewwel Għajjutanti). B'hekk aħna m'għandniex dritt li nagħtu mediċina għax m'aħniex ikkwalifikati. L-iskop tagħna huwa li nkunu hemm meta jiġri l-inċident biex infittxu ngħinu lil min ikun milqut. Aħna l-pont uman bejn it-traġedja u l-isptar.

### *Korsijiet ta' Tħejjija*

Biex nerġa' ndur fuq il-punt li aħna noħorġu niġru biex ngħinu u jekk hemm bżonn nieħdu l-isptar, dan nassigurakom li hu biss il-bażiku minn dak kollu li jseħħ bħala xogħol tas-Salib Aħmar.

Wieħed ma jistax jagħmel dawn l-affarijiet waqt servizz jekk qabel ma jkunx ħa kors kif jgħin biex itaffi l-problemi ta' dawn is-sitwazzjonijiet delikati. Meta nsemmi kors jiddependi ukoll mit-tip ta' persuna x'kapaċi tagħmel biex tgħin lill-kumplament tal-voluntiera. Hemm diversi korsijiet li wieħed jista' jieħu u dawn kollha jirriflettu fuq partijiet differenti ta' skeda sħiħa li tiġbor fiha l-programmi kollha li aħna nitħarrġu għalihom.

Biex inkun aktar ċar, meta tkun waqt xi logħba futbol kif iddewwi lill-pazjent huwa differenti minn kif iddewwi pazjent ieħor waqt xi tellieqa taż-żwiemel. Jista' jkun li pazjent waqt il-futbol ikollu d-demm ħiereġ minn xi ferita, waqt li l-pazjent waqt it-tlielaq jispiċċa b'xi mkien miksur. Ma nistgħux nagħtuhom l-istess għajnuna peress li l-kundizzjoni hi differenti



minn wieħed għall-ieħor u x'aktarx wieħed minnhom għandu bżonn imur sa' l-isptar aktar urġenti mill-ieħor. Jew inkella jagħti l-każ ukoll li waqt xi *disco party* xi persuna tispiċċa tixrob iżżejjed u fis-sakra li tkun ikollha xorti ma tiġix mormija fl-art qisha xi xkora żibel. Ix-xorb iġib lin-nies boloh u l-effetti tagħhom jistgħu jirriżultaw fi traġedji koroh.

Dan huwa parti mit-taħriġ. Waqt it-taħriġ nitgħallmu ukoll kif inżommu ruħna kalmi biex nevitaw li nżidu mal-paniku li jkun hemm diġà madwarna. X'taħsbu intom li kieku taraw voluntier minn tagħna jiġġennen aktar minn nies l-oħra?

Uħud jarawna kalmi wisq waqt li nkunu qed nagħtu servizz u jaħsbu li ma jimpurtana minn xejn jew li mitluqin iżżejjed! Fil-fatt aħna nkunu qed inżommu l-ordni meħtieġa biex is-sitwazzjoni ma tiggravax u anke nagħtu ċans lill-pazjent jieħu l-ħin tiegħu. Psikoloġikament meta persuna nervuża tara lil oħra ta' maġenbha kalma, wisq probabbli tagħmel żewġ affarijiet : tikkalma, jew titlaq minn hemm. Fil-każ tal-pazjent ferut ma tantx għandu għażla oħra u hu stess iħoss li jaqbillu jikkalma!

Kif għidt, il-korsijiet ivarjaw skond in-neċessità tas-servizzi...u xi kultant anke tal-età. Parti mill-Fergħa tikkonsisti ukoll billi tgħallem tfal l-Ewwel Għajnuna ħalli meta jikbru huma stess jgħallmu lil ħaddieħor. Apparti t-tfal għandna ukoll oqsma oħra fejn isir taħriġ estensiv. Dawn huma: salvataġġ bil-ħbula, *diving*, sezzjoni tal-klieb (fejn inħarrġu klieb biex 'il quddiem jgħinuna waqt xi missjoni), taħriġ barra minn Malta, studju psikoloġiku, taħriġ mal-ħelikopter u ħafna oħrajn...

Aħna ukoll intellgħu programmi għal kumpaniji privati, skejjel, u għall-pubbliku ġenerali. Aħna nemmnu li kulħadd għandu bżonn ikellu ftit tagħrif dwar l-Ewwel Għajnuna. Hadd ma jista' jgħid x'se jiġri fil-ħajja ta' kuljum u almenu bil-ftit fatti li tkun tgħallimt kapaċi ssalva ħajja ta' persuna.



### *Mistoqsijiet personali*

X'tista' tagħmel meta persuna jkollha attakk tal-qalb? Jew xi attakk ta' puplesija? Kif lest li tgħin meta jkun hemm involuti xi ksur, dmija jew ħruq? Jekk tinzerta persuna waħdek x'kapaċi tagħmel biex tevita li tgħarraq aktar is-sitwazzjoni? Tippanikja xejn jekk tispiċċa jkollok tagħti l-Ewwel Għajnuna biex issalva bniedem u int biss li tkun tista' tgħinu? Taf int kemm issarraf meta tiġi wiċċ imb'wiċċ ma' mument ta' tensjoni?

Aħseb ftit u rrifletti x'kapaċi tagħmel meta f'ħin bla waqt tispiċċa jkollok ħajja f'idejk li tkun qed tilgħabha mal-mewt u li int biss tista' tkun l-għajnuna meħtieġa tagħha...

**Il-bibien tagħna dejjem jinsabu miftuħin għal kulħadd.**

**Jekk tħoss li għandek bżonn tkun taf aktar fuq dawn l-affarijiet importanti fittixna fuq dawn il-kuntatti:**

| | |
|---|---|
| **Tel:** | **2155 0604,** |
| **Mob:** | **9980 0803** |
| **email:** | **rcgozo@di-ve.com** |
| **website:** | **www.rcgozo.org** |

HILITE
HARDWARE STORE
**FRANCO - BELGE**
**FIRE PLACES**
*Importers of*
Copper Pipes & Fittings
Lava Solar Heaters
Adensa Space Heaters
and Fire Places

113, St. Bert Street, Xewkija, Gozo
Tel: 2155 5736 • Fax: 2155 5525
Mob: 9947 8884

Passiġġata Biblika - 30

*"L-Iskrittura kollha hija mnebbħa minn Alla u tiswa biex wieħed jgħallem, iċanfar, iwiddeb u jrawwem fis-sewwa, biex hekk il-bniedem ta' Alla jkun perfett,imħejji għal kull ħidma tajba". (2 Tim 3:16-17)*

# ĦARSA ĠENERALI LEJN IL-KOTBA APOKRIFI

**minn Fr. Charles Buttigieg**

***Il-kitba Apokrifa***

Għalina l-kattoliċi minbarra l-kotba kanoniċi li huma l-kotba ispirati tal-Iskrittura Mqaddsa, hemm il-kotba apokrifi (mill-kelma griega '*apokrypha*' li tfisser 'moħbija'). Dawn il-kotba ma ġewx meqjusin bħala ispirati minħabba l-kontenut dubjuż tagħhom u għalhekk ma ġewx inklużi fil-lista tal-kotba kanoniċi tal-bibbja. Ħafna minnhom kienu kitbiet minn ambjenti injostiċi u eretiċi. Fihom anke xi esaġerazzjonijiet żejda u għalhekk ġew moħbijin u mqiegħda għall-ġenb, però żgur li ħallew l-influwenzi tagħhom matul is-snin. Kienu jservu fuq kollox bħala romanzi jew stejjer, iżda mhux dejjem ta' min jorbot fuqhom.

Fid-disgħa u tletin ittra tal-Għid tas-sena 367 W.K., San Atanasju saħaq ħafna fuq id-differenza kbira bejn dawk il-kotba li huma mniżżla fil-kanoni u dawk li huma meqjusa bħala 'apokrifi'. Dan għaliex kien hemm xi eretiċi li kienu jħalltu l-kotba ispirati mal-kotba apokrifi. San Irinew kien jikkonsidra dawn il-kitbiet apokrifi bħala mimlija gideb u Tertuljanu kien jarahom bħala foloz. Ewsebju fit-tielet ktieb tiegħu ta' l-Istorja tal-Knisja, jagħti lista tal-kotba mressqa mill-eretiċi taħt l-isem ta' l-appostli, u jgħid li dawn għandhom jiġu mwarrba għax huma bla valur u jqarrqu. San Ġirolmu u diversi missirijiet oħra tal-Knisja ċaħdu dawn il-kitbiet u l-istejjer marbuta magħhom.

***L-Apokrifi tal-Antik u l-Ġdid Testment***

Fost l-apokrifi tal-A.T. insibu: l-Apokalissi ta' Elija, dak ta' Mosè u ta' Baruk; l-Assunzjoni ta' Mosè; il-Ktieb tal-Ġubilej; is-Salmi ta' Salamun; it-Testment ta' Abraham, it-Testment tat-tnax il-Patrijarki, dak ta' Aser, ta' Benjamin, ta' Dan, ta' Gad, ta' Issakar, ta' Ġob, ta' Ġuda, ta' Levi, ta' Naftali, ta' Reuben, ta' Xmun, Salamun, Żebulon, u l-kitbiet ta' Enok.



Uħud mill-apokrifi tal-Ġ.T. huma: il-Protovanġelu ta' Ġakbu jew it-Twelid tal-Madonna skond Ġakbu (tat-2 seklu W.K.) li fih stejjer dwar il-Madonna u t-twelid ta' Ġesù; il-Vanġelu tal-Pseudo-Mattew (tas-7 u t-8 seklu) li fih xi leġġendi dwar meta San Ġużepp kien fl-Eġittu bil-familja tiegħu; il-Manuskritt 404: Arundel (tal-medjuevu) dwar it-twelid ta' Ġesù; il-vanġelu tal-infanzja ta' Tumas jew l-Istorja tal-Infanzja skond Tumas li jirrakkonta ħafna mirakli tat-tfajjel Ġesù u kif San Ġużepp bħala mastrudaxxa kien jaħdem u jagħmel l-imħaret tal-injam u għodod oħra għall-għelieqi.

Insibu l-vanġelu Sirjak u Għarbi tal-Infanzja (tas-6 u 7 seklu); il-vanġelu armen tal-infanzja (tas-seklu 6); '*il-Liber de Infantia Salvatoris*'; l-Istorja ta' Ġużeppi l-Mastrudaxxa (tat-2 seklu); il-Papiru 840: *Oxyrhynchus*, dwar il-ħajja pubblika ta' Ġesù; il-Papiru 2: Egerton, dwar il-ministeru ta' Ġesù; il-Vanġelu Sigriet ta' San Mark dwar il-ħajja ta' Ġesù; il-vanġelu ta' Pietru dwar il-mewt u l-qawmien ta' Kristu. Għandna mbagħad il-vanġelu ħafna kontroversjali ta' Tumas; l-Atti ta' Ġwanni; l-Atti ta' Pietru; l-Atti ta' Pawlu; il-framment kopt tal-Atti ta' Pawlu; l-Atti ta' Indrija; l-Atti ta' Tumas li hu xogħol tat-2 seklu u fih 170 kapitlu dwar l-għażla ta' Tumas sabiex jevanġelizza l-Indja u l-ġrajjiet tiegħu hemmhekk; l-ittra ta' Lentulus; il-vanġelu ta' Nikodemu jew l-Atti ta' Pilatu; il-Mistoqsijiet ta' Bartilmew; l-Apokalissi ta' Pietru; dak ta' Pawlu; ta' Tumas; l-ittra ta' Pilatu u Erodi; u r-Rakkont ta' Ġużeppi Arimateja.

***Tagħrif mill-Apokrifi***

Żewġ dokumenti li jagħtuna tagħrif dwar il-Madonna speċjalment dwar it-twelid, it-tfulija, il-ħajja u l-mewt tagħha huma l-Protovanġelu ta' Ġakbu u d-dokument li jismu r-Raqda ta' Marija, '*Dormitio Mariae*'.

Il-Protovanġelu ta' Ġakbu huwa wieħed mill-eqdem vanġeli apokrifu li nsibu. Dan aktarx inkiteb madwar is-snin 150/200 W.K., bil-għan li jkabbar il-glorja ta' Marija u jiddefendi l-Verġinità tagħha. Huwa msejjaħ ta' Ġakbu, għaliex hu meqjus li kitbu Ġakbu, il-qarib tal-Mulej u li kien appostlu ukoll. Dan ix-xogħol jurina kif il-ġenituri

tal-Madonna, San Ġwakkin u Sant' Anna ma setax ikollhom tfal, sitwazzjoni ta' mistħija kbira l-iktar fil-kultura biblika. Għalhekk huma jagħmlu wegħda lil Alla li jekk jagħtihom tarbija, huma lil din it-tarbija jikkonsagrawha lil Alla. Kitba apokrifa armena ssemmi li din l-omm Anna welldet fis-seba' xahar tat-tqala, b'mod mirakuluż, fis-seba' siegħa tal-21 tax-xahar ta' Elul (l-aħħar xahar fil-kalendarju lhudi, li jiġi bejn Awissu u Settembru), u li jikkorrispondi għat-8 ta' Settembru, id-data li fil-Knisja niċċelebraw it-Twelid tal-Madonna.

L-'Istorja ta' Ġużeppi l-Mastrudaxxa' tirrakkonta fost l-oħrajn, l-aħħar snin ta' San Ġużepp. Dan huwa xogħol grieg tat-2 seklu W.K., fejn jgħid li San Ġużepp miet madwar is-sena 18 jew 19 A.D., qabel ma Ġesù beda l-ħajja pubblika tiegħu madwar is-sena 30 A.D. Dan il-ktieb jagħti deskrizzjoni dettaljata tal-mewt ta' Ġużeppi fejn ifisser il-paċi u l-konsolazzjoni li kellu fil-punt tal-mewt tiegħu mdawwar b'Ġesù u Marija. Dan ix-xogħol kellu nfluwenza kbira fil-Knisja Kopta tal-Lixandra ġewwa l-Eġittu fejn teżisti festa li tfakkar meta miet San Ġużepp u li tiġi ċċelebrata fis-26 ta' Abîb, li jiġi għall-bidu ta' Awissu tal-kalendarju tagħna.

### *Il-Vanġelu ta' Tumas*

Dan il-vanġelu apokrifu ħoloq ċertu interess matul is-snin u anke dak riċenti minħabba li jeżistu fih numru kbir ta' frażijiet u kliem (*'sayings'*, *logoi*) ta' Ġesù, li però ma sabux posthom fil-kotba ispirati. Il-vanġelu huwa attribwit lil San Tumas l-appostlu, it-Tewmi, dak li għall-ewwel iddubita mill-qawmien ta' Kristu.

Instabu żewġ verżjonijiet ta' dan il-vanġelu. Wieħed kien instab fl-aħħar tas-seklu dsatax fost il-papiru '*Oxyrhynchus*' u jikkonsisti fi tlett frammenti griegi: 1; 654 u 655, li huma tas-sena 200 W.K. It-tieni verżjoni hija kopta u waħda kompluta, u tmur għas-sena 400 W.K. Tinsab fit-tieni kodiċi ta' Nag Hammadi qrib ix-xmara Nil fl-Eġittu fejn instab fl-1945 minn żewġ bdiewa, f'dik li hi meqjusa bħala s-sejba ta' librerija sħiħa njostika.

Il-vanġelu jikkonsisti f'114-il *logia*, u kważi kollha jibdew bil-kelmiet: "Ġesù qal...". Fost dawn il-frażijiet, insibu numru mhux ħażin li juri xebh ma' frażijiet ta' Ġesù kif insibuhom b'mod speċjali f'Mattew. B'mod partikolari nistgħu nqabbluhom mad-diskors tal-Muntanja u l-kollezzjoni ta' parabboli f'Mattew kapitlu 13. Minn dawn il-114-il *logia* l-istudjużi moderni jsostnu li 79 minnhom huma paralleli mas-sinottiċi. Ħdax minnhom huma varjanti tal-parabboli fis-sinottiċi. Tlitt parabboli huma ġodda għal kollox. Għalkemm il-vanġelu ta' Tumas hu bbażat l-iktar fuq selezzjoni ta' materjal mill-vanġeli kanoniċi, iktar minn darba l-awtur ixaqleb għal tendenzi njostiċi l-kliem ta' Ġesù.

### *Konklużjoni*

Fis-7 t'April 2006, ġie ppreżentat manuskritt li fih il-kitbiet apokrifi: ta' l-Ewwel Apokalissi ta' Ġakbu; l-Ittra ta' Pietru lil Filippu; Ktieb ta' Allogenes, ereżjarka tat-tielet seklu W.K.; u l-vanġelu ta' Ġuda l-Iskarjota. Uħud ħasbu li dan il-vanġelu ta' Ġuda miktub mill-injostiċi qabel is-sena 180 W.K., kien xi skoperta ġdida; iżda fil-fatt kien diġà u mal-ewwel ikkundannat minn Sant' Irinew fit-tieni seklu W.K. (ara Adv. Haer. I 31,1). Għalhekk mela quddiem din il-kitba apokrifa wieħed irid joqgħod ħafna attent qabel jiġi biex japplika l-kontenut tagħha. **Żgur li dawn il-kitbiet mhux ta' min joqgħod fuqhom għaliex huma biss kelma ta' bniedem 'li tgħaddi' u mhux il-Kelma ta' Alla 'li tibqa' għal dejjem'.**




### *Biblijografija*

CAMERON, R., *The Other Gospels: Non-Canonical Gospel Texts*, Philadelphia 1983.

ELLIOT, J.K., *The Apocryphal Jesus. Legends of the Early Church*, Oxford 1996.

GAMBLE, H.Y., *The Authority of the Bible*, New York 1985.

HAVENER, I., *"The Infancy Gospel of Thomas"*, in *TBT 22 (1984)* 368-372.

KECK, L.E., *"Scripture and Canon"*, in *Quarterly Review 3 (1983)* 8-26.

KOESTER, H., *Ancient Christian Gospels: Their History and Development*, London – Philadelphia 1990.

# Għawdex 300 sena ilu



**Paġna mill-Arkivju Nazzjonali -158**

Riċerka ta' Joseph Bezzina

© 2007

## Gallerija fuq Bieb il-Belt

Id-dokument numru mija u tmienja u ħamsin li qegħdin nippubblikaw f'din is-sensiela ta' paġni mill-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex hu dwar ħlas magħmul fil-bini mill-ġdid ta' gallerija fuq ir-riħ tad-daħla ewlenija taċ-Ċittadella. Jinsab reġistrat fil-għaxar volum ta' l-*Acta* ta' l-*Universitas Gaudisii*, il-Gvern Reġjunali ta' Għawdex fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann (1530-1798), manetta (1707-1708), folji 38-39 (NAG, UG, *Acta*, 10/1707–1708, f. 38-39).



Din hi traskrizzjoni tar-reġistrazzjoni tal-ħlas:

> *Signore Notaio Aloysio Grech, Giurato e Tesoriere di questa Università del Gozo, pagarete al infrascritte persone, l'infrascritta somma che d'ordine nostro havete speso in fare il nuovo balcone posto sopra la porta di questo Castello, et in accomodare la stanza del medesimo balcone come siegue, cioè...*
>
> *Quale ponerete ne' nostri conti, li 17 dicembre 1707, Scudi 6 - 9 - 15.*

Dan id-dokument jagħtina tagħrifa dwar il-bieb taċ-Ċittadella li, sa fejn naf jien, qatt ma kienet ippubblikata qabel. Il-bieb tal-Belt ta' Għawdex kellu gallerija fuq ir-riħ tiegħu u din il-gallerija kellha kmajra magħha. Tliet mitt sena ilu, il-gallerija nbniet mill-ġdid u l-kmajra kienet restawrata.

Il-flus għall-bini mill-ġdid u għar-restawr intefqu hekk:

(1) *Due pezzi di muolo* – *muolu* hi kelma mill-Isqalli li tirreferi għall-moll li miegħu isorġu l-bċejjeċ tal-baħar, u tirreferi wkoll għall-fus tar-roti ta' karettun jew fusien oħra. Iż-żewġ biċċiet *muolo* swew somma konsiderevoli ta' tliet skuti, kważi nofs l-ispejjeż. Id-dokument jirreferi possibilment għal żewġ fusien jew biċċiet ħadid twal biex jorbtu l-binja bihom. Iżda jista' jkun ukoll li ntużaw mal-bieb tal-gallerija jew inkella biex jissudaw is-saljaturi tal-gallerija.

(2) *Cinque ciappetti doppie a tarì uno e grani dieci l'una* – ħames ċappetti doppji li swew b'kollox seba' irbgħajja u għaxar ħabbiet.

(3) *Manifattura di detto balcone* – il-bini tal-gallerija sewa skut u sitt irbgħajja.

(4) *A Damiano Portelli per haver rinovato il tetto di detta stanza* – Damjan Portelli dam jaħdem tlett ijiem biex iġedded is-saqaf tal-kmajra. Tħallas irbigħajn kuljum; b'kollox sitt irbgħajja.

(5) *A Tomaso e Battista Portelli suoi figli per travaglio* – Matul dawn it-tlett ijiem, Damjan kien megħjun miż-żewġ uliedu Tumas u Battista li tħallsu bejniethom tliet irbgħajja kuljum; b'kollox disa' irbgħajja;

(6) *Calce et bitumi* – L-ispiża għall-ġir u l-qatran telgħet b'kollox ħames irbgħajja u ħames ħabbiet.

Il-bini tal-gallerija fuq Bieb il-Belt ta' Għawdex u l-materjal użat swew b'kollox sitt skuti, disa' irbgħajja, u ħmistax-il ħabba li jiġu €1.32.

***Nota: Lm1 = 12-il-skut = 2.33 Ewro.***
***Għalhekk 1 skut = € 0.194***

# MILL-KUNSILLI LOKALI TA' GĦAWDEX

*Informazzjoni u Rapporti mibgħuta mis-Sindki tad-diversi Kunsilli Għawdxin*


# Proposti ta' Żvilupp għat-Tisbiħ Sostenibbli tan-Nadur

**Jikteb Dr. Chris Said, Sindku tan-Nadur**

Fil-bidu ta' Ottubru,fis-sala prinċipali 'Joe Tabone' tal-Kunsill Lokali tan-Nadur ittellgħet wirja speċjali ta' disinni li jkopru 29 proġett proposti għal tisbiħ tal-lokalità tan-Nadur, Għawdex.

Dawn id-disinni saru minn periti minn madwar id-dinja kollha li qed jattendu korsijiet tal-Masters fl-Università ta' Anhalt fil-Ġermanja. Tletin student minn din l-Università żaru n-Nadur għal gimgħat shaħ matul l-aħħar sena sabiex jagħmlu l-istudji neċessarji u jkunu jistgħu jfasslu dawn il-pjanti u disinni. Dan seta' jsir grazzi għall-għajnuna li ngħatat mill-E.T. John Paul Grech l-Ambaxxatur ta' Malta fil-Ġermanja biex sar dan il-kuntatt bejn il-Kunsill Lokali tan-Nadur u Prof Erich Buhmann li jmexxi d-Dipartiment tal-*Landscape Architecture* fl-Università ta' Anhalt.



*Proposta ta' identifikazzjoni għad-daħla fin-Nadur mill-Mġarr.*

Fl-istudju tagħhom dwar il-lokalità tan-Nadur l-istudenti tal-Masters ippreżentaw mapep dettaljati tal-lokalità minn kull aspett. Il-proġetti proposti jistgħu jiġu maqsuma fi tliet kategoriji. Proġetti fiż-Żoni Rurali, oħrajn fiż-Żoni Urbani u proġetti fil-Periferija tal-Lokal.

Il-proġetti proposti għaż-żoni rurali jinkludu t-tisbiħ tal-bajja ta' Daħlet Qorrot, l-aċċess aħjar għall-bajja ta' San Blas, mixjiet f'diversi partijiet tan-Nadur fosthom mixja mal-kosta minn Daħlet Qorrot sar-Ramla, l-użu ta' Wied ir-Riħan u r-riabilitazzjoni tal-barriera tal-Qortin ta' Isopu.

Il-proġetti urbani jinkludu tliet proposti differenti għat-tisbiħ tal-pjazza prinċipali tan-Nadur, tisbiħ ta' Triq Diċembru Tlettax u l-pjazez taċ-ċentru, użu aħjar tal-ispazju ta' Triq it-Tiġrija u l-ħolqien ta' *Cultural Heritage Corridor* fiċ-ċentru tal-lokalità.

Minn naħa l-oħra l-proġetti fil-periferija tal-lokal jinkludu proposti għall-entraturi tan-Nadur min-naħa tar-Rabat u min-naħa tal-Mġarr, passaġġ panoramiku madwar il-lokalità, u park pubbliku taħt Ġnien il-Kunsill fl-inħawi tal-Ġebel l-Aħmar.



*Il-kunċett ta' disinn għall-pjazez fin-Nadur:*
- *Tnaqqis ta' traffiku u żjieda f'żoni pedestrali.*
- *Twessiegħ fi spazji li jistgħu jintużaw mir-restoranti, ħwienet u bankijiet fejn wieħed jista' joqgħod bil-qiegħda.*
- *Isiru funtani taħt l-art filwaqt li x-xelters tal-pjazza jiġu esposti minn fuq bi twieqi apposta flimkien ma' dwal.*



*L-iżvilupp tad-daħla tan-Nadur direzzjoni lejn ir-Rabat permezz ta' sinjali u tabelli u landscaping.*

Waqt il-ftuħ ta' din il-wirja s-Sindku tan-Nadur Dr Chris Said spjega li dawn id-disinni u studji li saru ser iservu biex il-Kunsill ikollu bażi fuq xhiex jimxi fil-pjanijiet futuri tiegħu. Huwa qal li dawn huma proġetti li l-Kunsill irid iwettaq u ser ikun hemm impenn biex jinġabu l-fondi kemm minn sorsi lokali kif ukoll finanzjament Ewropew għal uħud minn dawn il-proġetti. Dr Said qal li d-disinni proposti ma jfissirx li bilfors iridu jsiru kif indikat iżda żgur li ser iservu bħala bażi għat-tluq ta' dawn il-proġetti u inizjattivi.

Min-naħa tiegħu Prof Erich Buhmann mill-Università ta' Anhalt assigura li d-Dipartiment tiegħu ser ikompli jgħin biex dawn il-proġetti jiġu implimentati skond ix-xewqa tal-Kunsill u r-residenti tal-lokalità tan-Nadur.

Il-wirja kienet miftuħa għal pubbliku kuljum bejn l-4 u d-19 t' Ottubru. Matul ix-xahar ta' Novembru ser isiru diversi laqgħat ta' konsultazzjoni u laqgħat pubbliċi dwar dawn il-proġetti biex il-Kunsill ikun jista' jibda bil-proċess li jattwa immedjatament uħud minnhom.

*Proġett għad-daħla tan-Nadur mit-triq tar-Rabat.*







*Il-kunċett tad-disinn għall-Bajja ta' Daħlet Qorrot*
- *Żieda tal-moll sabiex jinħoloq port minn fejn jkunu jistgħu jaħdmu is-sajjieda.*
- *L-integrazzjoni tal-industrija tas-sajd ma' dik turistika għal opportunitajiet akbar ta' kompetizzjoni, bir-ristorazzjoni tal-għerien eżistenti f'mużew u ħwienet u restorant fuq dgħajsa.*

**STEDINA LIS-SINDKI KOLLHA TAL-KUNSILLI LOKALI F'GĦAWDEX**

Nilqgħu artikli u rapporti bir-ritratti fuq xi attivitajiet li saru jew proġetti ġodda li se jsiru fil-lokalità tagħkom. Ibagħtu r-rapporti *word processed* flimkien mar-ritratti fuq diskette jew CD lid-Direzzjoni tar-Rivista sa' l-aħħar tax-xahar jew bl-email lill-Gozo Press *gozopress@onvol.net.*


# LUMEN CHRISTI BOOKSHOP

Triq Fortunato Mizzi, Victoria. Tel: 21560496/7



*Ħinijiet tal-ftuħ: 10.00am - 1.00pm; 6.00 - 9.00pm*

*Skont ta' 10% fuq kotba ta' qari tajjeb għat-tfal... is-sena kollha!*



XHIEDA NISRANIJA FL-ISTORJA TAL-KNISJA GHAWDXIJA



# Rakela Camilleri

## (2) Mimlija ħeġġa għall-Appostolat

Jixraq li nitkellmu wkoll dwar l-appostolat u d-devozzjonijiet li kellha Rakela Camilleri.

Kif għidna Rakela xorbot l-ispiritwalità tal-Fundatur tas-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija, San Ġorġ Preca. L-ewwelnett kienet tivvjaġġa lejn Malta biex titkellem miegħu fi żminijiet li t-trasport bejn iż-żewġ gżejjer kien batut ħafna u għalhekk ħtiġilha tagħmel sagrifiċċju.

Imbagħad hija qdiet l-uffiċċju ta' Superjura tan-Nadur. Kienet tagħmel minn kollox biex il-Mużew jinżamm sewwa u jattendu fih ħafna tfal. Kienet ukoll tieħu ħsieb lis-Soċji biex jimmaturaw fil-ħajja nisranija. Kif għedna kienet tlaqqa' lill-ommijiet darba fil-ġimgħa u kienet tipprepara ħafna lit-tfal għall-Milied biex jitgħallmu poeżiji u reċti. F'Mejju kienet torganizza Rużarju Ħaj fil-pjazza tal-parroċċa tan-Nadur bit-tfal.

Rakela kienet ukoll Superjura tal-Mużewijiet kollha ta' Għawdex. Kienet iżżur il-Mużewijiet ta' Għawdex f'Għajnsielem, Xewkija, Qala u Rabat bil-mixi, kemm f'żogħżitha u kemm meta kibret ftit fl-età. Billi fis-Sajdiet Mużewmini tas-sittinijiet u sebgħinijiet daħlu ħafna żgħażagħ fl-Oqsma, infetħu l-Mużewijiet tax-Xagħra u ta' Kerċem. Rakela kienet taħdem b'ruħha u ġisimha għall-perseveranza ta' dawn iż-żgħażagħ. Kienet tistieden Superjuri minn Malta biex jiġu kull xahar fil-Mużewijiet ta' Għawdex sabiex ikomplu jrawmuhom.

Rakela kellha fiduċja kbira f'Alla bħala Missier li lest li jgħin dejjem lilha u lil dawk taħt it-tmexxija tagħha. Kienet konxja li ma setgħet tagħmel l-ebda ġid jekk l-ewwel ma titgħallimx hija. Għalhekk kienet tgħaddi ħafna miż-żmien tagħha taqleb kotba mit-Taljan għall-Malti u b'hekk tforni materjal għall-Mużewijiet l-oħra.

B'ebda mod ma kienet marbuta mal-ġid ta' din id-dinja. Qatt ma kienet iżżomm flus fuqha ħlief fl-istrina biex tagħti xi ħaġa lit-tfal li kienu jiġu l-Mużew.

Kellha mħabba kbira lejn Ġesù fl-Ewkaristija u kienet tagħmel ħilitha kollha biex tnissilha fl-oħrajn. Spiss kienet tistaqsi lill-membri: "Mortu fejn Ġesù? Hu jkun jistenniena". Bħal Dun Ġorġ Preca kellha devozzjoni kbira lejn San Mikiel. Kienet tgħid: "Hu jrid jiżinna xħin nidhru quddiem Alla". Kienet tiċċelebra l-festa tiegħu bil-kbir permezz ta' diversi attivitajiet li fihom kienu jieħdu sehem kemm il-pubbliku kif ukoll is-Soċji u t-tfal tal-Mużew. Dawn l-attivitajiet għadhom isiru sal-ġurnata tal-lum.

Meta ma setgħetx tmur aktar il-Mużew baqgħet tinteressa ruħha minn dak li kien qiegħed isir hemm u tgħin mill-aħjar li tista'. Mid-dar tagħha li tinsab faċċata tal-Mużew tan-Nadur, is-Soċji u t-tfal xorta waħda kienu jkellmuha ta' kuljum u minnha jieħdu direttivi, inkuraġġiment u kulma kellhom bżonn.

Il-marda ta' l-aħħar ħadet madwar erba' snin. Matul dan iż-żmien ħadet paċenzja kbira. Meta kienu jgħidulha: "Ġesù kemm iħobbok" hija kienet pronta tirrispondi: "Għaliex Ġesù jħobbhom wisq il-midinbin." Għalkemm kienet ta' età kbira, qatt ma ħarġet tgergira minn fommha.

Mhux ta' min jinsa li din il-kariżma ta' Rakela Camilleri ġiet imrawma mill-ispiritwalità ta' San Ġorġ Preca, li din is-sena fit-3 ta' Ġunju l-Papa Beneditt XVI iddikjarah qaddis.

***Angelo Xuereb***

A Whole New Look

Sharmain's Styling Salon

57,
St. Joseph Square
Qala, Gozo
Tel: 2156 6236

gozo press
Offset & Letterpress Printing
Graphic Design Studio
Mġarr Road, Għajnsielem, Gozo - Malta.
Tel: 2155 1534 - Fax: 2156 0857 - Mob: 9982 6350
E-mail: gozopress@onvol.net

ATTWALITÀ

# L-istrutturi amministrattivi t'Għawdex qegħdin jirrispondu għax-xewqat ta' l-Għawdxin?



## *Wasal iż-żmien li jittieħdu inizjattivi ġodda*

*Notamenti ta'* **Saviour Grech**

Matul l-aħħar ġimgħa ta' Ottubru, f'Għawdex saru diversi attivitajiet li permezz tagħhom ġie mfakkar dak li qed jissejjaħ *Jum Għawdex*. Waqt waħda minn dawn l-attivitajiet, organizzata miċ-*Circolo Gozitano*, ġiet ippubblikata riżoluzzjoni li fost affarijiet oħra, tinkludi talba biex f'Għawdex jitwaqqfu strutturi u mekkaniżmi politiċi u amministrattivi li:

" *- jkunu qrib l-Għawdxin;*
*- jkunu kapaċi jġibu 'l quddiem l-iżvilupp soċjo-ekonomiku tal-gżira kif ukoll il-valuri kulturali, u tradizzjonali fil-parametri tal-politika nazzjonali;*
*- jkunu kapaċi jirrispondu b'mod effiċjenti, effettiv u speċjattiv għall- bżonnijiet tal-gżira; u*
*- jagħtu opportunità sħiħa għas-sehem attiv tal-Għawdxin l-iżvilupp soċjo-ekonomiku ta' gżirithom."*

F'din l-istess riżoluzzjoni hemm ukoll sejħa biex jitwaqqaf b'liġi Kunsill Reġjonali għal Għawdex, li jkollu l-mezzi u r-riżorsi kollha meħtieġa, inkluż dawk finanzjarji, biex ikun jista' jwettaq il-ħidma tiegħu. Hemm ukoll talba biex dan il-Kunsill Reġjonali jingħata *"d-dritt li jissieħeb ma' Awtoritajiet Reġjonali oħra nazzjonali u internazzjonali bl-iskop li jilħaq u li jġib 'il quddiem l-għanijiet tiegħu".*

Żgur li meta wieħed jaqra jew jisma' bi stqarrija bħal din jiġuh f'rasu mistoqsijiet bħal *'Mela l-istrutturi amministrattivi preżenti m'humiex qrib l-Għawdxin?* Jew *'Mela l-istrutturi preżenti m'humiex jagħmlu dak kollu possibbli biex jirrispondu għall ħtiġijiet t'Għawdex u m'humiex jagħmlu dak li hu possibbli biex iġibu l-quddiem l-iżvilupp soċjo-ekonomiku tiegħu?*

Jien żgur li ħadd mill-membri tal-Kumitat taċ-*Circolo Gozitano* ma kellu f'moħħu li b'xi mod inaqqas il-mertu lill-istrutturi amministrattivi u politiċi preżenti għal dak li qed iwettqu f'Għawdex. Illum kulħadd jaqbel li l-aħħar esperiment li sar dwar il-governanza t'Għawdex u li ġie varat iktar minn għoxrin sena ilu, jiġifieri t-twaqqif tal-Ministeru għal Għawdex, kien esperiment li rnexxa. Il-Ministeru għal Għawdex li għoxrin sena ilu kien materja ta' kontroversja politika issa hu aċċettat minn kulħadd. Ir-riżultat tad-deċiżjoni tat-twaqqif tal-Ministeru għal Għawdex jidher kullimkien. Dan għaliex qatt daqs f'dawn l-aħħar għoxrin sena ma ngħatat daqshekk attenzjoni għall-ħtiġijiet u l-bżonnijiet t'Għawdex u l-Għawdxin. Dan ma jfissirx li kollox ward u żahar, u li kollox miexi fuq ir-rubini. Hemm affarijiet li għad li hemm bżonn jitranġaw, hemm affarijiet li setgħu saru aħjar u hemm deċiżjonijiet li forsi aħjar qatt ma ttieħdu. Iżda żgur li fil-bilanċ ta' l-affarijiet kollha, bla tlaqlieq jista' jingħad li s-sitwazzjoni f'Għawdex illum hija bil-bosta aħjar mis-sitwazzjoni ta' kif kienet għoxrin sena ilu. Biss wieħed ma jridx jinsa li t-twaqqif ta' Ministeru hija prerogattiva tal-Prim Ministru, u ma hemm xejn fil-liġijiet tal-pajjiż li jobbliga lill-Prim Ministru li jaħtar Ministru għal Għawdex.

Illum il-partiti politiċi f'pajjiżna aċċettaw li stat ta' fatt li n-natura tat lil Għawdex, dak li hu gżira reġjun maqtugħ mill-kumplament tal-pajjiż bil-baħar, bil-konsegwenzi kemm tajba u ħżiena li din is-sitwazzjoni tippreżenta. U la hemm qbil, dan għandu jkollu l-konsegwenzi tiegħu. *La bil-kliem qiegħed jingħad li Għawdex huwa gżira reġjun, hemm bżonn ngħaddu għall-fatti u għalhekk għandhom jitwaqqfu dawk l-istrutturi amministrattivi u politiċi li verament jagħtu lil Għawdex l-istrutturi u l-poter biex jagixxi bħala gżira reġjun.*

Barra minnhekk, illum hemm ukoll realtajiet ġodda. Pajjiżna issa jagħmel parti mill-Unjoni Ewropea, organizzazzjoni li tagħti importanza kbira lir-reġjuni. L-Unjoni tinkoraġixxi skambji u koperazzjoni bejn id-diversi reġjuni li hemm fi ħdan is-sebgħa u għoxrin pajjiż li jiffurmawha. L-Unjoni tipprovdi għajnuniet, u fi ħdanha hemm diversi strutturi, li permezz tagħhom id-diversi reġjuni jkunu jistgħu jikkoperaw bejniethom. U dan, għax l-istess Unjoni temmen li b'kuntatt u skambji bejn id-diversi popli tar-reġjuni, u bi qsim ta'l-esperjenzi tagħhom, dawn ikunu jistgħu jwettqu aħjar l-aspirazzjonijiet tagħhom. Għalhekk bit-twaqqif ta' struttura amministrattiva reġjonali titwettaq ukoll aspirazzjoni oħra li għandhom dawn l-istess partiti politiċi, dik li jinħatfu l-opportunitajiet kollha possibbli li s-sħubija ta' pajjiżna fl-Unjoni Ewropea toffrilna.

***U biex żgur titwettaq il-milja ta' l-istat reġjonali t'Għawdex, is-sitt siġġu li pajjiżna akkwista fil-Parlament Ewropew għandu jingħata lil Għawdex.***



*APPREZZAMENT*

# Kan. Też. Dun Ġużepp Cauchi



Kien l-Erbgħa, 31 ta' Ottubru, 2007 meta għall-ħabta tas-sebgħa ta' filgħodu, il-qanpiena l-kbira tal-Kolleġġjata Bażilka tan-Nadur, Għawdex, bit-tokki kiebja tagħha ħabbret il-mewt tal-Kan. Teżorier tal-Kolleġġjata Insinji u Bażilka tan-Nadur, Għawdex, li miet fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex, matul il-lejl tat-30 ta' Ottubru, fil-11.00pm.

Dun Ġużepp jew 'il-Kanonk' kif is-soltu konna insejħulu, ħalla dan il-wied tad-dmugħ fl-età ta' 83 sena - wara 54 sena ta' saċerdozju, snin li matulhom Dun Ġużepp ħadem u stinka biex il-"Wiċċ ħelu ta' Ġesù ikun jiddi kemm f'wiċċu kif ukoll fl-erwieħ li huwa kellu kuntatt magħhom". Dawn il-kelmiet issellifthom mill-omelija ta' Mons. Isqof Mario Grech li mexxa l-Konċelebrazzjoni fil-funeral.

Il-Kan. Teżorier Dun Ġużepp Cauchi nistgħu inqisuh bħala benefattur kemm tal-Kolleġġjata Insinji kif ukoll tal-Knisja Bażilka tan-Nadur. Dun Ġużepp Cauchi waqqaf l-Erbatax-il Kanonikat fl-istorja tal-Kolleġġjata Bażilka tan-Nadur, Għawdex.

Dun Ġużepp twieled in-Nadur fit-8 ta' April, 1924, iben Franġisk u Rożaria Camilleri. Ta' 29 sena, wara l-preparazzjoni tiegħu għas-saċerdozju, ġie ordnat saċerdot nhar is-26 ta' April, 1953 fil-Katidral tal-Assunta minn idejn l-Isqof Mons Ġużeppi Pace. Dak inhar tal-Ordinazzjoni Saċerdotali tiegħu, ħa l-pussess ta' Kanoniku tal-Kolleġġjata Insinji tan-Nadur, Għawdex.

Dun Ġużepp kien assidwu għall-kor u rari kien ifalli. Il-funzjonijiet tal-Knisja kienu għal qalbu ħafna. Kien dispost għall-qrar, għal quddies tal-ħin kif ukoll għal dak kollu li kien ikun hemm bżonn. Min jaf kemm sigħat qatta jitlob għall-agonizzanti, imur iqarben il-morda, iqarar fl-ewwel ġimgħa tax-xahar. Kien ukoll imur iqaddes u jagħti servizz tiegħu f'parroċċi oħra fejn kien ikun mitlub, speċjalment matul ix-xahar ta' Novembru kont taraħ sejjer lejn iċ-ċimiterju tar-Rabat biex jagħti is-servizz tiegħu tal-quddiesa.

Dun Ġużepp kien anke ġeneruż ħafna mal-missjonijiet. Niftakar meta wassaltu l-Imġarr biex imur l-Indja biex ikun jista jassisti għall-ordinazzjoni ta' saċerdot li tiegħu kien benefattur. Però Dun Ġuzepp ma kienx iħobb idoqq it-trombi tal-karità li kien jagħmel, anke ma' saċerdoti mill-parroċċa tagħna li qegħdin fil-missjoni.

Il-Kanoniku Cauchi jibqa mfakkar ukoll talli minn flusu ħallas il-kanċell li għandna fil-Bażilka u dan irregalaħ fl-okkażjoni tal-ħamsin sena tas-saċerdozju tiegħu. Jiena ċert li Dun Ġużepp rregala dan mhux biex iffaħħruh in-nies imma għax kien konvint li id-dar t'Alla, il-knisja tagħna li huwa tant kien iħobb, jixirqilha l-isbaħ u l-aħjar.

Għadni niftakar kemm kien ferħan meta wara talba u b'vot unanimu tal-Kapitlu, Mons Isqof Nikol Ġużeppi Cauchi ħatru bħala t-Teżorier tal-Kapitlu tal-Kolleġġjata Bażilka tan-Nadur nhar it-18 ta' Ġunju, 1987.

Jien li ilni naf lil Dun Ġużepp snin kbar sa minn mindu kont abbati inservi u ngħin il-quddies, dejjem rajt fil-persuna ta' Dun Ġużepp saċerdot eżemplari - bħalma nista' ngħid għas-saċerdoti l-oħra tal-parroċċa għażiża tiegħi. Però aħna bnedmin u bħal bnedmin oħra nistgħu nonqsu. Għalhekk dejjem jeħtieġ li nitolbu għal ħutna mejtin.

***Mons. Salv Pace***

## IBŻA' GĦAL SAĦĦTEK



# Il-Ħxuna fit-Tfal

*minn* **DR MARIO SALIBA MD MMCFD**

**Illum il-mediċina tagħti importanza kbira lil din il-problema ta' obeżità jew ħxuna fit-tfal. Skond l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa madwar id-dinja huwa stmat li aktar minn 22 miljun tifel u tifla taħt il-ħames snin ibatu bl-obeżità jew għandhom piż żejjed. Huwa stmat ukoll li aktar minn 17-il miljun minnhom ġejjin minn pajjiżi li qed jiżviluppaw. It-tfal Maltin għandhom ir-rekord li huma l-iktar tfal ħoxnin fl-Ewropa. Din hija xi ħaġa li għandha tinkwetana u li rridu naraw x'se nagħmlu għaliha.**

Kull tifel u tifla minn dawn qegħdin f'riskju akbar li jiżviluppaw id-*diabete*, li s'issa konna ngħidu li tiżviluppa f'nies kbar biss. Huwa stmat ukoll li dawn it-tfal huma f'riskju akbar li jimirdu bil-mard tal-qalb f'età żgħira. Għalhekk jekk nieħdu ħsieb li t-tfal ma nħalluhomx jeħxienu inkunu qed nipproteġuhom mid-*diabete* u mill-mard tal-qalb fil-futur.

Din tidher stramba li fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, fejn hemm nuqqas ta' ikel, hawn issib dawn it-tfal kollha jbatu minn obeżità. Li qed jiġri huwa li **ħafna tfal mhux qed jieklu ikel tajjeb għal saħħithom u mhux qed jagħmlu eżerċizzju.** Dan huwa riżultat ta' l-influss ta' stabbilimenti ta' ikel mexxej li daħel ġmielu anke f'dawn il-pajjiżi. Dan



il-pattern mhux biss jinsab fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw imma fil-pajjiżi kollha tad-dinja fejn l-ikel mexxej *(junk food)* ta' dawn l-istabbilimenti sar moda.

Il-problema ta' ħxuna fit-tfal saret tant kbira li qed tinkwieta lill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa. Globalment madwar 10% tat-tfal li jmorru l-iskola bejn ħames snin u 17-il sena, għandhom piż żejjed jew ibatu mill-obeżità. Fl-Istati Uniti tal-Amerika per eżempju ir-rata ta' ħxuna fost it-tfal ta' bejn l-età ta' sitta u tmintax-il sena żdiedet għal aktar minn 25% minn 15% fis-snin 70. Dan minħabba l-iżvilupp ekonomiku li kien hemm u t-tibdil fl-istil ta' ħajja fejn tbidlet id-dieta u anke anqas eżerċizzju. Żidiet bħal dawn ma ssibhomx biss fil-pajjiżi żviluppati imma anke pajjiżi oħra bħaċ-Ċina. F'dan il-pajjiż enormi r-rata ta' piż żejjed u obeżità fost t-tfal li jmorru l-iskola żdiedet minn 8% fis-sena 1990 għall-aktar minn 12% sitt snin wara. Fil-Brażil ir-rata ta' piż żejjed u obeżità fost it-tfal ta' bejn sitt snin u t-18-il sena ttriplat minn 4% għall 13% fl-istess perjodu.

Għalhekk l-Għaqda Dinjija tas-Saħħa qed tagħti ħafna importanza lil din il-ħaġa. Fil-fatt l-Għaqda Dinjija tas-Saħħa nediet kampanja f'Mejju tas-sena 2004 biex titnaqqas din ir-rata u biex it-tfal jieklu ikel tajjeb u jagħmlu iktar eżerċizzju. Din il-kampanja kienet imsejħa: *Strateġija Globoli fuq id-Dieta, Attività Fiżika u Saħħa.* Dan għaliex **hemm relazzjoni diretta bejn il-ħxuna u piż żejjed fit-tfulija ma' mard kroniku fil-futur. Dan il-mard jinkludi d-diabete, il-mard tal-qalb u l-puplesija u l-kanċer.** Barra minhekk l-ispejjeż għall-kura tas-saħħa għal min ibati bid-dibete diġà jiswew 15% ta' l-ammont globali għall-kura tas-saħħa kollha ta' kull sena.

Skond din l-istrateġija irid isir sforz fuq livell individwali, komunitarju bħal l-iskola nazzjonali u internazzjonali fejn jiġu implimentati diversi miżuri. Fost dawn il-miżuri hemm **bdil fid-dieta u iktar eżerċizzju.** Din l-istrateġija trid tkun implimentata mill-familja, trid tkun imsaħħa fl-iskola u inkoraġġita mill-istat. Hekk l-ikel li jitħejja fid-dar ikun **ikel tajjeb fejn jitnaqqsu x-xaħmijiet u z-zokkor.** Il-



kolazzjon ta' l-iskola jitħejja mid-dar mhux it-tfal jingħataw il-flus biex jixtru dak li jridu.

**Fil-ħwienet ta' l-iskola ma għandhomx jitħallew jinbiegħu boroż u *soft drinks* jew ħelu żejjed. Minn naħa l-oħra l-ġenituri ma għandhomx jieħdu lit-tfal ta' spiss f'postijiet li jbiegħu ikel mexxej.** Dawn il-postijiet għandhom diversi modi kif jattiraw lit-tfal u għalhekk ma għandniex naqgħu fin-nasba tagħhom. Mawra kultant mhux ser tagħmel ħsara u lit-tfal ma nkunu qed inċaħduhom totalment minn dawn il-postijiet imma ta' spiss huwa ħażin. **Barra d-dieta importanti ħafna hu l-eżerċizzju mit-tfal.** L-isports għandu jerġa' jingħata importanza massima fl-iskola mhux bħala suġġett akkademiku biss imma bħala attività rekreattiva u ta' ġid għas-saħħa ta' l-istudenti. **Ma għandu jkun hemm l-ebda skużi banali biex it-tfal ma jagħmlux l-isports.** Ftit huma l-kundizzjonijiet li minnħabba fihom it-tfal ma jistgħux jagħmlu sports. Mhux l-isports kollu jirrekjedi l-istess ammont ta' enerġija u għalhekk **nistgħu naddattaw l-isports skond il-kapaċità fiżika ta' l-individwu u mhux neskluduh għal kollox.**

Dawn huma ftit mill-affarijiet li jistgħu jagħmlu l-ġenituri biex iħarsu lill-uliedhom mill-ħxuna. Kampanji kontra l-ħxuna mill-istat huma tajbin, imma l-istat ma' jistax jagħtina s-saħħa, aħna rridu nħarsu saħħitna u saħħet uliedna billi nipparteċipaw u inkunu pożittivi u favur dawn l-inizjattivi. Dan hu l-ewwel dmir tal-ġenituri...



## TISLIBA MALTIJA U BIBLIKA

Ħajr lil Emmanuel Ellis

***Mimdudin***

1 Elija, l-akbar wieħed (7)
7 Magħruf għas-Salmi, fil-Kotba Mqaddsa (5)
8 Mingħajr dak il-metal, lewn griż, matt u tqil (3, 4)
9 Hekk kien dak li qatel l-Innoċenti (6)
11 Meta int għamilt hekk, tkun għamilt bħal Ġesù fuq Ġerusalemm (5)
13 Ir-ras ta' Isaija, Debora, Rut u Abel (4)
14 San Giovanni f'Ruma (7)
15 Għodod tas-suldati (4)
16 L-organi tan-nifs li għandhom il-ħut (5)
17 Ta' l-atleta tar-rand, tan-nisrani tax-xewk (6)
21 Jekk jagħmlu bih bħal David biċ-ċagħka, hekk ikunu jagħmlulu (7)
22 Il-qiegħa t'isfel tax-xini fejn tinżamm it-tagħbija (5)
23 Huma wżaw ir-residenza u ħallsu rata fis-sena (4, 3)

***Weqfin***

2 Reċipjent li fih jinżammu xi fdal għeżież (10)
3 Kristu ċanfar lill-Fariżej għax kienu hekk (8)
4 Il-virtù teologali li biha nixtiequ bħala ġid tagħna s-saltna tas-smewwiet (4)
5 Talb li juri gratitudni (4)
6 Hekk kien Ġwanni minn Żakkarija u Eliżabetta (4)
9 Wieħed mill-ħafna ta' l-armata tal-Farawni li għerqu fil-Baħar tal-Qasab (5)
10 Għamlu lilna aħjar (10)
12 Tintuża fil-knisja biex titfi x-xemgħa (5)
13 L-Għanja ta' l-Għanjiet tixbah poeżija ta' raġel u mara li jagħmlu hekk (8)
18 Tgħix biex iddur (4)
19 Fi knisja, issibhom mal-ġnub tal-korsija (4)
20 Ċertament (4)



**TISLIBA - Novembru 2007**

Isem u Kunjom ____________________

Indirizz ____________________

____________________

*Post Code* ____________

*It-Tisliba trid tasal lil "Il-Ħajja f'Għawdex", Lumen Christi Media Centre, Triq Fortunato Mizzi, Victoria, Għawdex, mhux aktar tard mill-aħħar jum ta' Diċembru 2007. Ir-rebbieħ jingħata premju ta' tliet kotba tal-Lumen Christi Publications.*

**Ir-rebbieħa tat-Tisliba Awissu-Settembru 2007 hi Ms Lina Buttigieg, 'St Joseph' Triq Saguna, Sannat, SNT 1406.**

DM

David's Bakery Caterers

Il-Kwalità l-ewwel!

Tixtieq li jkollok ikla jew *party* mill-aqwa? Tixtieq li jkollok tieġ li tibqa' tiftakar? Afda fl-esperjenza ta' **David Mercieca**! HOBŻ - PANINI - QAGĦAQ - PIZZA - PASTIZZI - KRUSTINI - PASTI - ĦELU. Tel: 2155 5655/9000 Mobile: 9945 8131

**MIX-XENA SPORTIVA** *minn* **Joe Bajada**



# Nadur Youngsters jirbħu t-Tazza Indipendenza għar-raba' darba nfila

Kellhom ikunu l-penalties li taw dan l-għaxar suċċess f'din il-kompetizjoni lil Nadur Youngsters. Għalihom kien ukoll ir-raba' suċċess infila. Din il-finali tas-27 edizzjoni tat-Tazza Indipendenza kienet waħda pjaċevoli u r-rebħa setgħet marret kull naħa. Bla dubju dan is-suċċess tal-Youngsters kien deċiżament soffert, iżda finalment l-esperjenza tagħhom reġgħet għenet biex jissuperaw lill-avversarji ġirien tagħhom. Għal Youngsters din kient ir-raba' darba li huma rebħu t-Tazza Indipendenza bil-penalties.

Għal Qala apparti d-diżappunt li tilfu din l-ewwel finali tagħhom f'din il-kompetizzjoni bil-penalties, l-aspett l-iktar pożittiv għalihom kien l-ispirtu kumbattiv li lagħbu bih fejn bi ftit ta' iktar għaqal, kif ukoll fortuna setgħu rebħu l-ewwel unur mal-kbar fl-istorja tagħhom. Huma lagħbu logħba perfetta fejn iddefendew u attakkaw b'interpretazzjoni l-aktar ġusta, iżda m'approfittawx mill-vantaġġ numeriku.



Nadur wara s-suċċess fuq l-istess avversarji ħames t'jiem qabel meta għelbuhom 3-0 fil-kampjonat, bdew b'iktar ħeġġa iżda kontra x-xejra tal-logħob kienu Qala li żblukkaw ir-riżultat fit-13 il-minuta. DIONE LAUTIER seraq ballun lil Odevic fejn kompla javanza u wara li anke qabeż lil goalkeeper avversarju kompla jitfa fl-lasti vojta. Reazzjoni mmedjata tal-Youngsters fejn fit-22 minuta kisbu d-draw b'xutt ferm angulat u mhux daqstant b'saħħtu ta' JOSEPH PORTELLI bil-ballun jaħrab lil goalkeeper Aktpan u jispiċċa ġewwa.

Nadur ħargu jattakkaw fit-tieni taqsima fejn mal-ħin Qala wkoll kellhom xi ċansijiet ta' skor. Madankollu l-ebda naħa ma rnexxielha tiskorja biex il-logħba daħlet għal ħin barrani. Iżda hawn l-ebda naħa ma ssuperat lil goalkeeper avversarju biex b'hekk ġejna għall-għoti tal-penalties. Nadur marru l-aħjar fejn skurjaw tlieta minn Eric Nkwankwo, Chris Camilleri u Anthony Portelli filwaqt li Dejan Odovic kellu t-tentattiv tiegħu salvat mill-goalkeeper avversarju Ine Aktpan. Qala minn naħa l-oħra skurjaw wieħed biss minn Mario Mifsud, mentri Ine Aktpan ixxutja barra u l-penalties ta' Dione Lautier u Brian Portelli kienu salvati minn Jonathan Xuereb biex b'hekk spiċċa l-protagonista għat-tim tiegħu.

Fi tmiem il-finali Joe Cordina, President tal-GFA flimkien ma' Vincent Grech, President tal-Kumitat Festi Popolari u Nazzjonali fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex, ippreżenta t-Tazza Indipendenza lil Anthony Portelli, captian ta' Nadur Youngsters.

| | | | |
|---|---|---|---|
| ***Kwarti - finali*** | | | |
| Victoria Hotspurs | 3 | Xagħra United | 1 |
| *(fil-ħin barrani)* | | | |
| *(F.Bassi 2, R.Saverino)* | | *(A.Ribic)* | |
| Nadur Youngsters | 3 | Sannat Lions | 1 |
| *(A.Portelli, C.Camilleri, C.Hili)* | | *(K.Mercieca)* | |
| Għajnsielem | 2 | Kerċem Ajax | 1 |
| *(B.Meilak 2)* | | *(J.Debrincat)* | |
| ***Semi - finali*** | | | |
| Għajnsielem | 0 | Qala St Joseph | 0 |
| *(Qala għaddew 4-2 bil-penalties)* | | | |
| *B.Meilaq, T.Belhaj)* | | *(M.Mifsud, M.Bonello,B.Portelli, J.Xerri)* | |
| Victoria Hotspurs | 1 | Nadur Youngsters | 3 |
| *(fil-ħin barrani)* | | | |
| *(N.Borg)* | | *(M.Secco, C.Hili, C.Camilleri)* | |
| ***Finali*** | | | |
| Qala St Joseph | 1 | Nadur Youngsters | 1 |
| *(Nadur rebħu 3-1 bil-penalties)* | | | |
| *(D.Lautier)* | | *(J.Portelli)* | |
| *(M.Mifsud)* | | *(E.Nkwankwo,C.Camilleri, A.Portelli)* | |

## *SK Victoria Wanderers jirbħu n-KO tat-Tieni Diviżjoni għar-raba' darba*

SK Victoria Wanderers komplew jimpressjonaw b'rebħa konvinċjenti ta' 5-1 fuq Żebbuġ Rovers fejn akkwistaw dan l-unur għar-raba' darba fl-istorja tagħhom. Bil-wirja li taw huma reġgħu kkonfermaw li huma fost il-favoriti għall-unuri f'dan l-istaġun. Protagonista assolut għal Wanderers reġa kien l-iskorer prolifiku tagħhom Ige Adesina li skorja tripletta. Minn naħa ta' Żebbuġ, wieħed kien jistenna xi ħaġa aħjar iżda f'din il-logħba kollox ġiegħhom ħażin fejn appena bdiet it-tieni taqsima huma sfaw b'għaxar players meta tkeċċielhom player. Imbagħad wara li ma ħadux iċ-ċans tad-draw, sfaw ikkastigati bi tliet goals fl-aħħar kwarta.

SK Victoria b'determinazzjoni bdew fuq l-attakk fejn fis-27 minuta fetħu l-iskor permezz ta' JOSEPH VELLA li daħal tajjeb fil-kaxxa u b'xutt fil-baxx għeleb lil Pace. B'Żebbuġ ikomplu jkunu konfużi fil-logħob tagħhom, reġgħu approfittaw ir-Rabtin li rduppjaw fit-33 minuta minn penalty ta' UDAH MONDAY. Żebbuġ hawn wettqu reazzjoni fejn ma' tmiem it-taqsima reġgħu daħlu fil-logħba b'goal ta' FRANCO MAGRIN li bir-ras ikkonkluda ġewwa wara freekick tas-sostitut J.Cordina.



It-tieni taqsima bdiet fuq nota ħażina għar-Rovers li wara ħames minuti tkeċċielhom Mario Azzopardi għal foul ta' ritaljazzjoni fuq Muscat. Madankollu Żebbuġ ipprovaw għad-draw fejn fid-29 minuta tilfu l-ikbar okkażjoni tad-draw permezz ta' M.Cordina li wara mossa tajba ġie waħdu quddiem Mercieca, iżda xxutja ftit għoli. Mank laħqet għaddiet minuta meta l-Wanderers prattikament serrħu rashom mir-rebħa meta minn kross ta' Sciortino, IGE ADESINA skorja bir-ras. Minuta biss wara l-istess player reġa għeleb lil Pace wara azzjoni personali. Zebbug kellhom freekick ftit għoli ta' Camilleri. Ħames minuti mit-tmiem ADESINA kiseb tripletta personali minn penalty ieħor biex issiġilla għat-tim Rabti dan l-ewwel suċċess staġjonali tal-football Għawdxi.

Fi tmiem il-finali Alvin Grech, segretarju tal-GFA ppreżenta t-tazza lil Kevin Azzopardi, captain ta' SK Victoria Wanderers.

| | | | |
|---|---|---|---|
| ***Kwarti - finali*** | | | |
| Munxar Falcons | 0 | Oratory Youths | 2 |
| | | *(R.Said og, I.Umoru)* | |
| St Lawrence Spurs | 1 | Għarb Rangers | 1 |
| *(St Lawrence għaddew 3-2 bil-penalties)* | | | |
| *(O.Farrugia)* | | *(H.Sulaiman)* | |
| Żebbuġ Rovers | 2 | Xewkija Tigers | 0 |
| *(M.Cordina 2)* | | | |
| ***Semi - finali*** | | | |
| Oratory Youths | 1 | SK Victoria Wanderers | 4 |
| *(A.Sacco)* | | *(D.Muscat, I.Adesina, J.Vella)* | |
| St Lawrence Spurs | 0 | Żebbuġ Rovers | 1 |
| | | *(J.Cefai)* | |
| ***Finali*** | | | |
| SK Victoria Wanderers | 5 | Żebbuġ Rovers | 1 |
| *(J.Vella, U.Monday pen, I.Adesina 3 (1 pen)* | | *(F.Magrin)* | |

# Imkejjen Għawdxin

*Versi ta' Anton F. Attard*
*Ritratti ta' Joseph J.P. Zammit*



## 5. Ġmiel in-Nadur



*Inħawi jgħaxxqu - għelieqi u ġonna,*
*Siġar u ħdura - ma' kullimkien,*
*Bil-blat u l-qnieneċ - mir-rjieħ imkenna*
*Sisien u isinda - qraten, widien...*

*Għal fuq il-baħar - ħelwin jiżżerżqu*
*Il-Kbir, ta' Vnuta - l-irdumijiet*
*Blatiet u ħaġar - għal isfel tgerbu*
*Mill-qċaċet samma - ta' fuq l-għoljiet.*





*Il-Wied ta' Ħanaq - u dak tar-Ramla,*
*Ħbula tar-raba' - seħer u ġmiel,*
*San Blas xejn inqas - il-ġenna hawn qiegħda*
*Ħdura tas-saqwi - qatt ma titbiel.*

*U l-bajja l-oħra - ta' Daħlet Qorrot,*
*Imkenna sewwa - taħt il-Qortin,*
*Larinġ u lumi - żebbuġ u siġar*
*Tal-ħarrub xjuħa - biz-zkuk ħoxnin.*





*Widien tas-seħer - dak Wied Binġemma*
*Inkella l-ieħor - Wied ir-Riħan,*
*Widien tas-saqwi - gliegel ta' l-ilma*
*U l-wiċċ tal-bikri - dejjem kotran.*

*U t-tempju ewlieni - ta' Pietru u Pawlu*
*Iħares hieni - fuq in-Nadur,*
*Għax dawn l-inħawi - mimlija ħajja*
*Ftit tara bħalhom - jekk tmur fejn tmur.*

# Djamanti ta' Għawdex

*Ritratti mill-Kunsill Lokali Nadur*

## IŻ-ŻEWĠ TORRIJIET FAMUŻI TAN-NADUR



Ta' Sopu



Ta' Kenuna



Kotba Reliġjużi bil-Malti?
ejjew nitolbu
TADEUSZ DAJCZER
X'NEMMEN?
Il-Fidi Mistħarrġa
Is-Sena ta' l-EWKARISTIJA
Erba' Dokumenti Pontifiċji
JOAN CARRO
Lejn is-Sema Pajjiżna
Lejn is-Sema Pajjiżna
Nghixu fil-Mulej
F'Marzu ma' San Ġużepp
Aktar minn 200 titlu differenti mnejn tagħżel għall-formazzjoni spiritwali tiegħek... jew bħala rigal għal ħbiebek!
Il-marka li jafha kulħadd!
LUMEN CHRISTI PUBLICATIONS
LUMEN CHRISTI MEDIA CENTRE
Triq Fortunato Mizzi, Victoria, Għawdex
Tel: 21560496 Fax: 21561860